# L-EDUKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA GĦAL SKOP TA' INKLUŻJONI MADWAR L-EWROPA

## Sfidi u opportunitajiet

TE4I

European Agency for Development in Special Needs Education

# L-EDUKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA GĦAL SKOP TA' INKLUŻJONI MADWAR L-EWROPA

## – Sfidi u opportunitajiet

**L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Ħtiġijet Speċjali**

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG tal-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-ideat tas-sieħba fil-proġett biss u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din l-istess pubblikazzjoni.

Editjat minn: Verity Donnelly, Membru tal-Istaff tal-Agency

Fit-tħejjija ta' dan id-dokument, il-kontribuzzjonijiet speċifiċi tal-esperti nnominati mill-pajjiżi li qegħdin jieħdu sehem fil-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' Inklużjoni, qegħdin jiġu mogħtija r-rikonoxximent mistħoqq.

Użu ta' partijiet minn dan id-dokument qegħdin jiġu permessi darba waħda ssir referenza ċara għas-sors. Dan ir-rapport għandu jiġi referut bħala: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Ħtiġijet Speċjali (2011) *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' Inklużjoni madwar l-Ewropa – Sfidi u opportunitajiet,* Odense, Denmark: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Ħtiġijet Speċjali [European Agency for Development in Special Needs Education (2011) *Teacher Education for Inclusion Across Europe – Challenges and Opportunities,* Odense, Denmark: European Agency for Development in Special Needs Education]

ISBN (Stampat): 978-87-7110-198-0
ISBN (Elettronika): 978-87-7110-219-2

© **European Agency for Development in Special Needs Education 2011**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

## KONTENUT

**DAĦLA** .......................................................... **5**

**1. INTRODUZZJONI** .......................................................... **7**

1.1 L-approċju adottat fl-Aġenzija għall-Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' proġett ta' Inklużjoni .......................................................... 8

*1.1.1 L-outputs tal-proġett* .......................................................... *9*

1.2 Rapport tas-sinteżi tal-proġett fuq l-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni. .......................................................... 10

*1.2.1 L-Objettivi tar-rapport* .......................................................... *11*

*1.2.2 Eżempji ta' prattika tal-pajjiżi* .......................................................... *12*

*1.2.3 L-istruttura tar-rapport* .......................................................... *12*

**2. KUNTESTI EWROPEJ U INTERNAZZJONALI GĦALL-EDUKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA – ID-DIBATTITU TAL-'INKLUŻJONI'** .......................................................... **13**

**3. ASPETTI TA' EDUKAZZJONI INIZJALI GĦALL-GĦALLIEMA** . **19**

3.1 Struttura għal edukazzjoni inizjali ta' għalliema .......................................................... 19

*3.1.1 Ir-rekwiżiti biex wieħed jidħol għall-kors* .......................................................... *21*

*3.1.2 Rappreżentanti minn gruppi minoritarji* .......................................................... *22*

3.2 Il-kontenut u l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema .......................................................... 22

*3.2.1 Assessjar* .......................................................... *24*

3.3 Approċji għal edukazzjoni inizjali għall-għalliema .......................................................... 25

*3.3.1 Korsijiet diskreti u integrati* .......................................................... *27*

*3.3.2 Korsijiet armonizzati* .......................................................... *30*

3.4 Attitudnijiet u valuri fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema .......................................................... 33

3.5 Sommarju .......................................................... 34

**4. IL-PRATTIKA TAT-TAGĦLIM** .......................................................... **36**

4.1 Sommarju .......................................................... 42

**5. EDUKATURI TAL-GĦALLIEMA** .......................................................... **43**

5.1 Żvilupp Professjonali .......................................................... 46

5.2 Sommarju .......................................................... 47

**6. IL-KOMPETENZI TAL-GĦALLIEM** .......................................................... **48**

6.1 Assessjar tal-kompetenzi .......................................................... 52

6.2 Sommarju ........................................................................53

**7. IL-KWALITÀ TAL-ASSIGURAZZJONI U S-SEGWITU .............55**

7.1 Sommarju ........................................................................57

**8. QAFAS TA' POLICY USA' GĦAS-SOSTENN TAL-EDUKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA GĦAL SKOP TA' INKLUŻJONI ........................................................58**

8.1 Terminoloġija ....................................................................58

8.2 Policies ħolistiċi li jsotnu lit-tgħallimin (learners) .........................59

8.3 Akkontabiltà ......................................................................61

8.4 Sommarju ........................................................................62

**9. ASPETTI EWLENIN U SFIDI ....................................................63**

9.1 Aspetti edukattivi tal-għallliema..................................................63
*9.1.1 L-ingaġġ u l-konservazzjoni...............................................63*
*9.1.2 Edukaturi tal-għalliema.....................................................65*
*9.1.3 Seħib mal-iskejjel ...........................................................66*
*9.1.4 Bidla informata bl-evidenza...............................................67*
*9.1.5 Kompetenzi tal-għalliema..................................................67*

9.2 Aspetti ta' policy usa' ..........................................................68
*9.2.1 Terminoloġija..................................................................68*
*9.2.2 Identifikazzjoni tat-tgħalliema (learners)..............................69*
*9.2.3 Sostenn għat-tgħalliema (learners) kollha...........................70*
*9.2.4 Aġendi konfliġġenti..........................................................71*

**10. RAKKOMANAZZJONIJIET FUQ IL-POLICY U L-PRATTIKA .74**

10.1 Rakkomandazzjonijiet għal edukazzjoni ta' għalliema .............74

10.2 Rakkomandazzjonjiet għal policy usa' .......................................77

**RIMARKI TAL-GĦELUQ ................................................................80**

**REFERENZI ...............................................................................82**

**IL-KONTRIBUTURI .......................................................................90**

# DAĦLA

Fit-tnedija tar-*Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà* tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fi New YorK (Ġunju 2011), jiena għafast fuq il-ħtieġa tal-importanza tal-għalliema: 'Aħna nistgħu niddiskutu l-inklużjoni f'ħafna livelli: il-livell konixxittiv, il-livell ta' policy, il-livell normattiv jew ta' riċerka, imma fl-aħħar mill-aħħar huwa l-għalliem li jkollu jieħu konjizzjoni tal-varjetà tal-istudenti fil-klassi! Huwa l-għalliem li jrid iwettaq il-prinċipji ta' edukazzjoni inklużiva. Jekk l-għalliem mhuwiex kapaċi jeduka l-varjetà tal-istudenti fil-klassi mainstream, l-intenzjonijiet kollha tajba ta' edukazzjoni inklużiva ma tkun tiswa xejn. Għalhekk l-isfida għall-futur hija l-iżvilupp ta' kurrikula u l-edukazzjoni tal-għalliema fil-mod kif jaħdmu għal skop ta' diversità.

Il-proġett ta' tliet snin tal-Agency inbeda fl-2009 bil-għan li jinvestiga kif l-għalliema kollha fil-mainstream huma mħejjija permezz ta' taħriġ inizjali biex ikunu 'inklużivi'. Ħamsa u ħamsin espert kienu involuti minn 25 pajjiż: l-Awstrija, il-Belġju (kemm dawk li jitkellmu l-Fjammin u l-kommunitajiet li jitkellmu l-Franċiz), Ċipru, id-Dannimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, l-Isvezja, l-Isvizzera l-Iżlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales), is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija.

Il-grupp tal-esperti inkluda l-policy makers – responsabbli mill-edukazzjoni tal-għalliema u l-edukazzjoni inklużiva – kif ukoll l-edukaturi tal-għalliema ġenerali u speċjali. Matul il-kors tal-proġett, għadd usa' ta' stakeholders oħra kienu involuti wkoll, fosthom studenti-għalliema, għalliema u leaders fl-iskejjel, amministraturi ta' oqsma lokali, rappreżentanti minn organizzazzjonijiet volontarji, tgħallimin (learners) u ġenituri. L-Aġenzija tiżżiħajr lil dawn kollha għall-kontribuzzjonijiet imprezzabbli tagħhom. (Għal aktar tagħrif u kuntatt mal-esperti wieħed isib id-dettalji f'Anness 1.)

Dan ir-rapport huwa sinteżi ta' rapporti dettaljati ta' pajjiżi dwar il-policy u l-prattika tal-edukazzjoni ta' għalliema għal skop ta' inklużjoni minn pajjiżi parteċipanti. Fih insibu wkoll tagħrif mir-rivisti ta' riċerka u letteratura bħala parti mill-proġett u l-informazzjoni miġbura fl-Istudji taż-Żjarat tal-erbatax-il pajjiż biex jieħdu minnhom eżempji interessanti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet għall-futur. Il-proġett se jipproduċi wkoll *Profil ta' Għalliema Inklużivi* li se joħoloqu qafas tal-

oqsma ta’ kompetenzi neċessarji għat-tħejjija tal-għalliema kollha biex jaħdmu f’ambjenti inklużivi, billi jagħtu każ tal-forom kollha tad-diversità. Huwa ttamat li dan ir-rapport, flimkien mad-dokument Profil se jkunu ta’ kontribuzzjoni sinifikanti għall-iżvilupp tal-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta’ inklużjoni madwar l-Ewropa.

**Cor Meijer**

Direttur

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni ta’ Ħtiġijiet Speċjali

# 1. INTRODUZZJONI

L-edukazzjoni tal-għalliema hija tema ta' importanza kbira fl-aġenda tal-policy madwar l-Ewropa kif ukoll fuq livell globali; u r-rwol tal-għalliema u bħala segwitu dik tal-edukazzjoni tal-għalliema li timxi lejn sistema ta' edukazzjoni aktar inklużiva, qiegħda tiġi rikonoxxuta.

*Ir-Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà* (2011) jagħfas fuq: 'It-taħriġ adekwat għall-għalliema mainstream bħala li huwa kruċjali jekk huma jridu jkunu kunfidenti u kompetenti fit-tagħlim tat-tfal bi ħtiġijiet diversi'. Fl-istess ħin jenfasizza l-ħtieġa li dan it-taħriġ ikun iffukat fuq attitudnijiet u valuri, u mhux biss fuq għerf-għarfien, u ħiliet (p. 222).

Lejn l-aħħar tal-2007 ir-rappreżentanti tal-pajjiżi membri tal-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni ta' Ħtiġijiet Speċjali (the Agency) iltaqgħet biex tiddiskuti kwistjonijiet relatati mas-suġġett tal-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni, li kienet ingħatat prijorità bħala qasam ta' eżaminazzjoni tal-Agency mis-sena 2009 'il quddiem.

Wara xi diskussjonijiet u fid-dawl tal-prijoritajiet ta' dak iż-żmien fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali tal-pajjiżi membri, ittieħdet deċiżjoni li jkun hemm foku fuq mistoqsija essenzjali: kif jistgħu l-għalliema kollha jitħejjew b'taħriġ inizjali biex ikunu 'inklużivi?'

Għall-ewwel, l-idea ewlenija tal-proġett kienet tirreferi għall-'għalliema ġenerali u mainstream', imma aktar tard tbiddlet għall-għalliema 'kollha' minħabba li l-parteċipanti fil-proġett ħassew bis-sħiħ li l-għalliema kollha għandhom jitħejjew biex jieħdu responsabiltà għat-tgħallimin (learners) kollha fil-klassi. Huma wkoll għarfu l-fatt li l-għalliema kien se jkollhom sostenn biex jibnu l-ħila tagħhom li jagħmlu dan.

Il-proġett ta' tliet snin beda biex jeżamina l-ħiliet essenzjali, l-għerf u l-fehim, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa minn kull min se jidħol fil-professjoni tal-għalliema, indipendentement mis-suġġett, speċjalizmi jew medda ta' età li jgħallmu jew it-tip ta' skola li se jgħallmu fiha.

L-għan tal-proġett kien li jipprovdi informazzjoni fuq l-aħjar policy u l-prattika biex issostni l-iżvilupp tal-edukazzjoni tal-għalliema għall-inklużjoni. Din kellha tieħu din il-forma:

- Rakkomandazzjonijiet għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għall-għalliema;

- Rakkomandazzjonijiet għal min jiddeċiedi l-policy;
- Eżempji ta' prattika innovattiva.

Minħabba li membri ta' pajjiżi tal-Agency talbu wkoll informazzjoni fuq l-kompetenzi, l-attitudnijiet u l-istandards meħtieġa għall-għalliema kollha li jaħdmu f'ambjenti inklużivi, riżultat ewlieni tal-proġett kien se jkun profil ta' għalliema inklużivi msejjes fuq livell ta' informazzjoni nazzjonali, imma maqbul fil-livell Ewropew. Aktar tagħrif huwa pprovdut f'sezzjoni 1.1.

Dan ir-rapport jagħti bidu għall-metodoloġija tal-proġett u l-kuntest tal-isfond għall-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni fl-Ewropa. Dan ir-rapport jipprovdi sommarju tal-informazzjoni miġbura minn rapporti ta' pajjiżi sottomessi mill-pajjiżi parteċipanti, li wieħed isib fid-Daħla. Għalkemm 25 pajjiż ħadu sehem fil-proġett, 29 rapport ġew sottomessi, inklużi rapporti individwali mill-komunitajiet li jitkellmu l-Fjammin u l-Franċiż tal-Belġju u l-erba' ġurisdizzjonijiet tar-Renju Unit – l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales.

## 1.1 L-approċju adottat fl-Aġenzija għall-Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' proġett ta' Inklużjoni

Wara l-istħarriġ ta' dokumenti internazzjonali ta' policy u l-letteratura ta' riċerka sa mis-sena 2000 (it-tnejn jistgħu jinkisbu minn: http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion), sar stħarriġ inizjali tal-pajjiżi membri tal-Agency fuq aspetti ewlenin u sfidi assoċjati mal-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni. Informazzjoni aktar dettaljata dwar il-policy u l-prattika mbagħad inġabret permezz ta' kwestjonarju lil esperti nominati mill-pajjiżi parteċipanti.

Laqgħa inizjali tal-ftuħ saret f'Dublin f'Ottubru 2009 u laqgħa aktar fid-dettall saret fi Zürich f'Settembru 2010. Iż-żewġ laqgħat, barra l-opportunitajiet għal skop ta' nettwerkjar, sostnew is-sehem tal-esperti tal-pajjiżi fl-ippjanar u l-bini tal-kampjun tal-outputs tal-proġett.

Żjajjar għal skop ta' studju f'ħames pajjiżi saru fl-2010 u disa' oħra fl-2011. Dawn iż-żjajjar taw kontribuzzjonijiet ta' valur għall-proġett billi pprovdew opportunitajiet ta' dibattitu dwar oqsma ewlenin, f'kompetenzi partikolari għal għalliema 'inklużivi' fost l-esperti u l-policy makers tal-pajjiżi. Dettalji kompluti taż-żjajjar tal-pajjiżi jistgħu jinstabu f': http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion/country-study-visits

Il-proġett kien sostnut minn membri tal-Grupp Konsultattiv tal-Proġett għall-membri tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency u l-Koordinaturi Nazzjonali, l-istaff tal-Agency u l-konsulent estern, Kari Nes min-Norveġja. Grupp estiż ta' Konsulenti ta' Proġett iltaqgħu wkoll matul il-proġett ma' rappreżentanti mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummisjoni Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura (DG-EAC), l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u ċ-Ċentru tal-Iżvilupp għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Edukazzjoni (OECD-CERI) u l-Bureau Internazzjonali tal-Edukazzjoni tal-UNESCO (IBE) biex jassiguraw konsistenza ma' inizjattivi oħra Ewropej u internazzjonali f'dan il-qasam ta' xogħol.

### *1.1.1 L-outputs tal-proġett*

Barra t-tagħrif tar-riċerka tal-letteratura u l-policy li semmejna diġà, l-outputs tal-proġett jinkludu:

– Rapporti fuq l-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni minn 29 pajjiż. Dawn ir-rapporti kollha wieħed jista' jniżżilhom minn: http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion/country-info . Ir-rapporti tal-pajjiżi huma ppreżentati wkoll f'format konsistenti biex jgħinu fir-riċerka bejn il-pajjiżi permezz ta' temi speċifiċi;

– Dokument 'matriċi' li jorbot l-evidenza mill-proġett direttament mar-rakkomandazzjonijiet tal-proġett li wieħed isib f'dan, ir-rapport tas-sinteżi tal-proġett. Id-dokument matriċi jieħu informazzjoni mir-rivisti tal-letteratura u l-policy, ir-rapporti tal-pajjiżi u l-istudji taż-żjajjar u r-referenzi għal din l-evidenza tar-rakkomandazzjonijiet ippreżentata fil-kapitli finali ta' dan ir-rapport. Din tinkiseb minn: http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion

– *Profil ta' Għalliema Inklużivi* ġie żviluppat matul il-proġett bħala riżultat tar-riċerka, it-tagħrif tal-pajjiżi u b'mod partikolari, diskussjonijiet ma' esperti tal-proġett u stakeholders matul iż-żjajjar tal-istudju. Id-9 żjajjar ta' studju tal-2011 intużaw speċifikatament biex jivvalidaw u jivverfikaw il-kontenut tal-*Profil tal-Għaliema tal-Inklużjoni.*

Il-Profil jipprovdi qafas ta' oqsma ta' kompetenza applikabbli għal kwalunkwe programm ta' edukazzjoni għall-għalliema (i.e. li ma tkunx speċifika għall-età, fażi, settur jew kwalunkwe rotta ta' tqassim jew metodu). L-oqsma tal-kompetenza għandhom jiġu żviluppati matul l-

Edukazzjoni Inizjali tal-Għalliema (ITE) u tintuża bħala sies għal żvilupp professjonali li jiġi aktar tard. Il-profil huma mibni fuq valuri qofol maqbula li jidhru bħala essenzjali għall-għalliema kollha li jaħdmu fl-edukazzjoni inklużiva, li jieħdu responsabiltà għal kull min ikun qiegħed jitgħallem. L-oqsma ta' kompetenza huma:

- L-ivvalorizzar tad-diversità ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem: id-differenza hija meqjusa bħala riżorsa u bżonn għall-edukazzjoni;
- Sostenn għal kull min ikun qiegħed jitgħallem: l-għalliema jkollhom aspettazzjonijiet għolja għal dak li jistgħu jiksbu dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu;
- Ħidma ma' ħaddieħor: kollaborazzjoni u xogħol f'tim huma approċji essenzjali għall-għalliema kollha;
- Żvilupp personali professjonali: it-tagħlim huwa attività ta' tgħallim – l-għalliema jieħdu r-responsabbiltà għat-tgħallim tul il-ħajja.

Għal kull qasam ta' kompetenza jkun hemm attitudnijiet, konvinzjonijiet, għerf-għarfien u fehim, ħiliet u abilitajiet. Il-profil huwa wiesa' intenzjonalment biex jgħin lill-pajjiżi biex jadattawh għall-kuntesti relevanti tagħhom, wara dibattiti ma' għadd wiesa' ta' stakeholders.

Aktar tagħrif fuq il-Profil jinkiseb mill-web tal-proġett: http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion

Fl-aħħar, il-proġett wassal għall-iżvilupp ta' dan ir-rapport ta' sinteżi, li jieħu mis-sorsi kollha tal-informazzjoni tal-proġett għal skop ta' ġbir tas-sejbiet ewlenin li għandhom x'jaqsmu mal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni fl-Ewropa.

## 1.2 Rapport tas-sinteżi tal-proġett fuq l-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni.

It-tim tal-proġett tal-Agency kien konxju li r-rapporti tal-EURYDICE Eurybase jipprovdu sors komprensiv ta' informazzjoni fuq l-edukazzjoni fil-livell Ewropew, inkluża l-informazzjoni fuq l-edukazzjoni inzjali tal-għalliema. Ir-rapport EURYDICE Eurybase jista' jitniżżel minn: http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/index_en.php

It-timijiet tal-Pajjiżi magħmula mill-membri tal-Bord tar-Rappreżentanti tal-Agency u l-Koordinaturi Nazzjonali, flimkien mal-

esperti tal-pajjiżi, lestew il-kwestjonarju biex jipprovdu informazzjoni għall-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni li jiżviluppaw b'mod kontinwu, aktar milli jiddupplikaw l-informazzjoni Eurybase. Dawk li wieġbu l-kwestjonarju ntalbu jikkummentaw fuq id-definizzjoni ta' inklużjoni u l-policy nazzjonali u l-prinċipji li jimpattaw b'mod partikolari fuq l-edukazjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni f'pajjiżhom. Huma inkludew ukoll informazzjoni u eżempji innovattivi ta' policy u prattika kurrenti fil-qasam speċifiku tal-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni. Wieħed jista' jara l-kwestjonarju fil-web area tal-proġett Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' Inklużjoni (TE4I) f': http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion/annexes

L-informazzjoni tal-pajjiż kienet is-sors ewlieni ta' evidenza fit-tħejjija ta' dan ir-rapport ta' sinteżi. Madankollu, minħabba l-kuntesti varjanti u l-fehim differenti ta' edukazzjoni inklużiva, l-informazzjoni mir-rapporti tal-pajjiżi hija primarjament użata f'dan ir-rapport biex tiffoka fuq aspetti ewlenin u aspetti komuni, u biex tipprovdi xi tip ta' analiżi ta' xi differenzi li jista' jkun hemm biex wieħed jitgħallem minn dawn u juri toroq possibbli 'l quddiem. Ta' min jinnota li, minħabba riformi riċenti fl-edukazzjoni ogħla fl-Ewropa, ħafna pajjiżi dan l-aħħar, jew ukoll f'dawn iż-żminijiet stess, jinsabu għaddejjin minn tibdil sinifikanti fiż-żmien li l-istħarriġ kien tlesta.

### *1.2.1 L-Objettivi tar-rapport*

L-objettivi ta' dan ir-rapport huma li:

- Jipprovdu sinteżi fil-livell nazzjonali ta' xejriet, xebh u differenzi b'tagħrif kuntestwali relevanti u tagħrif ta' sostenn minn strands ta' proġett oħra – it-tagħrif tal-letteratura u ż-żjajjar tal-pajjiżi;
- Jidentifikaw oqsma ewlenin u sfidi komuni għal dawk li jagħmlu l-policy u għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema (ITE) biex jimxu lejn edukazzjoni ta' għalliema għal inklużjoni f'kuntesti ta' policy nazzjonali differenti;
- Ixerrdu tagħrif dwar innovazzjonijiet u approċji biex jeħilsu mix-xkilijiet biex tinbidel il-policy u l-prattika fl-edukazzjoni tal-għalliema;
- Jiġu identifikati rakkomandazzjonijiet għall-edukazzjoni tat-tagħlim inizjali tal-għalliema u policy ta' edukazzjoni usa', imsejsa fuq

evidenza minn tagħrif f'livell Ewropew u nazzjonali u riċerka tal-proġett.

### 1.2.2 Eżempji ta' prattika tal-pajjiżi

Ħafna pajjiżi pprovdew eżempji ta' prattika fl-edukazzjoni tal-għalliema li saret referenza għaliha f'dan ir-rapport-sinteżi biex ikunu jistgħu jiġu spjegati xi punti ewlenin. Hekk kif il-prattika tvarja bejn il-pajjiżi, dawn l-eżempji mhux neċessarjament jirrappreżentaw b'mod definit jew konsistenti l-prattika tal-pajjiżi.

Xi eżempji li joqogħdu għal rashom qegħdin jiġu ppreżentati f'kaxex ta' test (text boxes), bħala vignettes f'kapitlu 2, 3, 5 u 6 biex juru approċji innovattivi għall-edukazzjoni tal-għalliema f'livell inizjali. L-għan tagħhom huwa li jistimulaw il-ħsieb biex jimxu lejn edukazzjoni ta' għalliema li effettivament tipprepara lill-għalliema l-ġodda kollha biex jipprovdu għall-ħtiġijiet diversi fil-klassijiet ta' żmienna. Eżempji iqsar ta' prattika fil-pajjiżi huma inklużi matul it-test ewlieni.

### 1.2.3 L-istruttura tar-rapport

Matul ir-rapport, it-terminu 'tgħallimin'/'learners'/'dawk li qegħdin jitgħallmu' huwa ġeneralment użat biex jirreferi għal tfal jew nies ta' età żagħżugħa tal-età tal-iskola u t-terminu 'student-għalliem' jew 'student ITE' biex jirreferi għal dawk li diġà qegħdin fl-edukazzjoni tal-għalliema. It-terminu 'edukazzjoni tal-għalliema' jintuża minflok 'taħriġ tal-għalliema' biex jirrifletti l-ħtieġa għall-għalliema li jinvolvu ruħhom fl-istudju u r-riflessjoni biex jiżviluppaw l-għerf-għarfien u fehim rafforzanti biex isostnu l-iżvilupp tal-ħiliet.

Is-sezzjoni li ġejja tiddiskuti xi wħud mill-isfidi komuni identifikati mill-pajjiżi membri u mil-letteratura Ewropea u internazzjonali. Ir-rapport imbagħad jipprovdi taqsira tal-prattika tal-pajjiż fl-edukazzjoni tal-għalliema għall-inklużjoni, li jinkludu oqsma ewlenin, kontenut ta' kurrikulu, assessjar, informazzjoni dwar edukaturi tal-għalliema u l-kompetenzi. L-analiżi tar-riżulati huma mogħtija fil-forma mqassra f'sezzjoni fuq l-aspetti ewlenin u l-isfidi qabel ma nagħmlu r-rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati dawn biex inkunu nistgħu nsaħħu l-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni.

## 2. KUNTESTI EWROPEJ U INTERNAZZJONALI GĦALL-EDUKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA – ID-DIBATTITU TAL-'INKLUŻJONI'

Dan il-kapitlu jagħti xi wħud mill-isfidi komuni li jiġu wiċċ mbwiċċ magħhom pajjiżi hekk kif jimxu lejn sistemi ta' edukazzjoni inklużiva u, b'mod partikolari, oqsma ewlenin biex jiżviluppaw edukazzjoni ta' għalliema għal skop inklużiv.

Ħafna pajjiżi llum jużaw it-terminu 'inklużjoni' f'relazzjoni ma' medda aktar wiesgħa ta' 'tgħallimin' (learners) li għandhom ċans li jiġu esklużi minn dawk li huma identifikati bħala li għandhom ħtiġijiet għal edukazzjoni speċjali (SEN). It-48 sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni (ICE) (2008) irrakkomandat li l-policy makers għandhom jagħrfu l-fatt li: 'l-edukazzjoni inklużiva hija proċess kontinwu li l-għan tagħha hu li toffri edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd filwaqt li tirrispetta d-diversità u l-ħtiġijiet u l-abiltajiet differenti, il-karatteristiċi u l-aspettazzjonijiet ta' tgħallim tal-istudenti u l-komunitajiet, u li jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni' (UNESCO-IBE 2008, p. 3).

Madankollu, aspett ewlieni li saret referenza għalih fil-letteratura riċenti kif ukoll fir-rapporti tal-proġetti tal-pajjiżi hija dik tat-terminoloġija. Ainscow u l-kollegi (2006) filwaqt li għarfu l-kumplessità ta' dan l-aspett, ħolqu din it-tipoloġija ta' sitt modi ta' kif wieħed għandu jaħseb dwar l-inklużjoni li lkoll jidhru f'livelli varji fir-rapporti tal-proġett tal-pajjiżi:

- Inklużjoni bħala impenn ma' studenti b'xi diżabiltà u oħrajn ikkategorizzati bħala li 'għandhom ħtiġijiet għal edukazzjoni speċjali';
- Inklużjoni bħala tweġiba għal esklużjoni dixxiplinarja;
- Inklużjoni f'relazzjoni mal-gruppi kollha li jkollhom ċans li jiġu esklużi;
- Inklużjoni bħala li tiżviluppa l-iskola għal kulħadd;
- Inklużjoni bħala 'Edukazzjoni għal kulħadd';
- Inklużjoni bħala approċju pprinċipjat għall-edukazzjoni u s-soċjetà.

Haug (2003) jissuġġerixxi li hemm żewġ livelli ta' definizzjoni – wieħed li għandu x'jaqsam mal-ideoloġija u orjentazzjoni ta' valur; u ieħor li għandu x'jaqsam ma' kif dawn jinfluwenzaw l-prattika edukattiva (jiġifieri li jżidu l-fellowship (sens ta' skop komuni fi grupp), il-parteċipazzjoni, id-demokratizzazzjoni u li jipprovdu l-benefiċċju lil kulħadd).

Filwaqt li ħafna pajjiżi jinsabu miexja lejn in-nozzjoni ta' 'skola għal kulħadd', oħrajn ikomplu jiffukaw l-attenzjoni primarjmanet fuq tgħallimin (learners) b'diżabilitajiet u ħtiġijiet għal edukazzjoni speċjali u dawk li l-imġiba tagħhom tista' tikkawża disturb fil-klassi. L-użu tat-terminu 'integrazzjoni' għadu komuni f'xi pajjiżi, fis-sens ta' diskussjonijiet li fil-qofol tagħhom għandhom x'jaqsmu ma' fejn se jitqiegħed it-tgħalliemi (learner) – jekk hux fi skejjel speċjali jew mainstream. Ir-rapport tal-pajjiż tal-Ungerija jitkellem dwar dibattitu riċenti fejn l-inklużjoni jekk din tfissirx li kull tgħalliemi (learner) 'ikunx taħt l-istess saqaf' fi skola komuni, jew jekk ikunx imsieħeb fi 'sforz ta' tgħallim komuni' li jirriżulta f'inklużjoni, u għalhekk ikun kompatibbli ma' ssettjar speċjalizzat.

Xi ftit pajjiżi qegħdin ibiddlu l-kategoriji marbuta mal-ħtiġijiet għal edukazzjoni speċjali u d-diżabiltajiet ma' ideat li jxekklu t-tgħallim u l-parteċipazzjoni. Norwich (2010) jgħid li t-terminu 'edukazzjoni għal ħtiġijiet edukattivi speċjali' kien introdott biex nimxu 'l hemm mill-kategoriji-defiċit u nżidu l-iffukar fuq dak li kien meħtieġ biex nipprovdu l-opportunitajiet ta' tgħallim u nsostnu t-tgħallim. Madankollu, minkejja dejjem aktar attenzjoni għall-kuntest tal-assessjar u l-ambjent tat-tgħallim, il-foku fuq l-illejbiljar negattiv ħafna drabi jibqa'. Dan id-dibattitu mhuwiex ġdid. Fl-1993, Ayers stqarr li: 'Fl-att tat-tagħlim iċċentrat fuq il-bniedem, kull attentat biex jiġu definiti l-kategoriji jniżżel il-livell tal-fehmiet tagħna, jagħti direzzjoni ħażina lill-viżjoni tagħna u jfixkel l-intenzjonijiet tagħna. Il-lejbils … joffru lenti singla li tikkonċentra fuq defiċit speċifiku meta dak li ninħtieġa huma modi multipli kif inħarsu lejn sħuħijiet dejjem jinbidlu tat-tifel/tifla' (p. 228).

Naukkarinen (2010) isostni li l-għalliema għandhom jaraw lil kull min jitgħallem bħala 'intelliġenzi multipli u stili ta' tgħallim fuq meded ta' dimensjonijiet, aktar milli li jappartjenu għal kategorija' (p. 190). Dan it-tip ta' fehim jgħin biex ikun hemm żvilupp ta' mudell ta' 'kontinwu ta' servizzi ta' sostenn' aktar milli mudell ta' edukazzjoni speċjali msejjes fuq kategorizzazzjoni u speċjalizzazzjoni. Enfasi fuq il-parteċipazzjoni

kif ukoll fuq it-tgħallim hija meħtieġa, b'tali mod li timxi mill-ħruġ 'il barra ta' min ikun qiegħed jitgħallem mill-klassi għal input speċjalista li l-għan tiegħu jkun li 'jirranġa' d-diffikultajiet. Pijl (2010) issuġġerixxa li mudell ta' ħsieb mediku ta' dat-tip, li jinkludi l-provvediment ta' taħriġ speċjalizzat għall-għalliema, jista', minnu nnifsu, iwassal għal żieda f'termini ta' referrals għal edukazzjoni speċjali, l-istess kif tagħmel in-nuqqas ta' kunfidenza tal-għalliema u l-kompetenza biex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ħtiġijiet diversi ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem. Madankollu, il-ħtieġa li s-sostenn 'kompensatorju' teħodlu postu r-riforma tat-tagħlim u t-tgħallim u l-attenzjoni għall-ambjent biex tiżdied il-kapaċita tal-iskejjel biex jirrispondu għad-diversità, qiegħda tingħata dejjem aktar għarfien.

Sliwka (2010) jiddeskrivi l-qabża fil-paradimma minn omoġeneità għal eteroġeneità għal diversità – terminoloġija li dejjem qiegħda tiżdied madwar l-Ewropa. F'dan ix-xenarju, id-differenza għall-ewwel ma tkunx rikonoxxuta, imbagħad tidher bħala sfida li wieħed irid jittratta, imbagħad fl-aħħar tidher bħala bżonn jew opportunità. Fl-ewwel paradimma (omoġeneità), kull min ikun qiegħed jitgħallem għandu jiġu pperċeput bħala li huwa simili u jiġi ttrattat bl-istess mod. Fit-tieni (eteroġeneità) aġġustamenti jsiru għal differenzi fost dawk li jitgħallmu filwaqt li fit-tielet (diversità), id-differenzi jidhru bħala riżors għal tgħallim individwali u mutwu, u l-iżvilupp. Fir-rapporti tal-pajjiżi, id-disa' pajjiżi jużaw it-terminu 'eteroġenju' jew 'eteroġeneità' u filwaqt li ħafna oħrajn jużaw it-terminu 'diversità'; din il-bidla fit-terminoloġija, madankollu, mhux dejjem tirrifletti bidla fil-ħsieb.

Huwa importanti li naqblu fuq terminoloġija konsistenti bejnietna, u jekk inhu possibbli bejn il-pajjiżi, biex insostnu l-mixja 'l quddiem lejn aktar inklużjoni fl-edukazzjoni u f'soċjetà Ewropea usa'. Huwa essenzjali wkoll li l-ideoloġija bażi assoċjata mat-termini użati tkun tinftiehem b'mod wiesa', per eżempju, il-lingwa li ssostni l-mixja minn dehra 'karitatevoli' tad-diżabiltà lejn l-approċju tad-drittijiet umani. Dan l-aspett tat-terminoloġija huwa diskuss f'aktar profondità f'kapitlu 8 ta' dan ir-rapport.

Biex wieħed ikollu konsistenza fit-terminoloġija u jassigura approċju ħolistiku għall-policy-making, jinħtieġ dibattitu wiesa' biex jinkiseb xi tip ta' qbil bejn il-gruppi tal-istakeholders ewlenin fuq l-valuri u l-prinċipji li jiggwidawna. Arnesen u l-kollegi (2009) isostnu li fl-edukazzjoni, il-policies tal-inklużjoni ġew assoċjati ma' dawn il-valuri u l-prinċipji li huma aktar wiesgħa:

- Aċċess u kwalità;
- Ekwità u ġustizzja soċjali;
- Valuri demokratriċi u parteċipazzjoni;
- Bilanċ bejn il-(komm)unità u d-diversità.

L-inċertezzi tal-policy dwar l-inklużjoni jqumu hekk kif isiru sforzi biex wieħed jagħti każ tal-valuri diversi u jirrisolvi d-dilemma dwar il-kommunalità (li wieħed jgħin fil-ħtiġijiet tat-tfal kollha u jippromwovi l-appartenenza u l-aċċettazzjoni) u d-differenzazzjoni (li jwieġeb għall-ħtiġijiet individwali) li tkellem dwarhom Minnow (1990); 'Meta jiġri li meta wieħed jittratta lin-nies b'mod differenti ikun qiegħed jenfasizza d-differenzi tagħhom u jistigmatizza jew jostakulahom fuq dik l-istess bażi? U meta jiġri li meta n-nies jiġu ttrattati bl-istess mod wieħed jiġi insensittiv għad-differenzi tagħhom u ċ-ċans hu li jistigmatizza jew jostakulahom fuq dik il-bażi?' (p. 20)

Dan l-aspett jimpatta wkoll fejn it-tgħallimin (learners) għandhom jitgħallmu, (il-kontenut tal-kurrikulu) dak li għandhom jiġu esposti għalih u kif (pedagoġija) għandhom jiġu mgħallma. Dawn it-tensjonijiet huma diskussi aktar fit-tul f'kapitlu 8.

Madankollu, wieħed irid jagħti importanza wkoll il-fatt li hemm gruppi ta' nies żgħażagħ li jkollhom ħafna ħtiġijiet kumplessi li ċ-ċans hu li dejjem ikunu jinħtieġu sostenn. F'każijiet bħal dawn, l-imperattiv għal edukazzjoni inklużiva hu li tiġi żviluppata l-indipendenza safejn huwa possibbli u jiġi assigurat li n-nies żgħażagħ kollha jkollhom esperjenza ta' relazzjonijiet li jsostnu biex iwasslu lil dak li jkun jiżviluppa netwerk ta' sostenn fil-kommunitajiet lokali.

Fir-rigward ta' tfal u nies żgħażagħ b'diżabiltà, il-Konvenzjonijiet fuq id-Drittijiet ta' Persuna b'Diżabiltajiet tan-Nazzjonijiet Uniti qiegħda toħloq sens ta' bidla, imma filwaqt li ħafna pajjiżi ffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni – u l-Unjoni Ewropea nnifisha ffirmat kemm il-Konvenzjoni u l-Protokol Opzjonali (ara: http://www.un.org/disabilities/ għal aktar tagħrif) – il-varjazzjoni wiesgħa fl-Ewropa fl-interpretazzjonijiet ta' 'edukazzjoni inklużiva' u xi tfisser din fil-prattika tibqa'.

Artiklu 24 tal-Konvenzjoni jgħid li l-edukazzjoni inklużiva tipprovdi l-aħjar ambjent edukattiv għal tfal b'diżabilitajiet u jgħin biex jonqos ix-xkiel u jiġu sfidati l-isterjotipi. Il-konvenzjoni tenfasizza l-ħtieġa li nħarrġu l-għalliema kollha biex jgħallmu fi klassijiet inklużivi –

konklużjoni sostnuta minn ħafna komunikazzjonijiet oħra fil-livell Ewropew li tagħraf d-diversità dejjem aktar tiżdied fil-klassijiet ta' żmienna.

Il-Konklużjonijiet riċenti tal-*Kunsill fuq id-Dimensjoni Soċjali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ* (Il-Kunsill tal-Ministri, 2010) jinnutaw li l-edukazzjoni u s-sistemi tat-taħriġ madwar l-Ewropa jinħtieġ li jassiguraw kemm ekwità kif ukoll eċċellenza u jagħrfu li titjib fil-ksib edukattiv u l-kompetenzi-qofol għal kulħadd huma kruċjali, mhux biss għall-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività imma wkoll biex jitnaqqas il-faqar u tiġi mrawma l-inklużjoni soċjali. Din tagħti importanza lil policies ħolistiċi li jrawmu kollaborazzjoni bejn aġenziji u jassiguraw konsistenza bejn l-oqsma tax-xogħol. Kif isostni Garcia-Huidobro (2005), l-ekwità jinħtieġ li tkun fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet tal-policy ġenerali u ma tkunx limitata għall-policies periferali orjentati biex jikkoreġu l-effetti tal-policies ġenerali li ma jaqblux għal kollox mal-loġika tal-ġustizzja u l-prevenzjoni.

L-OECD (2007) jagħfas fuq żewġ dimensjonijiet ta' ekwità fl-edukazzjoni – imparzjalità, li timplika li l-assigurazzjoni taċ-ċirkustanzi personali u soċjali m'għandhomx ikunu ostaklu biex wieħed jikseb il-potenzjal edukattiv, u l-inklużjoni, li timplika l-assigurazzjoni ta' standard ta' edukazzjoni bażika minima għal kulħadd. L-OECD jgħid li l-edukazzjoni inklużiva hija ta' min jixtieqha għax:

- Hemm imperattiv ta' drittijiet umani għal nies biex ikunu kapaċi jiżviluppaw il-kapaċitajiet u jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà. L-ispejjeż soċjali fit-tul u finanzjarji tal-falliment fl-edukazzjoni huma għoljin;
- Dawk mingħajr ħiliet li jipparteċipaw soċjalment u ekonomikament jiġġeneraw spejjeż ogħla għas-saħħa, sostenn ta' dħul, welfare tat-tfal u sigurtà;
- Żieda fil-migrazzjoni żżid sfidi ġodda ta' koeżjoni soċjali f'xi pajjiżi filwaqt li pajjiżi oħra jaffaċċjaw problemi ta' żmien twil fl-integrazzjoni ta' minoritajiet. Ekwità fl-edukazzjoni ttejjeb il-koeżjoni soċjali u l-fidì.

Konklużjoni li toqgħod għal dan il-kapitlu jagħtihielna Barton (1997) li jikteb: 'L-edukazzjoni inklużiva hija kif tirrispondi għad-diversità; hija dwar kif tisma' vuċijiet mhux familjari, tkun miftuħ, tagħti s-saħħa lill-membri kollha u kif tiċċelebra id-"differenza" b'modi dinjitużi' (p. 234)

Il-bqija ta' dan ir-rapport għandu l-għan li jiddiskuti l-aspetti ewlenin fl-iżvilupp tal-edukazzjoni tal-għalliema biex il-professjoni tiġi mgħammra b'ħiliet, għerf u fehim, attitudnijiet u valuri li jsostnu dawn l-aspirazzjonijiet. Aktar informazzjoni fuq dawn il-vignettes u eżempji inklużi fil-kapitli li ġejjin jistgħu jinstabu fir-rapporti tal-pajjiżi individwali f': http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion/country-info

# 3. ASPETTI TA' EDUKAZZJONI INIZJALI GĦALL-GĦALLIEMA

Din is-sezzjoni se tagħfas fuq ix-xejriet ewlenin tal-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni fil-pajjiżi membri tal-Agency u tipprovdi xi analiżi fuq l-istruttura u l-kontenut ta' korsijiet għall-edukazzjoni inizjali ta' għalliema.

## 3.1 Struttura għal edukazzjoni inizjali ta' għalliema

Waħda mill-prijoritjiet ewlenin għall-edukazzjoni tal-għalliema identifikati minn min wieġeb l-istħarriġ fil-bidu tal-istudju inkludiet il-ħtieġa ta' reviżjoni mill-ġdid tal-istruttura biex ittejjeb l-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni u biex iġġib flimkien l-edukazzjoni tal-mainstream mal-għalliema tal-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali. Ir-rwol dejjem jinbidel tal-għalliem kulma jmur qiegħed jagħraf, u jenfasizza l-ħtieġa ta' tibdil sinifikanti fil-mod kif l-għalliema huma mħejjija għar-rwoli professjonali u responsabiltajiet. Ir-rapport mil-Litwanja jgħid: 'Is-soċjetà tal-għerf – se tbiddel ir-rwol tal-għalliem: min għandu l-għerf-tagħrif, se jeħodlu postu l-organizzatur tal-proċess tat-tgħallim, il-ħallieq tal-opportunitajiet tat-tgħallim, il-konsulent tat-tgħallim, is-sieħeb u l-medjatur bejn it-tgħalliemi (learner), u s-sorsi differenti u moderni tal-informazzjoni' (p. 4).

L-informazzjoni mir-rapporti tal-pajjiżi turi li hemm medda wiesgħa ta' korsijiet ta' edukazzjoni għall-għalliema fil-livell inizjali li jvarjaw fit-tul u l-kontenuti. Għalkemm ir-riformi ta' Bologna tal-edukazzjoni ogħla fl-Ewropa wasslu biex ikun hemm konsistenza formali dejjem tikber, it-tul ta' korsijiet dwar edukazzjoni inizjali għall-għalliema bħalissa tvajra bejn 2 u 5.5 snin. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi madankollu jinħtieġu kors ta' Baċellerat ta' 3 jew 4 snin b'minorità jestendu dan għal programm Masters ta' 4 jew 5 snin (eż. il-Fillandja, il-Portugal, l-Iżlanda, Franza, Spanja). Dan definittivament huwa żvilupp pożittiv f'termini kemm ta' status ta' għalliema u l-ħin miżjud għal studji u prattiċi relevanti – filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-approċji li huma aktar inklużivi ma jistgħux jintlaħqu sempliċiment billi wieħed 'iżid kif meħtieġ' kontenut addizzjonali.

Iż-żewġ mudelli ta' edukazzjoni inizjali għall-għalliema huma l-'konkurrent' li fih is-'suġġetti' tal-iskola, u l-għerf u l-ħiliet meħtieġa biex tgħallimhom, huma studjati fl-istess ħin; u l-'konsekuttiv' li fih l-edukazzjoni f'istituzzjoni edukattiva ogħla (HEI) f''suġġett' wieħed jew

aktar tal-iskola jiġi segwit minn korsijiet separati li jinvolvu l-pedagoġija, id-didattika,il-prattika fil-klassi, eċċ.

Huwa interessanti li wieħed jinnota li Spanja hija miexja minn lawrija flimkien ma' kors qasir ta' 'aġġornament edukattiv' għall-għalliema tas-sekondarja għal taħriġ fil-livell ta' Masters. Dan qiegħed isir minħabba r-rata ta' tfal li ma jkomplux l-iskola fl-edukazzjoni sekondarja. Fi Franza, hemm ippjanat ukoll pass mill-mudell 'konsekuttiv' għall-mudell 'konkurrent'. Fil-Ġermanja, l-edukazzjoni tal-għalliema hija maqsuma f'żewġ stadji, kors ta' pedagoġija fl-edukazzjoni ogħla flimkien ma' pedagoġija u didattika li jsiru fit-tħarriġ fl-iskejjel.

F'xi pajjiżi, l-edukazzjoni tal-għalliema ssir fl-HEIs li ma jkollhomx status ta' università imma jistgħu jagħtu d-degree. Madankollu, Franza dan l-aħħar għaddiet l-edukazzjoni tal-għalliema kollha fl-univeristajiet u għolliet għal kors ta' livell Masters b'enfasi akbar fuq il-kontenut akkademiku. L-istruttura tal-kors, il-kontenut u l-ammont ta' ħin li wieħed iqatta' fuq placement/sistemazzjoni fi skola jiddifferixxi bejn il-pajjiżi u dawn l-aspetti se jiġu esplorati f'dawn it-taqsimiet ta' dan ir-rapport.

Numru żgħir ta' pajjiżi qegħdin jiżviluppaw mudell 'fast track' jew taħriġ imsejjes fuq l-impjieg. Il-Programm 'Teach First' fir-Renju Unit (l-Ingilterra) jipprovdi żvilupp fit-tmexxija u t-trasferabiltà tal-ħiliet għal 'kalibru għoli, gradwati motivati f'livell għoli' fuq programm ta' sentejn. Programm simili qiegħed jiġi żviluppat fil-Ġermanja, l-Estonja u l-Latvja. Il-biċċa l-kbira tal-korsijiet madankollu, isegwu l-mudell tradizzjoni ta' attendenza 'full time' f'kulleġġ b'perjodi ta' prattika ta' tagħlim fi skola.

L-użu dejjem jiżdied ta' Informazzjoni u Teknoloġija tal-Komunikazzjoni (ICT) f'korsijiet ibbażati fuq il-web u tgħallim 'armonizzat flimkien' (fejn taħlita ta' metodi jiġu użati) għandha l-potenzjali li żżid il-flessibiltà ta' korsijiet kif ukoll timpatta fuq il-kontenut tal-korsijiet kollha. It-tgħallim-fuq-Distanza u t-tgħallim-e ukoll qegħdin jiġu introdotti b'mod partikolari fejn il-qagħda ġeografika u l-popolazzjoni skarsa jagħmlu l-ivvjaġġar lejn il-kulleġġ diffikultuż; u gruppi vijabbli ta' għalliema diffiċli li jinkisbu. Il-potenzjal ta' żviluppi ta' dan it-tip biex itejbu l-aċċessibiltà tat-taħriġ u ż-żieda fid-diversità tal-forza tax-xogħol tal-għalliem jinħtieġ li tiġi esplorata.

### *3.1.1 Ir-rekwiżiti biex wieħed jidħol għall-kors*

Għal skop ta' dħul fl-edukazzjoni inizjali ta' għalliem, il-pajjiżi kollha jinħtieġu ċertifikat sodisfaċenti ta' tmiem l-iskola mill-edukazzjoni sekondarja ogħla jew ekwivalenti f'termini ta' gradi f'eżamijiet ta' livell ogħla. Il-Litwanja dan l-aħħar introduċiet 'test motivazzjonali' biex isostni l-għażla tal-kandidati tal-għalliema. Minorità ta' pajjiżi għandhom testijiet li jirregulaw ingaġġ fil-professjoni tal-għalliema imma riċerka riċenti minn Menter u l-kollegi (2010) jagħfsu fuq evidenza li turi li hemm ħafna dimensjonijiet ta' tagħlim effettiv li wieħed mhux daqshekk jista' jipprevedihom minn qabel permezz ta' testijiet ta' abiltà akkademika. Din il-konklużjoni hija ċertament sostnuta mill-istudju tal-proġett tal-letteratura u r-rapporti tal-pajjiżi, għax it-tnejn jagħfsu fuq l-importanza tal-attitudnijiet, il-valuri u t-twemmin, barra l-għerf u l-ħiliet fi prattiċi inklużivi li qegħdin jiġu żviluppati. Dawn, flimkien mad-dispożizzjonijjiet li jsostnu l-iżvilupp tal-kompetenzi meħtieġa huwa diffiċli li wieħed jasserixxi anke permezz ta' sitwazzjoni ta' interview. Għaldaqstant, aktar riċerka hija meħtieġa dwar il-metodi ta' għażla ta' kandidati biex isiru għalliema.

Anke pajjiżi fejn it-tagħlim huwa impjieg ta' status għoli u hemm kompetizzjoni akbar għall-postijiet, bħalma hija l-Fillandja, m'hemm l-ebda garanzija li l-kandidati l-aktar kapaċi f'termini akkademiċi jkunu l-iktar għalliema effettivi. Wieħed irid jagħti każ tal-esperjenzi tal-kandidati ta' esperjenza ta' xogħol ma' tgħallimin (learners) bi ħtiġijiet diversi u r-riflessjonijiet tagħhom fuqhom, flimkien ma' referenzi minn personnel ta' esperjenza dwar id-dispożizzjonijiet li huma kritiċi fi prattiċi inklużivi.

Ir-rekwiżiti tad-dħul huma dejjem aktar flessibbli għal nies maturi, u nies b'diżabiltajiet u tgħallim relevanti li jkollhom diġà, tista' tittieħed konjizzjoni tagħhom. Madanakollu, xi rapporti tal-pajjizi għandhom it-tħassib tagħhom dwar kriterji ta' dħul li jiddisikriminaw kontra ċerti gruppi ta' minortià fi żmien meta huwa ġeneralment mifhmum li l-mod kif inhi magħmula l-'forza tat-tagħlim' għandha tirrifletti aktar mill-qrib dik tal-popolazzjoni fit-totalità tagħha.

Artiklu 24 tal-*Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet* tan-Nazzjonijiet Uniti (2006) jesiġi li Partiti tal-Istat (State Parties) 'jieħdu miżuri approprji biex iħaddmu għalliema, inklużi għalliema b'diżabilitajiet, li huma kkwalifikati fil-lingwa tas-sinjali u/jew Braille' (p. 15). Xi pajjiżi (eż. Ċipru, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Isvezja) jistqarru li huma attivament qegħdin jippruvaw jindirizzaw din il-ħaġa.

### *3.1.2 Rappreżentanti minn gruppi minoritarji*

7 biss minn 29 rapport tal-pajjiżi jipprovdu informazzjoni mibnija fuq data miġbura formalment dwar in-numru ta' studenti u għalliema minn gruppi minoritarji. F'xi pajjiżi, hemm restrizzjonijiet fuq il-ġbir tad-data, partikularment dwar l-orjentazzjoni sesswali.

Ħafna pajjiżi li ma jiġbrux data jirrapportaw aneddotalment fuq ir-rappreżentazzjoni-minn-taħt tan-nies b'diżabiltajiet u dawk minn gruppi etniċi minoritarji fost studenti-għalliema u għalliema kwalifikati; u s-sitwazzjoni tidher li hija simili fost edukaturi ta' għalliema.

F'xi pajjiżi qegħdin isiru sforzi biex iżidu n-numru ta' rgiel li jidħlu, b'mod partikolari, fit-tagħlim tal-primarja u biex iżidu d-diversità fost il-workforce tal-għalliema. Madankollu, filwaqt li huwa magħruf bis-sħiħ li l-proveddiment ta' mudelli ta' rwoli approprijati huwa aspett importanti ta' prattiċi inklużivi ta' żvilupp, ħafna xogħol huwa meħtieġ biex jitnaqqsu l-ostakli li jirriżultaw mill-proċess tal-għażla f'ħafna pajjiżi.

## 3.2 Il-kontenut u l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema

F'numru żgħir ta' pajjiżi l-kontenut tal-edukazzjoni tal-korsijiet tal-għalliema huwa determinat mil-leġiżlazzjoni. Grupp ieħor ta' pajjiżi fasslu standards/kompetenzi wiesgħa imma ħallew id-deċiżjonijiet dwar l-kontenut ta' korsijiet għal kulleġġi individwali. It-tielet grupp ta' pajjiżi jħallu l-kontenut kollu kemm hu għad-deskrizzjoni tal-kulleġġi. Dan inevitabilment iwassal għal varjazzjonijiet, mhux biss bejn, imma anke mal-pajjiżi. Drawwa li qiegħda taqbad art ġmielha hija dik li tinvolvi lill-istudenti-għalliema tal-edukazzjoni nfushom fl-iżvilupp tal-kors.

F'ħafna pajjiżi, il-korsijiet jikkonsistu minn ġemgħa-flimkien ta' suġġetti ewlenin u suġġetti sussidjarji, studji ta' edukazzjoni ġenerali – li jinkludu l-pedagoġija, il-psikoloġija, il-filosofija eċċ., u perjodi ta' prattika ta' tagħlim. Il-kontenut bħala regola jvarja skont l-età ta' min ikun qiegħed jitgħallem u l-istudent li jkun irid jgħallem; ħafna pajjiżi jirraportaw li korsijiet għal għalliema tas-sekondarja huma aktar iffukati fuq is-suġġett filwaqt li dawk tal-għalliema tal-primarja jinkludu aktar enfasi fuq il-pedagoġija.

Xi pajjiżi jsostnu li m'hemmx ħin biżżejjed biex wieħed jittratta l-kontenut, meqjus bħala neċessarju fil-korsijiet inizjali għall-għalliema. Kif juri r-rapport minn Malta, dan jagħmel l-introduzzjoni ta' kontenut

‘addizzjonali’ biex jindirizza l-inklużjoni u d-diversità, diffikultuża. Dan jiġri partikolarment fit-tħejjija tal-għalliema tas-sekondarja.

Pass lejn mudell fejn kontenut relevanti jiġi inkorporat fil-korsijiet kollha kif ukoll konnessjonijiet koerenti bejn il-korsijiet fl-istituzzjonijiet jistgħu jgħinu biex tintjieb din is-sitwazzjoni.

Xogħol li sar fir-Renju Unit (l-Iskozja) issuġġerixxa li t-taħriġ għal għalliema għal kull min jitgħallem għandu jiġi inkorporat indipendentement mill-grupp tal-età fil-mira. Filwaqt li dan isaħħaħ l-idea li l-għalliema għandhom, l-ewwel u qabel kollox, ikunu għalliema tat-tfal – mhux ‘impartituri’ ta’ kontenut ta’ kurrikulu – l-idea tista’ tiġi kkontestata minn xi speċjalisti tas-suġġett.

Stħarriġ riċenti li sar għal dan il-proġett wera li inqas minn 50% tat-43 università Ġermaniża bi programmi ta’ edukazzjoni ta’ għalliema għal għalliema tal-iskejjel tal-primarja taw lectures jew seminars li jiffukaw fuq l-inklużjoni/edukazzjoni inklużiva. Bl-istess mod, studju fuq skala żgħira fil-Litwanja wera li 31% biss tal-universitajiet u l-kulleġġi li kienu fl-edukazzjoni tal-għalliema inkludew xi kontenut fuq ħtiġijiet speċjali ta’ edukazzjoni/inklużjoni – u ħafna minn dawn kienu korsijiet primarji.

Id-Dannimarka flimkien ma’ xi pajjiżi oħra tidentifika ruħha ma’ din id-dilemma espressa fir-rapport tal-pajjiż tal-Isvezja, rapport li jgħid li suġġetti dwar id-diversità u l-inklużjoni għandhom fil-biċċa l-kbira tagħhom jiġu diskussi matul korsijiet ta’ ħtiġijiet speċjali, aktar milli mill-edukaturi tal-għalliema fil-korsijiet ġenerali kollha. L-awturi jagħrfu li jista’ jkun hemm periklu li jiġu inkorporati aspetti ta’ inklużjoni fil-korsijiet kollha bir-riskju li l-impatt jiġi ridott jew li jintilef il-foku kollu. Huma jagħrfu li l-implikazzjonijiet pedagoġiċi ta’ diżabilitajiet differenti jinħtieġu xi tip ta’ input ta’ speċjalizzazzjoni. Madankollu, evidenza mil-letteratura u l-opinjoni fost esperti tal-proġett jissuġġerixxu li, fit-tul, l-għan għandu jkun li jiġu żviluppati korsijiet singli li jħejju lill-għalliema biex jagħrfu l-medda kollha tal-ħtiġijiet diversi.

Ir-rapport ta’ Spanja juri li ħafna korsijiet fuq l-inklużjoni huma marbuta mal-‘evoluzzjoni ta’ edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali u l-integrazzjoni tal-iskejjel tal-SEN’, aktar milli jittrattaw aspetti ta’ diversità f’aktar wisgħa; u dan jaqbel mal-Gultig (1999) li kien ikkwotat fil-proġett tal-istudju tal-letteratura, li jgħid li l-edukazzjoni tal-għalliema għandha t-tendenza li tinqabad fin-nassa tal-iffukar fuq id-

dettall, per eżempju li wieħed jgħallem fuq id-drittijiet umani, aktar milli l-approċju tiegħek ikun wieħed tad-drittijiet umani. Madankollu Haug (2003) juri li l-lecturers u l-istudenti għandhom isiru midħla tal-argumenti u s-soluzzjonijiet ippruvati u mwarrba f'mixja lejn skola għal kulħadd, jekk huma ma jridux li 'jiġu ttrikkjati minn retorika politika populista' (p. 111).

### *3.2.1 Assessjar*

Hekk kif aktar metodi ta' tagħlim huma introdotti fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, il-modi kif il-ħtiġijiet akkademiċi u l-prattika fit-tagħlim/l-iskejjel huma assessjati għandhom jinbidlu wkoll. Bi proċess dejjem jiżdied, studenti tal-edukazzjoni għal għalliema huma involuti fl-assessjar tax-xogħol u t-tgħallim tagħhom kif ukoll dak tal-koetanji tagħhom. L-assessjar isir kemm bejn l-assenjamenti akkademiċi u l-prattika tal-iskola b'approċji ta' 'assessjar għat-tgħallim' li jħeġġu lill-istudenti-għalliema biex jirriflettu fuq ix-xogħol tagħhom u l-performance u, bis-sostenn kif meħtieġ, jifformulaw il-miri għal titjib u pjanijiet għat-tgħallim fil-ġejjieni. Harris u Lázár (2011) jagħfsu fuq l-importanza ta' riflessjoni ggwidata u jgħidu: 'Ikun diffiċli li toffri kwalunkwe sfida mingħajr ma tkun taf fejn it-trainees/għalliema "jinsabu"' (p. 105).

Hattie (2009) jagħti importanza wkoll l-għarfien dwar il-fehim tal-istudenti-għalliema biex jipprovdu sfidi progressivi. Approċji bħal dawn fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema, bħala riżultat jipprovdu mudell tajjeb ta' prattika ta' assessjar inklużiv fl-iskejjel.

Għadd ta' pajjiżi (eż. Franza, Malta, ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq) jużaw portfolios bħala mod kif jiġbru l-informazzjoni u jirrappurtaw fuq il-progress tal-istudenti-għalliema fl-oqsma kollha tal-kompetenzi. Portfolios li jinkludu eżempji ta' xogħol u riflessjonijiet fuq l-istudju u l-esperjenzi tal-prattika jkunu jistgħu jiffukaw fuq oqsma ta' xogħol (bħalma huma softer skills miksuba waqt l-prattika tat-tagħlim) li jistgħu jkunu aktar iebsa biex jiġu assessjati permezz ta' aktar assignments formali jew testijiet/eżamijiet. Il-portfolios jistgħu jwasslu lill-istudenti-għalliema biex jistaqsu mistoqsijiet tat-tip 'għalfejn' u b'hekk jiġu involuti fi ħsieb kritiku aktar profond. Madankollu, metodi ta' assessjar ta' dan it-tip jista' jkun iktar intensiv f'dak li hu xogħol u jkollu ħtieġa ta' ħiliet, għerf u esperjenzi ġodda u differenti minn edukaturi ta' għalliema.

Fis-sezzjoni li jmiss, l-approċji differenti għall-edukazzjoni tal-għalliema għall-inklużjoni se jiġu diskussi b'referenza għal eżempji ta' prattika minn rapporti ta' pajjiżi.

### 3.3 Approċji għal edukazzjoni inizjali għall-għalliema

L-approċji ewlenin għall-edukazzjoni inizjali, identifikati minn Pugach and Blanton (2009) se jintużaw f'din is-sezzjoni. Dawn jinkludu korsijiet 'diskreti' jew programmi separati; korsijiet 'integrati', żviluppati permezz ta' kollaborazzjoni bejn fakultajiet tal-edukazzjoni ġenerali, speċjali u staff, u korsijiet 'inkorporati flimkien' li fihom l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema kollha tfornihom bil-ħiliet, l-għerf u l-attitudnijiet li jieħdu r-responsabiltà versu t-tgħalliemi, filwaqt li jilħqu l-ħtiġijiet tiegħu. Fil-mixja lejn provediment 'inkorporat', wieħed jista' jieħu l-pass approprju li jinkludi xi kontenut f'moduli separati (korsijiet diskreti) jew jadatta approċju integrat, filwaqt li jżid l-opportunitajiet għall-kollaborazzjoni bejn l-istaff. Passi ta' dan it-tip ikunu jinħtieġu immaniġġjar bilgħaqal biex jikkunsidraw per eżempju, allokazzjoni ta' ħin approprju u kif konnessjonijiet jistgħu isiru bl-aħjar mod biex jassiguraw impatti ta' kontenut 'diskret' fuq prattika u ħsieb usa'.

Dehra ġenerali tar-rapporti ta' 29 pajjiż sottomessi turi li inqas minn 10% tal-pajjiżi joffru speċjaliżmu fl-SEN fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema. Ħafna pajjiżi issa jinkludi xi kontenut bil-ħsieb li jilħqu l-ħtiġijiet tat-tgħalliema (learners) differenti, imma din tvarja bis-sħiħ minn iffukar fuq l-SEN u d-diżabiltà, għal enfasi fuq kif wieħed jilħaq il-ħtiġijiet diversi ta' kull min jitgħallem, kollha kemm huma. Minħabba li t-terminoloġija li tintuża tvarja wkoll, huwa diffiċli li wieħed jistabbilixxi stampa ċara, imma l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jirrappurtaw li kontenut ta' dan it-tip fl-ITE ħafna drabi huwa 'ad hoc' u bħala regola għal riħu bi ftit integrazzjoni f'oqsma ta' studji oħra. Dwar l-allokazzjoni tal-ħin, il-kontenut relatat mal-inklużjoni tvarja wkoll minn modulu jew aktar għal parti sostanzjali jew xi mindaqqiet obbligatorja tal-kors.

Fl-Iżlanda, studju dwar l-edukazzjoni inizjali għall-għalliema li sar għal dan il-proġett fil-bidu tas-sena 2010, ġemgħet 200 kors f'ħames tipi differenti.

- Edukazzjoni inklużiva hija l-kontenut ewlieni. Dawn huma korsijiet dwar edukazzjoni inklużiva; bini fuq ideat ta' edukazzjoni inklużiva u l-kontenut ewlieni huwa prattiċi inklużivi. Kien hemm żewġ korsijiet f'dan il-grupp;

- Edukazzjoni inkluživa sa ċertu punt: dawn il-korsijiet li jintegraw l-idea ta' edukazzjoni inkluživa u hija parti mill-kontenut tal-kors. Kien hemm għaxar korsijiet f'dan il-grupp;
- L-edukazzjoni inkluživa hija indiretta: Il-kors jibni fuq id-diversità b'modi differenti għalkemm l-edukazzjoni inkluživa rarament jew qatt ma hija msemmija. Kien hemm għoxrin kors f'dan il-grupp;
- L-ebda edukazzjoni inkluživa: M'hemm l-ebda indikazzjoni fid-deskrizzjoni tal-kontenut tal-kors li hemm enfasi fuq popolazzjoni diversa, inkluživa, edukazzjoni multikulturali jew tgħallimin (learners) bi ħtiġijiet speċjali. Ħafna korsijiet fl-edukazzjoni tal-għalliema huma f'dan il-grupp;
- Ħtiġijiet edukattivi speċjali jew edukazzjoni multikulturali: Il-kontenut ta' dawn il-korsijiet hija speċjali: xi wħud jintroduċu diżabiltajiet jew ħtiġijiet speċifiċi ta' tgħallim filwaqt li oħrajn jiffukaw fuq il-multi-kulturaliżmu. Kien hemm żewġ korsijiet ta' dan it-tip.

Il-vignette mill-Iżlanda juri l-medda ta' toroq possibbli li jindirizza aspetti ta' inklużjoni/diversità u jissuġġerixxu li dawn il-mudelli jkun aħjar li wieħed jarahom bħala kontinwu, aktar milli approċċi distinti.

Aktar riċerka hija meħtieġa biex jiġi stabbilit l-impatt ta' mudelli differenti fuq il-koerenza tal-kurrikulu u l-iżvilupp tal-għerf-għarfien u l-ħiliet. Barra minn hekk ta' min jikkunsidra wkoll l-impatt tal-kollaborazzjoni bejn il-fakultajiet u l-edukaturi tal-għalliema ġenerali u speċjalisti jkollhom fuq l-attitudnijiet tal-edukaturi u l-fehmiet dwar l-inklużjoni tat-tgħallimin (learners) kollha. Jista' jiġri li xi edukaturi ta' għalliema jaderixxu għall-viżjoni 'tradizzjonali' tal-edukazzjoni tal-għalliema u l-korsijiet li jippruvaw jindirizzaw l-inklużjoni u d-diversità jibqgħu sovrapposti, b'impatt limitat fuq il-ħsieb tal-istaff jew l-edukazzjoni tal-istudenti-għalliema. Madankollu, xi pajjiżi sostnew li korsijiet diskreti jgħinu biex iqajmu konxjożità ta' inegwaljanzi possibbli fl-iskejjel u li jipprovdu opportunitajiet għal diskussjoni fuq aspetti relevanti.

Xi mindaqqiet jista' jkun diffiċli li wieħed jgħaddi ġudizzju fuq il-kontenut, minħabba l-lingwa użata. Fl-Awstrija, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-kulleġġi jitkellmu dwar suġġetti ta' eteroġeneità, inklużjoni, individwalizzazzjoni, il-promozzjoni ta' tgħallimin (learners) 'dotati' u metodi li jkun proġett-orjentati jew iċċentrati fuq min ikun qiegħed jitgħallem fl-edukazzjoni ġenerali tal-għalliema; it-terminu 'inklużjoni'

jintuża fil-kurrikula ta' erba' kulleġġi biss. Fid-Dannimarka, it-terminu 'differinzazzjoni' jintuża ħafna.

### *3.3.1 Korsijiet diskreti u integrati*

Ħafna pajjiżi introduċew korsijiet u moduli ddisinjati biex isostnu l-prattika inklużiva. Għalkemm ħafna huma bħalissa korsijiet separati, ħafna jinvolvu kollaborazzjoni bejn il-fakultajiet tal-kulleġġi jew staff biex isaħħu ċerti ideat jew kunċetti bejn il-korsijiet. Għal din ir-raġuni, huwa eħfef li wieħed jara dawn il-mudelli bħala kontinwu, kif mistqarr aktar 'il fuq. Din is-sezzjoni għaldaqstant tiddeskrivi kemm mudelli diskreti kif ukoll integrati. Dan jidher fl-eżempju minn Spanja:

L-Università Awtonoma ta' Madrid żviluppat kors-qofol ta' 6 Sistemi ta' Akkumulazzjoni u Trasferiment ta' Kreditu Ewropew magħruf bħala 'Bażijiet psiko-pedagoġiċi għal Edukazzjoni Inklużiva', li jintgħallem fit-tieni nofs tad-Degree tat-Tagħlim Primarju tal-Edukazzjoni. Dan il-kors jadotta perspettiva msejsa fuq il-kunċett tad-'diversità' u mhux fuq l-għajnuna ta' grupp ta' tgħallimin (learners) partikolari u huwa speċifikatament ippjanat biex isaħħaħ mill-ġdid kunċetti, proċeduri u valuri edukattivi inklużivi fil-kors tal-Edukazzjoni għall-Kwalità u ċ-Ċittadinanza (6ETCS).

Il-kors huwa organizzat madwar it-tliet dimensjonijiet li nsibu fid-definizzjoni ta' edukazzjoni inklużiva stabbilta mill-UNESCO (2005): preżenza, tgħallim u parteċipazzjoni; u b'mod partikolari tiffoka fuq it-tgħallimin (learners) b'SEN u t-tgħallimin (learners) immigranti. Il-kontenut jinkludi l-prinċipji tad-Disinn Universali għat-Tgħallim (CAST 2008) u jwarrbu l-ostakli għal tgħallim li jagħmel sens.

Il-metodi tat-tagħlim adottati għall-iżvilupp tas-suġġett jippruvaw ikunu konsistenti mal-approċju nnifsu u kif ukoll jiżviluppaw fi studenti għall-edukazzjoni ta' għalliema sens ta' responsabiltà għat-tgħallim tagħhom. Huma jiktbu djarju ta' tgħallim matul il-kors u jsostnu portfolio-e. Il-proċess kollu tat-tagħlim u t-tgħallim huwa sostnut mill-użu ta' pjattaforma ta' tagħlim-e f'Moodle biex titħeġġeġ parteċipazzjoni marbuta mal-proċess tat-tgħallim individwali tagħhom.

Tliet indiċijiet ta' riferiment ta' assessjar ġew stabbiliti: wieħed relatat mal-'għerf' (rifless fix-xogħol tal-kors tagħhom, testijiet u evalwazzjonijiet); ieħor relatat ma' 'kif tkun taf tagħmel u torganizza' (rifless fil-kwalità tal-e-portfolio tagħhom, u l-konformità mar-

responsabiltà għal xogħol maqbul u deadlines ta' test), u finalment, wieħed marbut ma' 'tkun taf kif tkun u kif tipparteċipa fil-klassi' (rifless fis-sehem attiv tagħhom fid-diskussjonijiet bħala persuna jew virtwalment fil-forum).

Bl-istess mod, konsorzju ta' Universitajiet madwar l-Instituts Universitaires de Formation des Maîtres (IUFM) f'Pariġi joffri kors imsejjaħ 'Approċji Multi-riferenzjat għad-diversità tal-pubbliku' li jdum 80 siegħa fuq sentejn. Fil-Borås University College tal-Isvezja, inklużi fil-qafas tal-istudji edukattivi ġenerali hemm kors ta' 7.5 ECTS magħruf bħala 'perspettivi edukattivi ta' ħtiġijiet speċjali'; dan il-kors għandu l-għan li jipprovdi fehim bażiku tar-rwoli tal-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali fi 'skola għal kulħadd'. Mistoqsijiet ta' inklużjoni/ esklużjoni u normalità/differenza huma diskussi u r-relevanza għal ħiliet ta' 'ħtiġijiet speċjali' għall-għalliema kkunsidrati kollha. Fil-Latvja, l-istudenti kollha tal-ITE għandhom kors introduttorju fl-edukazzjoni speċjali. Il-vignette li ġejja mir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq) tiddeskrivi programm iddisinjat biex isostni għalliema li jaħdmu mat-tgħallimin (learners) minn ambjenti kulturali u lingwistiċi diversi.

Biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet 'il-ġodda' tal-għalliema f'relazzjoni mal-fehim tagħhom ta' differenzi kulturali u reliġjużi u l-isfidi li jkun hemm bħala riżultat tal-ħidma ma' tgħallimin (learners) li għalihom l-Ingliż mhuwiex l-ewwel lingwa tagħhom, wieħed mill-fornituri al-Edukazzjoni Inizjali tal-Għalliema (ITE) tar-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq) żviluppa programm magħmul minn żewġ sezzjonijiet: il-fehim tad-diversità u x-xogħol bl-Ingliż bħala tgħallimin (learners) ta' Lingwa Addizzjonali (EALL).

Il-programm jingħata pemezz ta' serje ta' lectures, seminars u gruppi ta' ħidma mill-istaff tal-kulleġġ kif ukoll ma' xi kelliema 'l barra mill-kulleġġ. Il-kompetenzi żviluppati jirrelataw mal-valuri professjonali (impenn għal kull min qiegħed jitgħallem), kuntesti soċjali, kulturali u lingwistiċi, applikazzjoni ta' edukazzjoni speċjali, u inklużjoni u ħiliet professjonali u applikazzjoni (ippjanar u tħejjija, ħidma ma' adulti oħra, promozzjoni ta' ambjent ta' tgħallim san u ta' sfida, u t-tħaddim ta' medda ta' strateġiji ta' tagħlim u assessjar).

Fil-Ġermanja, l-Università ta' Köln toffri korsijiet ta' edukazzjoni inklużvia, fejn studenti tal-edukazzjoni tal-għalliema mainstream u speċjali jaħdmu 'ma' xulxin' biex jirriflettu fuq żjajjar fl-iskejjel, xogħol tal-kors u assessjar. Approċju simili ta' kooperazzjoni jsir fl-Università Siegen. Hawnhekk, fil-kors 'Grundschule-Forderschule –

Gemeinsamer Unterricht' (Skola Primarja – skola Speċjali – edukazzjoni inklużiva), studenti tal-edukazzjoni għall-għalliema fil-livell primarju u sekondarju jistgħu jżuru medda ta' ambjenti speċjali u mainstream; jikkunsidraw il-perspettivi tal-istaff minn medda ta' professjonijiet u jikkooperaw f'seminars u diskussjonijiet.

Fin-Norveġja, kors obbligatorju ta' 60 ECTS kien introdott bl-isem ta' Pedagoġija u Ħiliet Relatati-mal-istudenti' (PPS). Dan il-kors hu mqassam fuq l-ewwel tliet snin ta' ITE u jimmira li jiżviluppa għerf dwar is-suġġett, kompetenza u ħiliet metodoloġiċi fl-indirizz ta' aspetti relazzjoni u soċjali. Barra minn hekk, l-istudenti jiktbu teżi tal-baċellerat (15 ECTS) relatata ma' suġġetti relevanti għall-PPS.

Fl-eżempji t'hawn taħt, studenti tal-ITE jaħdmu ma' nies b'diżabiltà u jiżviluppaw riżorsi biex jużawhom ma' skejjel lokali.

Fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Ċipru, studenti tal-ITE jiġu ppreżentati b'oqfsa teoretiċi ta' Studji ta' Diżabiltà. Huma jiġu mħeġġa biex jiġdbu l-konnessjonijiet mal-aġenda ta' edukazzjoni inklużiva bil-għan li jiżviluppaw prattika ta' tagħlim li takkomoda kultura ta' diżabiltà u timmira lejn l-iżvilupp ta' attitudnijiet pożittivi fir-rigward tad-diżabiltà.

Minħabba li l-kultura tad-diżabiltà hija nieqsa mill-kurrikulu nazzjonal u t-textbooks tal-iskejjel, il-kors iħeġġeġ l-għalliema biex jaħsbu kritikament u jikkombinaw qafas teoretiku mal-ħiliet tagħhom tat-tagħlim biex jiżviluppaw programmi ta' intervent fil-livell ta' skola bil-għan li jiżviluppaw attitudnijiet pożittivi u jippromwovu mudell soċjali aktar milli l-mudell ta' diżabiltà mediku jew ta' karità.

F'dan il-modulu, xogħol minn nies b'diżabilitajiet huwa ppreżentat u analizzat f'termini tal-użu potenzjali tiegħu bħala riżorsa għat-tagħlim. Xi mindaqqiet, nies b'diżabiltajiet jiġu mistiedna għal diskussjoni in-class dwar il-ħajja u x-xogħol tagħhom. Studenti għall-edukazzjoni ta' għalliema jinstaqsu biex jibnu netwerk ma' organizzazzjoni għal nies b'diżabiltajiet biex jiġbru riżorsi u jaħdmu ma' skejjel lokali bil-għan li jwettqu l-programmi ta' intervent tagħhom. Dan il-modulu jifforma parti minn rotta ta' speċjalizzazzjoni għall-istudenti-għalliema tal-iskejjel primarji.

Ir-riċerka tissuġġerixxi li unitajiet separati jew moduli ta' kontenut fuq it-tgħallimin (learners) ma' SEN u ma' gruppi ta' minorità oħra jistgħu jirrinfurzaw 'id-differenza' bejn it-tgħallimin 'learners'. Din, min-naħa tagħha, tista' twassal lill-għalliema biex jemmnu li huma mhumiex

kapaċi jgħallmu ċerti gruppi ta' tgħalliema (learners) jekk ma jkunux ħadu korsijiet ta' speċjalizzazzjoni. Madankollu, ħafna pajjiżi jsostnu fir-rapporti tagħhom li korsijiet ta' dan it-tip jkollhom impatt pożittiv fuq il-ħiliet, l-għerf-għarfien u l-attitudnijiet, li dawn 'jgħadduh' f'korsijiet oħra u fix-xogħol prattiku tal-istudenti.

L-eżempju t'hawn taħt mill-Isvizzera juża t-tgħallim-e biex jiżviluppa medda ta' ħiliet u għerf-għarfien relevanti.

'L-Arena tat-Tgħallim: Edukazzjoni Inklużiva Speċjali (LAISE)' fl-Università ta' Zürich għall-Edukazzjoni tal-Għalliema huwa kors opzjonali li jikkombina problemi bbażati fuq t-tgħallim (PBL) u tgħallim armonizzat biex joffri kuntesti ta' tgħallim realistiku għal studenti ta' ITE. Fil-pjattaforma tat-tagħlim-e każijiet ta' tgħalliema (learners) bl-SEN f'ambjenti inklużivi huma pprovduti fil-forma ta' dokumenti, deskrizzjonijiet, videos u interviews.

Studenti-għalliema jieħdu r-rwol ta' tim ta' skola jaħdem mat-tgħalliemi (learner) u għandhom ix-xogħol li jiżviluppaw pjan edukattiv individwali u jittieħdu miżuri adekwati biex isostnu lill-għalliem fl-iskola. L-istudenti tal-ITE u l-għalliema edukaturi li jagħmluha ta' 'coaches' jiddiskutu u jevalwaw ir-riżultati flimkien. Dan il-kors jiżviluppa għerf ta': SEN, kooperazzjoni u kollaborazzjoni, programmi dijanjostiċi, u assessjar għat-tgħallim, ippjanar edukattiv individwali, differenzazzjoni u individwalizzazzjoni għat-tagħlim.

Fil-Ġermanja, il-kors integrat fl-edukazzjoni speċjali fil-livell ta' Baċellerat u l-Master fl-Università ta' Bielefeld kien żviluppat bil-għan li jwaqqa' s-separazzjoni stretta bejn l-edukazzjoni professjonali ġenerali u l-edukazzjoni speċjali. L-għalqa tal-edukazzjoni speċjali hija integrata fil-kors tal-istudju 'xjenza edukattiva'. Dan jintgħallem permezz ta' tqabbil interdixxiplinarju ta' perspettivi differenti u jinkludi diskussjoni ta' eteroġeneità, diversità u differenza. Il-programm tal-edukazzjoni speċjali integrat jiffoka fuq it-tgħallim u l-iżvilupp emozzjonali u soċjali u jimmira biex iħejji għalliema għal 'skejjel għat-tfal kollha'.

### *3.3.2 Korsijiet armonizzati*

Għadd ta' pajjiżi qegħdin jaħdmu biex jassiguraw li l-kontenut li jkollu x'jaqsam mal-edukazzjoni inklużiva jiġi inkluż fil-korsijiet kollha tagħhom.

Fil-Fillandja, is-sisien tal-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali huma obbligatorji għall-edukazzjoni tal-għalliema kollha, għalkemm il-kontenut ivarja bejn universitajiet differenti. B'mod ġenerali, id-diskussjonijiet isiru dwar kif jingħarfu u jissemmew id-differenzi u l-prattiċi pedagoġiċi relatati u l-għalliema jsiru konxji tad-dmir professjonali biex itejbu l-ħiliet konoxxittivi u soċjali. L-għalliema huma mistennija li jiżviluppaw il-kompetenzi għal xogħol multi-aġenti, biex jikkoperaw u jsostnu ġenituri u jkunu konxji tar-rwol li jtejbu l-ugwaljanza fis-soċjetà. Fl-aħħar, huma jitgħallmu jwettqu l-kurrikulu għal tgħallimin (learners) diversi, billi jsegwi l-prinċipji ta' disinn universali. L-edukazzjoni tal-għalliema bħala ħaġa sħiħa hija msejsa fuq l-idea ta' għalliema bħala riċerkaturi, sostnuta biex tirrifletti, tanalizza u mbagħad taġġusta t-tagħlim tagħhom bħala proċess kontinwu.

Fir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq), il-kurrikulu tal-ITE għandu l-għan li jibni fuq l-attributi tal-istudenti-għalliema, jifforma l-għerf-għarfien tagħhom; l-għerf-għarfien tal-policy tal-SEN u l-aħjar prattiku; u jiżviluppaw l-kapaċità tagħhom biex jaħdmu ma' tgħallimin (learners) tal-abiltajiet kollha. Isir approċju-armonizzat fejn fil-korsijiet kollha tal-ITE, l-istudenti jiġu mħeġġa biex jikkunsidraw il-ħtiġijiet individwali ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem u biex jippjanaw skont il-ħtieġa. Barra minn hekk, konsiderazzjoni ta' policy aktar espliċita u aspetti ta' prattika dwar l-SEN issir f'korsijiet u moduli speċifiċi.

Il-letteratura tissuġġerixxi li approċju-armonizzat jeħtieġ ippjanar bil-galbu u kollaborazzjoni bejn il-fakultajiet jekk dan irid ikun koerenti u effettiv. Kif l-HEIs jersqu lejn approċju ta' dan it-tip insibuh deskritt fl-eżempju ta' hawn taħt li fih naraw ix-xogħol li jsir fir-Renju Unit (L-Iskozja).

L-Università ta' Aberdeen kienet iffinanzjata mill-Eżekuttiv Skoċċiż (2006-10) biex tiżviluppa approċji ġodda għall-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' edukazzjoni inklużiva u biex jiġu assigurati għalliema kwalifikati ġodda: (1) ikollhom konxjożità akbar u fehim tal-aspetti/problemi edukattivi u soċjali li jistgħu jaffettwaw it-tgħallim tat-tfal; u (2) żviluppaw strateġiji li jistgħu jużaw biex isostnu u jittrattaw diffikultajiet ta' dan it-tip. Dan ix-xogħol ħa inkonsiderazzjoni l-kunċett usa' ta' inklużjoni edukattiva u l-pressjonijiet ta' esklużjoni assoċjati mal-migrazzjoni, il-mobiltà, il-lingwa, l-etniċità u l-faqar interġenerazzjonali.

Ir-riformi tal-korsijiet tal-ITE f'Aberdeen tmexxew minn tliet kunċetti: (1) il-fehim li l-isfida ta' prattika ta' inklużjoni hija li tirrispetta u tirrispondi għad-differenzi b'modi li jinkludu aktar milli jeskludu tgħallimin (learners) f'dak li ordinarjament huwa aċċessibbli għal oħrajn fil-ħajja ta' kuljum tal-klassi. Fehim ta' dan it-tip jidher ċar meta (2) l-għalliem jaħdem biex jestendi dak li huwa ordinarjament jista' jinkiseb minn kulħadd, kuntrarjamenti għal xi ħadd li jagħmel xi ħaġa 'addizzjonali' jew 'differenti' minn dik li tkun tista' tinkiseb minn oħrajn. Dan huwa attentat pedagoġiku kumpless li jiddependi fuq (3) qabża fil-ħsieb dwar it-tagħlim u t-tgħallim minn dak li jaħdem għall-biċċa l-kbira tat-tgħallimin (learners) skont xi ħaġa 'addizzjonali' jew 'differenti' għal dawk li jesperjenzjaw diffikultajiet, għall-kreazzjoni ta' lezzjonijiet u opportunitajiet ta' tgħallim li jwasslu lit-tgħallimin (learners) kollha biex jipparteċipaw fil-ħajja tal-klassi (Florian and Rouse, 2009). L-interrelazzjoni ta' dawn it-tliet kunċetti ewlenin hija espressa fil-prattika bħala l-interazzjoni ta' dak li l-għalliema 'jafu', 'jagħmlu, u 'jemmnu'. Din l-espressjoni prattika tidħol fil-konċettwalizzazzjoni tat-tgħallim professjonali ta' Shulman (2007) li jarah bħala l-apprentistat ta' ras (għerf-għarfien), id (ħila, jew għemil), u qalb (attitudnijiet u twemmin).

Fil-prattika, dawn l-ideat servew bħala l-pedament għar-riformi kurrikulari fid-Diploma Post-Gradwatorja fl-Edukazzjoni (PGDE) u huma konsistenti wkoll mal-kontenut tal-kors tal-Baċellerat fl-Edukazzjoni ta' erba' snin. L-approċju tal-Proġett tal-Prattika Inklużiva jħeġġeġ lill-istudenti tal-edukazzjoni għall-għalliema biex jaħsbu b'mod wiesa' dwar ir-responsabiltà li għandhom fit-tgħallim tal-istudenti.

L-eżempji t'hawn fuq juru l-iżvilupp ta' edukazzjoni għal għalliema għal skop ta' inklużjoni permezz ta' korsijiet li l-għan tagħhom hu li jżid l-għerf u l-fehim ta' oqsma ewlenin dwar l-inklużjoni u l-pedagoġija u l-prattika biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet diversi tal-klassi. Il-mixja mal-kontinwu minn introduzzjoni ta' moduli biex iwasslu lejn inklużjoni, li twassal għal sitwazzjoni fejn l-istudenti kollha tal-ITE jistudjaw l-istess kurrikulu li jħejjijhom biex jinkludu lit-tgħallimin (learners) kollha tkun tinħtieġ żieda fix-xogħol kollaborattiv bejn l-edukaturi tal-għalliema b'dan il-qasam ta' expertise u l-kollegi tagħhom f'fakultajiet oħra. Ikun jinħtieġ ukoll riforma ta' skala akbar biex jassigura li l-iskejjel li jkunu llinkjati ma' HEIs li jimmudellaw prattiċi effettivi u jipprovdu konsistenza f'termini ta' messaġġi ewlenin.

## 3.4 Attitudnijiet u valuri fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema

L-importanza tal-attitudnijiet u l-valuri fl-edukazzjoni tal-għalliema hija aspett li tqajjem f'ħafna rapporti tal-pajjiżi. Kif Forlin (2010) jindika, l-edukazzjoni inklużiva timponi direttament fuq is-sistemi ta' konvinzjonijiet tal-għalliema, tisfida l-ħsibijiet l-aktar ġewwinija tagħhom dwar x'inhu tajjeb u ġust.

Ryan (2009) eżamina l-attitudnijiet ta' għalliema ta' qabel is-servizz u ddefinixxa l-attitudni bħala li hija karatteristika multidimensjonali magħmula minn: konoxxitività (konvinzjonijiet u għerf-għarfien) li hija mifhuma li tinfluenza l-azzjoni (l-imġiba) u l-affett (l-emozzjonijiet).

L-importanza ta' esperjenzi pożittivi fit-tibdil tal-attitudnijiet hija mqajma minn għadd ta' pajjiżi imma filwaqt li jidher li l-edukazzjoni tal-għalliema tista' tinfluenza l-attitudnijiet, il-valuri u l-konvinzjonijiet, ftit huma l-eżempji li huma pprovduti fir-rapporti tal-pajjiż li juru l-modi kif iġibu bidla ta' dan it-tip. Evidenza mill-istrands (fili ewlenin) kollha tal-proġett, madankollu, issostni l-idea li hemm mod li huwa essenzjali għal prattika inklużiva u li ma jistax jinkiseb bit-trasmissjoni ta' għerf jew ittikkjat fuq lista ta' kompetenzi.

F'Charles University fi Praga, studenti li jistudjaw edukazzjoni speċjali flimkien ma' suġġetti oħra (li se jkunu għalliema fi skejjel mainstream) jikkoperaw fuq proġett 'Qegħdin ngħixu jum minn għajnejk' ('Jedeme v tom s vámi'), jiġifieri jum minn kif tara l-ħajja int. Minħabba li l-edukazzjoni ta' għalliema għal skop ta' inklużjoni hija aktar effettiva meta tuża dimostrazzjonijiet konkreti aktar milli preżentazzjonijiet verbali jew astratti, l-istudenti-għalliema jesperjenzjaw l-ivvjaġġar bit-trasport pubbliku bħala (a) persuna li tuża l-wheelchair, u (b) assistent għal persuna b'diżabiltà. Dan jiżviluppa medda ta' kompetenzi inklużi s-soluzzjoni-ta'-problemi, il-komunikazzjoni, ir-riflessjoni-nifsija, ix-xogħol f'tim, il-flessibiltà u l-abiltà li tagħraf attitudnijiet u mġibiet soċjali inetiċi u inapproprijati.

Studenti-għalliema jiġu konxji ta' xkilijiet fiżiċi u soċjali li nies b'diżabiltà jkollhom jiffaċċjaw ta' kuljum. Huma jsiru l-vuċi għal drittijiet ta' nies b'diżabilitajiet imsejsa fuq riflessjonijiet miktuba tal-esperjenzi tagħhom u jistgħu jużaw dan l-approċju 'hands-on'/prattiku meta joħolqu ambjent inklużiv fil-klassi/skola futura tagħhom.

Fl-Awstrija, il-position paper tal-Ministru tal-Edukazzjoni tgħid: 'Wieħed mix-xogħlijiet ewlenin tal-edukazzjoni tal-għalliema fil-primarja u fl-ewwel snin tas-sekondarja huwa li jistimulawhom biex

jiddiskutu kritikament u jirriflettu fuq l-attitudnijiet tagħhom u l-kunċetti ta' diżabiltà biex jirbħu l-attitudnijiet li jifirdu.

Kull student għandu jkun jaf l-approċji (paradimmi) kunċettwali u operazzjonali relevanti tal-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali u l-edukazzjoni inklużiva, u l-evoluzzjoni tagħhom fil-kuntest storiku. L-istudenti għandhom ikunu ispirati biex jirriflettu fuq il-kwistjonijiet fundamentali tal-etika relatati mal-paradimma rispettiva, u biex jagħmlu deċiżjonijiet ta' valur b'mod deliberat.' (Feyerer, Niedermair and Tuschel 2006, p. 16).

Ir-rapport mill-Awstrija juri li l-kontenut u l-metodi użati fil-modulu interdixxiplinarju fuq l-'inklużjoni' kellu impatt pożittiv fuq l-attitudnijiet tal-għalliema-studenti għal skop ta' edukazzjoni-konġunta ta' tgħallimin (learners) li jkollhom jew ma jkollhomx diżabilitajiet. Waqt proġett ta' konxjożità-nifsija fil-kulleġġ tat-taħriġ tal-għalliema f'Salzburg, studenti-għalliema rrappurtaw wkoll effetti sostenibbli fuq l-attitudnijiet tagħhom lejn nies b'diżabilitajiet.

### 3.5 Sommarju

Dan il-kapitlu wera d-direzzjonijiet lejn kontenut-qofol komuni fil-korsijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema għal għalliema ta' kull min jitgħallem u nies żgħażagħ; b'mod partikolari dan ikun jinħtieġ foku aktar fuq il-pedagoġija għal speċjalisti ta' suġġetti li jkunu qegħdin iħejju ruħhom biex jgħallmu tgħallimin (learners) fl-edukazzjoni sekondarja.

L-eżempji mir-rapporti tal-pajjiżi juru li huwa possibbli li jiġi inkluż kontenut li jqajjem il-konxjożità fost l-istudenti-għalliema ta' diversi ħtiġijiet fost min ikun qiegħed jitgħallem – mhux biss dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u diżabiltajiet – imma ħafna oħrajn li faċilment jistgħu jaqgħu lura u jiġu esklużi.

Dawn l-eżempji juru wkoll il-ħtieġa ta' progressjoni lejn aktar kollaborazzjoni bejn l-HEIs u aktar integrazzjoni ta' kontenut bħal dan fil-korsijiet kollha tal-edukazzjoni tal-għalliema. Il-ħtieġa li jiġu pprovduti esperjenzi u opportunitajiet għal interazzjoni u diskussjoni biex jimpattaw fuq l-attitudnijiet ta' studenti u valuri hija mogħtija l-importanza tagħha wkoll. Kif jissuġġerixxi Richardson (1996), attitudnijiet u twemmin (konvinzjonijiet) jistgħu jiġu kkumpartamentalizzati fil-moħħ, b'hekk l-għalliema jippreżentaw attitudnijiet li jsostnu l-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza tal-opportunità filwaqt li juru azzjonijiet kuntradittorji fil-klassi. Dan juri l-importanza li

nkunu ċari dwar l-ideat u t-twemmin/konvinzjonijiet tal-istudenti-għalliema u li nindirizzaw it-tensjonijiet bejn dawn u l-prattika li jkunu qegħdin jiżviluppaw huma stess.

# 4. IL-PRATTIKA TAT-TAGĦLIM

Il-prattika tat-tagħlim hija komponent-qofol fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, imma l-ammont ta' ħin li l-istudenti-għalliema jqattgħu fl-iskejjel tvarja bejn il-pajjiżi. Xi pajjiżi qegħdin resqin lejn aktar prattika mibnija fuq il-mudell ta' taħriġ filwaqt li oħrajn huma mħassba dwar il-fatt li approċju ta' dan it-tip jista' jwassal għal "għalliema bħala 'technicians'" li ma jkollhomx ir-rigur akkademiku li jingħata minn korsijiet ibbażati fuq l-HEI.

Il-prattika tvarja wkoll fir-rigward ta' kif jiġu sistematizzati għall-prattika tat-tagħlim. Numru żgħir ta' pajjiżi jużaw sistema ċentralizzata filwaqt li oħrajn iħallu l-istudenti-għalliema jsibu l-iskejjel huma. Fl-Iżlanda, pereżempju studenti tal-ITE jattendu l-istess 'placement' għal tliet snin, jibnu fuq l-esperjenzi tagħhom, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jħeġġu lill-istudenti biex jiksbu esperjenza ta' varjetà ta' skejjel u ambjenti.

Fir-Renju Unit (l-Ingilterra), l-agenzija nazzjonali tal-ispettorat, Ofsted (2008) identifikat il-varjabiltà ta' placements/sistemazzjoni ta' skejjel bħala ċ-ċavetta għal kwalità fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema. Ħafna pajjiżi jitkellmu dwar diffikultajiet biex isibu biżżejjed placements ta' kwalità għolja, b'mod partikolari placements li jimmudellaw prattika inklużiva, u din tippreżenta xkiel ewlieni għall-integrazzjoni effettiva ta' teorija u prattika.

Biex tiġi pprovduta opportunità ta' xogħol direttament ma' tgħallimin (learners) ta' ħtiġijiet diversi, xi pajjiżi jużaw il-placements fi skejjel speċjali jew fil-kommunità lokali. Pajjiżi oħra jissupplixxu l-prattika fl-iskejjel b'medda ta' esperjenzi simulati kif jidher minn dan l-eżempju.

Fil-Latvja, minħabba li opportunitajiet biex jiġu affrontati sitwazzjonijiet prattiċi kumplessi jistgħu jiġu limitati bir-rwol tal-istudent-għalliem fuq l-prattika tat-tagħlim, il-ħiliet ta' evaljuwar, it-teħid ta' deċiżjonijiet u t-tweġib għal sitwazzjoni speċifika, jiġu żviluppati permezz ta' logħob ta' rwol u xogħol ta' analiżi ta' studji-ta'-każijiet. Studenti tal-ITE jesprimu r-reazzjonijiet tagħhom għall-fatti u jippruvaw janalizzaw is-sitwazzjoni minn punti differenti billi jirriċerkaw argumenti u azzjonijiet li jsostnu n-naħiet kollha involuti.

Pereżempju, din is-sitwazzjoni li ġejja tista' tiġi studjata:

Omm ta' tifel ta' 8 snin li għandu nuqqas ta' smigħ qawwi li juża l-wheelchair tasal fl-iskola mainstream f'April titlob għal post fl-iskola f'Settembru. L-istudenti-għalliema jiddeċiedu dak li n-nies (l-għalliema, il-ġenituri, il-kap tal-iskola, il-ħaddiema soċjali, u professjonisti oħra) għandhom ikunu involuti u x'mistoqsijiet għandhom jistaqsu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet edukattivi tat-tifel. L-istudenti tal-ITE għandhom jikkunsidraw diffikultajiet possibbli u soluzzjonijiet approprji għat-tifel, il-ġenituri, l-iskola u t-tfal sħabu u kif ukoll l-ambjent edukattiv u l-aċċess fiżiku għat-tifel.

Dan il-proċess jgħin lill-istudenti-għalliema biex jerġgħu jaraw mill-ġdid l-għarfien miksub tagħhom dwar diżabiltajiet differenti u l-ħtiġijiet edukattivi diversi tal-istudenti. Huma jtejbu l-ħiliet tagħhom dwar ir-riżoluzzjoni tal-konflitt, it-teħid tad-deċiżjoni, l-issustanzjar tal-opinjoni personali tagħhom u x-xogħol f'tim – kif jinvolvu professjonisti oħra. Huwa importanti, li huma jifhmu li l-għalliem waħdu ma jistax isolvi l-problemi kollha tagħhom u jagħmel kollox; huwa/hi trid tkun taf fejn tistaqsi għall-għajnuna u mhux tistħi tagħmel dan.

Filwaqt li fil-prattika tal-għalliema, l-għalliema-studenti fi Spanja għandu 'tuition doppja': a) fl-iskola minn tutur professjonali li jimmonitorja u jassessja x-xogħol tagħhom skont kriterji standard ipprovduti minn universitajiet u b) tutur akkademiku li jimmonitorja wkoll il-proċess, jippromwovi riflessjoni fuq il-proċess tat-tgħallim fl-iskola u eventwalment jassessja l-istudenti-għalliema.

Relazzjoni mill-qrib u pożittiva bejn l-HEIs u l-iskejjel hija meħtieġa fiż-żgur jekk il-benefiċċju massimu għandu jinkiseb mill-prattika fl-iskejjel. Il-vignette t'hawn taħt, mill-Fillandja juri din il-prattika.

Fl-edukazzjoni tal-għalliema tal-Fillandja, it-teorija u l-prattika jimxu ma' xulxin. Wara ċerti studji teoretiċi, studenti tal-ITE imorru għall-prattika fit-tagħlim għal 5-6 snin kull sena. Il-lecturers tal-iskejjel fejn tkun qiegħda ssir id-dimostrazzjoni jew il-field teachers u l-lecturers tal-università, it-tnejn jissorveljaw il-prattika tal-istudent biex jimmudellaw kollaborazzjoni bejn l-għalliema u jagħtu pożiżżjoni usa' dwar it-tagħlim ta' klassijiet etereoġenji. Ta' sikwit, għalliema ta' studenti jitqiegħdu ma' koetanji oħra biex jesperjenzaw tagħlim-flimkien (co-teaching). Matul jew wara kull taħriġ tal-għalliema jkun hemm seminar pedagoġiku jew didattiku fl-università, fejn l-istudenti

jirriflettu fuq l-esperjenzi li jkun kellhom fil-prattika tat-tagħlim u fuq iż-żjajjar fl-iskejjel differenti. Ir-riflessjoni hija meqjusa bħala parti importanti fl-iżvilupp professjonali. L-għalliema-studenti jibnu fuq it-teorija biex jinfurmaw u jsostnu l-prattika tagħhom biċċa biċċa biex isiru konxji tal-filosofija edukattiva tagħhom u l-identità ta' għalliem. Dan l-approċju jsostni l-idea tal-prattika bħala proċess minn żewġ naħiet li mhux biss jagħti ċans lill-għalliema-studenti biex jagħmlu sens mill-għerf miksub waqt il-kors tagħhom imma wkoll ikollu effett fuq il-ksib tagħhom u l-użu ta' għerf teoretiku.

L-Iżlanda bl-istess mod introduċiet l-idea ta' skejjel 'assoċjati' li jieħdu parti attiva fl-edukazzjoni tal-għalliema billi jipparteċipaw f' 'kommunità ta' tgħallim' ta' skola bbażata fuq għalliema u t-tuturi tal-HEI. Dan l-approċju jgħin lill-għalliema biex ikunu konxji dejjem aktar ta' liema azzjonijiet jieħdu f'sitwazzojnijiet differenti u jirriflettu fuq ir-raġunijiet għala, jagħmlu l-azzjonijiet tal-għerf-għarfien li jkun għaddej minn taħt aktar espliċitu.

Fl-Università ta' Malta, kienet introdotta unità ta' 4-ECTS għal skop ta' diversità. Din kienet assessjata minn proġett li sar matul sitt ġimgħat ta' prattika fit-tagħlim. L-istudenti-għalliema jintalbu jidentifikaw student/a jew grupp ta' tgħallimin (learners) b'ħiliet u ħtiġijiet diversi. Huma jkollhom jippjanaw, iwettqu u jevalwaw erba' lezzjonijiet li jwieġbu għal dawn id-diversitajiet u jżommu journal riflettiv qasir tal-proċess li jinqasam ma' studenti sieħba fl-edukazzjoni. Il-parti mgħallma tal-unità tipprovdi introduzzjoni tal-aspetti ta' ftuħ lejn id-diversità, id-dritt uman għal edukazzjoni ta' kwalità u tagħlim differenzjat u Ippjanar Edukattiv Individwali. L-istudenti tal-ITE jinnutaw li huma rebħu ħafna mill-biża' li seta' kellhom u żviluppaw kunfidenza f'li jaħdmu ma' tgħallimin (learners) bi ħtiġijiet speċjali, li jkollhom bżonn ta' tgħallim individwalizzat. Il-kors iwassal ukoll għal inklużjoni b'suċċess ta' tgħallimin (learners) li b'xi mod jistgħu jiġu esklużi mill-klassi tagħhom u għal titjib fil-kollaborazzjoni mal-ġenituri u l-istaff tas-sostenn.

Dan l-eżempju jsaħħaħ il-ħtieġa ta' approċji integrati fejn l-istituzzjoni tal-edukazzjoni tal-għalliema u s-sistemazzjonijiet fl-iskejjel jikkollaboraw biex isostni djalogu dejjem-għaddej fuq l-vjaġġ tal-istudent-għalliem matul il-ġimgħat tal-prattika tat-tagħlim.

F'xi programmi edukattivi tal-għalliema fil-Litwanja, studenti-għalliema għandhom prattika riflettiva ta' osservazzjoni fil-bidu tal-istudji tagħhom. Huma jqattgħu xi ġimgħat fi placements ta' prattika

differenti u jkollhom l-opportunità li josservaw, jirriflettu u jiddiskutu sitwazzjonijiet ta' prattika differenti. Il-prattika ta' osservazzjoni ssir ukoll f'pajjiżi oħra (eż. l-Awstrija, il-Latvja) u hija fl-istess linja ma' riċerka mill-USA (Darling-Hammond u l-kollegi, 2005) li tissuġġerixxi li l-kandidati-għalliema għandhom jiksbu esperjenza bħal din mill-bidu tal-programm tagħhom. Esperjenza ta' prattika bikrija tista' tipprovdi kuntest għal teorija u tgħin lill-istudenti-għalliema biex jaraw ir-relevanza ta' tgħallim ta' dan it-tip

Xi pajjiżi għamlu pjan għall-iżvilupp progressiv tal-ħiliet permezz ta' prattika fl-iskola f'kull sena tal-kors.

Fid-Dannimarka, l-Att tal-2007 dwar it-Tħarriġ tal-Għalliema għall-Folkeskole Daniżi jispeċifika kompetenzi ta' tagħlim li għandhom jinkisbu permezz ta' prattika tal-iskola, f'24 ġimgħa (36 ECTS) matul l-erba' snin kors. Il-foku għal kull sena hi fuq:

1 – L-identità tal-għalliem, l-iskola u l-kultura edukattiva;

2 – Għanijiet, kontenut u evalwazzjoni għat-tagħlim;

3 – Kollaborazzjoni u ambjent tat-tgħallim;

4 – Tagħlim Professjonali.

Fin-Norveġja, mudell simili jintuża b'foku fuq temi speċifiċi matul kull prattika tat-tagħlim: L-Ewwel Sena – Ir-rwol tal-għalliem u d-didattika; It-Tieni Sena – Id-diversità tal-Istudenti; It-Tielet u r-Raba' Sena – L-iskola bħala organizzazzjoni u l-kommunità professjonali, il-kooperazzjoni mal-ġenituri u oħrajn.

F'Oslo University, qiegħed jiġi introdott kors ġdid mandatorju fl-2011/12. L-istudenti jieħdu l-Matematika, il-Pedagoġija u suġġett wieħed addizzjonal, flimkien ma' sostenn fl-ICT. Il-kors huwa msejjes fuq il-fatt li, hekk kif l-iskola fit-tieni fażi tal-livell primarju ssir aktar impenjattiva f'dak li għandu x'jaqsam il-komprensjoni tal-qari, it-tgħallimin (learners) li jkollhom lingwa ta' minorità jistgħu jkunu aktar vulnerabbli. Il-kors huwa marbut mat-tħarriġ tal-prattiku tal-istudenti-għalliema matul l-erba' ġimgħat fit-term tar-Rebbiegħa.

Qabel il-prattika tat-tagħlim, l-istudenti-għalliema jingħataw lectures fuq il-ħiliet bażiċi fis-suġġetti differenti tagħhom. Imbagħad huma jiżviluppaw pjan ta' lezzjoni li jkun jinvolvi aktar żviluppi ta' ħiliet

bażiċi diretti lejn it-tgħallimin (learners) li jkollhom jew ma jkollhomx in-Norveġiż bħala l-ewwel lingwa, taħt is-superviżjoni mill-istaff tal-Kulleġġ. Fl-aħħar, l-istudenti-għalliema jattwaw il-pjan tal-lezzjoni fi klassi multikulturali, fil-prattika tal-iskola tagħhom fil-preżenza tal-istaff tal-Kulleġġ.

Il-kors jiżviluppa fehim wiesa' tan-natura interdixxiplinarja tal-'ħiliet bażiċi', u l-importanza tal-kooperazzjoni ma' għalliema-sieħba, biex itejbu l-iżvilupp tal-ħiliet bażiċi fost it-tgħallimin (learners). L-istudenti tal-ITE ukoll jiksbu fehim imsejjes fuq ir-riċerka fuq kif nuqqas ta' komprensjoni fil-qari f'suġġetti differenti tinfluenza r-riżulati-fil-mira (outcome) tat-tgħallim għal kull min ikun qiegħed jitgħallem, imma b'mod speċjali għal dawk li jkollhom in-Norveġiż bħala t-tieni lingwa tagħhom. Aspett importanti ieħor huwa dak li jgħin lill-istudenti-għalliema biex attivament jużaw kompetenzi kulturali u kompetenzi lingwistiċi differenti li tgħallimin (learners) ġejjin minn ambjenti kulturali u lingwistiċi oħra jġibu magħhom fil-klassi.

Għalkemm il-foku hawnhekk huwa fuq ħiliet bażiċi, dan l-eżempju juri mod effettiv ta' 'integrazzjoni' ta' kontenut bejn numru ta' korsijiet/oqsma ta' suġġetti biex jiżviluppa fehim usa' ta' natura interdixxiplinarja ta' ħiliet bażiċi u l-importanza tal-kooperazzjoni mal-għalliema l-oħra.

Fir-Renju Unit (l-Ingilterra) riżorsi għal użu fl-ITE u l-iżvilupp professjonali huma pprovduti mill-Aġenzija tat-Tħarriġ u l-Iżvilupp għall-Iskejjel (TDA) http://www.tda.gov.uk/

Il-materjali tal-ITE jinkludu ggwidar għal min jużah, informazzjoni fuq il-'kolonni' tal-inklużjoni, film clips u ggwidar fuq l-osservazzjoni tal-lezzjoni. Ir-riżorsi għall-programmi postgradwatorji ta' sena jinkludu informazzjoni mibnija fuq is-suġġett u x-xogħol-attività tat-tgħallim personali. Dan ix-xogħol-attività jinħtieġ li l-għalliema kollha jaħdmu intensivament għal 6-8 snin b'tgħalliemi (learner) singlu b'diffikultà ta' tagħlim/diżabiltà identifikata.

Ix-xogħol-attività jinvolvi osservazzjoni, irrekordjar tal-qari ta' tgħalliemi (learner) u l-ippjanar tat-tagħlim li għandu jsir taħt superviżjoni tal-koordinatur tal-SEN fl-iskola u l-koordinatur tat-taħriġ iniżjali li jirrappreżenta l-programm tas-sistematizzjoni fl-iskola.

Il-kompetenzi żviluppati jinkludu tagħlim personalizzat u tgħallim, żvilupp ta' attitudnijiet pożittivi u l-bini ta' relazzjonijiet ma' tgħalliema

(learners) b'SEN/diżabiltà, għerf prattiku ta' tagħlim u ħiliet. Edukaturi ta' għalliema, studenti tal-ITE u tgħalliema (learners) involuti lkoll ħadu l-benefiċċji tagħhom.

Ir-rapporti tal-pajjiżi u l-letteratura tar-riċerka li ġiet studjata għall-proġett isostnu l-iżvilupp ta' qafas kunċettwali ċar li se jgħin lill-istudenti biex jorbtu flimkien it-tgħallim teoretiku u prattiku. Jekk dan ma jsirx, il-prattika fl-iskejjel tista' tkun aktar influenti mit-tgħallim fl-HEI u – minħabba d-diffikultà f'ħafna pajjiżi li jinstabu sistematizzazzjonijiet ta' kwalità suffiċjenti – dan jista' jwassal biex ma jkunx sostnut l-iżvilupp tal-prattika inklużiva.

Fir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) il-komponent akkademiku tal-programm huwa kuntestwalizzat fil-placement tal-iskola fejn studenti ta' edukazzjoni bħala għalliema jkunu f'qagħda li jagħmlu l-awtoriflessjoni u attivitajiet ta' evalwazzjoni. Fl-aħħar sena tal-prattika tat-tagħlim, studenti-għalliema jaħdmu mill-qrib mal-għalliem tal-klassi, l-għalliem tas-sostenn u professjonisti oħra biex ikunu jafu tgħalliemi (learner) wieħed u jagħmlu kull sforz biex jinkluduh jew jinkludha fil-prattika tat-tagħlim tagħhom. Huma jiddokumentaw informazzjoni fuq il-prijorità tat-tgħallim tat-tgħalliemi (learner) u l-ħtiġijiet tas-sostenn u jikkunsidraw l-impatt tad-diffikultajiet/ diżabilitajiet ta' kwalunkwe tgħallim fuq it-tgħallim. Il-miri huma ppjanati u l-prattiċi evalwati. L-istudenti-għalliema jsostnu li huma jsibu dan l-element ta' sfida imma ta' vantaġġ rikumpens, fl-aħħar sena tal-prattika tat-tagħlim tagħhom u jibdew jirrealizzaw li anke fl-assenza ta' esperjenza, expertise u riżorsi huwa possibbli li jipprovdu lil kull tgħalliemi (learner) b'merħba u sens ta' appartenenza bħala membru ta' valur u li qiegħed jikkontribwixxi għall-klassi. Il-kompetenzi żviluppati jinkludu: l-għalliem bħala l-prattikant inklużiv; il-kollaboratur; ir-riċerkatur; il-faċilitatur tat-għallim; id-differenzjatur tal-prattika u l-assessur, il-kontrollur u l-evalwatur.

Il-livell u n-natura tas-sostenn u s-superviżjoni għall-istudenti-għalliema fuq il-prattika fl-iskejjel hija kruċjali wkoll u l-eżempji hawnhekk jagħfsu fuq l-importanza ta' konnessjonijiet mill-qrib bejn l-HEIs u l-prattika fl-iskejjel kif ukoll bħala tħarriġ għall-personnel tal-iskola involuti fil-prattika tas-superviżjoni. Passi ta' dan it-tip għandhom jittieħdu biex jassiguraw li l-messaġġi mogħtija waqt il-klassijiet mgħallma u d-diskussjonijiet teoretiċi huma konsistenti ma' dawk immudellati minn għalliema u staff senior fil-prattika fl-iskola.

## 4.1 Sommarju

Din is-sezzjoni eżaminat l-importanza tal-placement/ sistematizzazzjoni fl-iskejjel għal skop ta' prattika għall-istudenti-għalliema. Kif qalu Hagger u Macintyre (2006): 'dak kollu li studenti-għalliema għandhom ħtieġa jitgħallmu jagħmlu bħala għalliema fl-iskejjel għall-karrieri futuri tagħhom, huwa fl-iskejjel li jridu jitgħallmu jagħmlu dawn il-ħwejjeġ' (p. 65).

Għalkemm sistematizzazzjonijiet għal skop ta' inklużjoni ta' kwalità jista' jkun li jkun diffiċli biex jiġu organizzati, ir-rapporti tal-pajjiżi juru ħafna eżempji ta' prattika ta' innovazzjoni fejn esperjenzi ppjanati sew u sostenn ta' kwalità għal studenti-għalliema jindirizzaw id-divarju bejn it-teorija u l-prattika, u jiġu pprovduti b'opportunità biex jeżaminaw il-fehmiet u l-valuri tagħhom u jibdew jiżviluppaw il-ħiliet neċessarji biex jilqgħu għall-ħtiġijiet differenti fil-klassi.

L-importanza ta' bidla sistematika fuq skala ikbar biex jiġu żviluppati skejjel aktar inklużivi u l-ħtieġa għal edukazzjoni u żvilupp professjonal għal mentors u sovraintendenti bbażati fl-iskejjel għal skop ta' prattika fl-iskejjel, kif ukoll edukaturi-għalliema nġibdet l-attenzjoni għalihom ukoll. Dawn is-suġġetti se jiġu diskussi fil-kapitli li ġejjin.

## 5. EDUKATURI TAL-GĦALLIEMA

Ir-Rapport tat-Tgħallim tal-Koetanji fuq il-Professjoni tal-Edukaturi tal-Għalliema (Il-Kummissjoni Ewropea, Ġunju 2010), jiddefinixxi l-edukaturi tal-għalliema bħala 'dawk kollha li attivament jiffaċilitaw it-tgħallim (formali) tal-istudenti-għalliema u l-għalliema' (p. 3). Dan jinkludi lil dawk involuti fl-Edukazzjoni Inizjali tal-Għalliem u l-Iżvilupp Professjonali Kontinwu.

Din id-definizzjoni tindika li l-edukaturi tal-għalliema huma grupp etereoġenju. F'dan il-proġett il-foku huwa fil-qofol tiegħu fuq l-edukaturi tal-għalliema bbażati fl-HEIs, għalkemm ħafna mill-kontenut ta' dan ir-rapport japplika wkoll għal edukaturi tal-għalliema li jkunu bbażati fl-iskejjel u dawk f'ambjenti oħrajn.

F'xi pajjiżi, edukaturi tal-għalliema li jkunu bbażati f'HEI għandhom kwalifiki akkademiċi għolja (lawrija fil-livell ta' Master jew Ph.D) fil-qasam tas-suġġett relevanti. Esperjenza ta' tagħlim wiesgħa, li tinkludi t-tagħlim ta' tgħallimin (learners) minn ambjenti diversi hija kontinwament meqjusa bħala vantaġġ. Madankollu, ix-xogħol tal-attività tat-tagħlim fil-livell ta' koetanji, tal-Kummissjoni Ewropea turi li ħafna pajjiżi ma għandhomx speċifikazzjonijiet ta' rekwiżiti speċifiċi biex isiru edukaturi ta' għalliema u huwa tentattivament biss li dan il-grupp qiegħed jipprova jinġieb fl-istess linja ta' dixxiplini akkademiċi oħra.

Snoek, Swenne u van der Klink (2009) analizzaw id-dokumenti tal-policy fuq l-edukazzjoni tal-għalliema fil-livell internazzjonali u sabu riferenzi limitati għall-professjonaliżmu tal-edukaturi tal-għalliema. Bħala konsegwenza, huma jissuġġerixxu l-iżvilupp ta' proċess ta' tħejjija u żvilupp professjonali aktar biex itejbu l-istatus tal-edukaturi tal-għalliema bħala grupp professjonali speċjalizzat.

Tagħrif miġbur mill-proġett tal-Agency juri li waqt li l-HEIs li joffru korsijiet f'edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali, l-istaff jista' jkollu kwalifiki u esperjenzi f'dan il-qasam ta' xogħol, dan it-tip ta' sfond bħala regola ma huwiex mitlub għal edukaturi ta' għalliema li jkunu qegħdin jagħtu korsijiet ġenerali.

Fl-Awstrija, l-edukaturi tal-għalliema jrid ikollhom seba' snin ta' xogħol ta' esperjenza bħala għalliema, biex b'hekk ikunu kisbu esperjenza għallinqas f'xi oqsma relevanti mal-edukazzjoni inklużiva (eż. diżordnijiet ta' mġiba, tfal u adolexxenti minn bi sfond ta' migrant,

tfal li jkunu dotati). Pajjiżi oħra jispeċifikaw il-ħtieġa għal esperjenza riċenti u relevanti fit-tagħlim. Din l-esperjenza riċenti fit-tagħlim hija forsi l-aktar ikkonsolidata bis-sħiħ f'xi HEIs fejn l-edukaturi tal-għalliema jkomplu jgħallmu fl-iskejjel fejn ikunu jagħmlu d-demostrazzjoni (Eż. il-Fillandja).

It-tul ta' żmien li għalih l-edukaturi tal-għalliema ġenerali jikkollaboraw mal-kollegi li jkollhom speċjaliżmi fil-qasam tal-SEN/diżabiltà jew diversità tvarja wkoll. F'ħafna pajjiżi, din il-kollaborazzjoni hija fuq bażi informali għalkemm f'xi pajjiżi bħal Malta qegħdin jittieħdu passi biex jagħmlu dawn it-tip ta' kollaborazzjoni aktar formali. F'xi pajjiżi, karigi riċenti fl-ITE ikollhom kwalifiki fl-edukazzjoni ġenerali u speċjali, f'attentat biex inaqqsu d-differenza bejniethom.

Jissemmew ostakli prattiċi, pereżempju, meta edukaturi tal-għalliema ma jaħdmux flimkien fuq bażi ta' kuljum. Il-lokazzjoni ġeografika ta' korsijiet varji u l-użu ta' spazju fiżiku jista' wkoll ikollu impatt. Ir-rapport mill-Awstrija jinnota li, minħabba diffikultajiet fl-iffinanzjar ta' 'staffjar doppju', ħafna HEIs joffru biss mudell limitat ta' kollaborazzjoni.

Hemm qbil wiesa' li l-edukaturi tal-għalliema jeħtieġ li jipprattikaw dak li jippridkaw u jimxu aktar lejn medda ikbar ta' metodi ta' tagħlim bħalma huma dawk imsemmija aktar 'il fuq. Kif jgħid ir-rapport mir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq): 'L-approċji pedagoġiċi adottati fil-korsijiet tal-ITE għandhom jippromwovu kollaborazzjoni, riflessjoni u diskussjoni'.

Boyd u l-kollegi (2007) jissuġġerixxu li element ta' sfida għal edukaturi ta' għalliema ġodda fl-edukazzjoni ogħla qiegħda miexja minn ambjent ta' tgħallim aktar ristrettiv (li jidher f'ħafna skejjel) għal ambjent ta' tgħallim aktar espansiv, li jinvolvi fost ħwejjeġ oħra, kollaborazzjoni akbar, opportunitajiet għal riflessjoni u żvilupp personali u t-twessigħ ta' fruntieri professjonali. Għall-għalliema li jsiru edukaturi ta' għalliema, Swennen u van der Klink (2009) jgħidu wkoll li dan hu pass lejn professjoni distinta oħra li b'mod partikolari, tinħtieġ kompetenza fit-tagħlim tat-tieni ordni (jiġifieri tagħlim *fuq* it-tagħlim).

Edukaturi ta' għalliema għandhom idealment jimmudellaw prattika inklużiva għal studenti għalliema imma Burns u Shadoian-Gersing (2010) jinnutaw li minħabba li ftit mill-ġenerazzjoni kurrenti tal-għalliema u l-edukaturi tal-għalliema kellhom esperjenza personali ta'

ambjenti inklużivi matul l-edukazzjoni tagħhom, din tista' tkun problematika.

L-awturi tar-rapport Spanjol jemmnu wkoll li l-metodi tat-tagħlim li jkollu l-ikbar impatt fuq l-edukazzjoni ta' għalliema futuri f'dak li jirrigwardja t-titjib tal-prattika inklużiva tagħhom huma dawk fejn l-għalliema HEI japplikaw l-istess prinċipji u jwettqu fil-prattika metodoloġija ta' inklużjoni. Eżempju:

- Juru aċċettazzjoni u rispett għad-differenzi bejn l-istudenti bħala fatturi ta' arrikkament fit-tagħlim tagħhom;
- Ikunu konxji tal-punt tat-tluq ta' kull student, jassessjaw dak li jkunu jafu dwar is-suġġetti li se jkunu jaħdmu bihom qabel jipprvodu esperjenzi ta' tgħallim ġodda jew jindirizzaw il-kontenuti approprji;
- Jinkoraġġixxu esperjenza ta' tgħallim attiva u ta' parteċipazzjoni, li tagħti każ d-diversità tal-ħiliet, modi ta' tgħallim u motivazzjoni tal-istudenti;
- Tippromwovi l-possibiltà ta' kontenuti ta' tagħlim diversifikanti, tagħti s-saħħa u l-ħila lill-istudenti li jagħżlu, u jużaw modi differenti ta' kif jesprimu t-tgħallim miksub;
- Jiddiversifikaw il-metodi ta' assessjar, jiġbru evidenza differenti fuq l-progress u l-prestazzjoni tal-istudent-għalliem;
- Jipprattikaw xogħol kollaborattiv u ta' kooperazzjoni bejn l-istudenti filwaqt li jagħmlu espliċitu l-kontabiltà tal-istudenti individwali għall-progress tagħhom;
- Jużaw teknoloġija tal-informatika u komunikazzjoni biex jiffaċilitaw aċċess u parteċipazzjoni għall-istudenti-għalliema;
- Espliċitament jsawru valuri u etika relatati mad-dritt ta' kulħadd sal-livell ta' edukazzjoni ta' kwalità;
- Isostnu fiż-żminijiet kollha u bi proċeduri differenti, ir-riflessjoni kritika fuq il-fehmiet u l-attitudnijiet lejn id-diversità u kif jindirizzawha f'ambjenti ta' inklużjoni.

Ir-rapport tal-pajjiż tal-Iżlanda bl-istess mod jagħfas fuq il-ħtieġa li l-edukaturi tal-għalliema li jimxu l-mixja tat-tagħlim u jaħdmu fil-modi li jkunu jridu li l-istudenti-għalliema biex jgħallmu u joffru varjetà ta' approċji għal skop ta' pedagoġija inklużiva. Fl-Università tal-Iżlanda,

kors elettiv offrut għall-istudenti għalliema kollha li jiffoka fuq l-edukazzjoni inklużiva jintgħallem fl-istess żmien minn edukatur tal-għalliema u għalliem tal-inklużjoni minn skola obbligatorja. Qafas għal disinn kurrikulari huwa introdott u jesplora kif jiġi ddisinjat ambjent ta' tgħallim għal gruppi diversi ta' tgħallimin (learners).

Aktar ma jmur il-format ta' korsijiet jinkludi mhux biss lectures u seminars imma wkoll opportunitajiet għal diskussjoni u riflessjoni, kollaborazzjoni ma' medda ta' koetanji, tuturi u stakeholders oħra relevanti. Il-prattika fil-Polonja tinkludi aktar metodi attivi bħalma huma l-klassijiet tal-iffilmjar għall-analiżi u l-logħob ta' rwol. Ħafna pajjiżi llum jużaw taħlita ta' metodi aktar formali flimkien ma' tagħlim indirizzat lejn it-tgħalliemi (learner) innifsu u tgħallim li jkun ibbażat fuq il-problemi. Prattiċi inklużivi jinkludu prinċipji ta' 'immudellar' bħalma huma d-disinn universali u modi differenti ta' preżentazzjoni ta' kontenut, inkoraġġiment ta' parteċipajjizzjoni u espressjoni ta' opinjonijiet.

## 5.1 Żvilupp Professjonali

F'ħafna pajjiżi HEIs jorganizzaw żvilupp tal-istaff għall-edukaturi tal-għalliema. Dan jista' jsir permezz ta' korsijiet formali u akkreditati permezz tal-proviżjoni ta' informazzjoni, attendenza ta' konferenzi fil-livell nazzjonali u internazzjonali u attivitajiet li jkunu mibnija fuq ir-riċerka. Madankollu, dawn l-opportunitjaiet, fil-biċċa l-kbira tagħhom qegħdin jimmiraw għall-għalliema edukaturi li jkunu f'HEIs, bi ftit attenzjoni għal edukaturi għalliema li jkunu fl-iskejjel.

Fl-Estonja, l-universitajiet jipprovdu korsijiet ta' 'Tagħlim fl-Edukazzjoni Ogħla' li jinkludu aspetti dwar id-diversità fis-soċjetà. Il-Programm 'Eduko' jipprovdi wkoll attivitajiet għal edukazzjoni tal-istaff tal-għalliema li jkompli bil-għan li jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni f'korsijiet u konvenzjonijiet, seminars u skejjel tas-sajf u x-xitwa fuq l-aspetti speċifi tal-edukazzjoni tal-għalliema. Fl-2008, iċ-Ċentru tal-Kompetenzi tal-Għalliema fil-Litwanja ħoloq ukoll linji ta' gwida għat-taħriġ ta' mentors u tuturi li jkunu bbażati fl-iskejjel.

Fl-Isvezja l-edukaturi tal-għalliema jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom permezz ta' kuntatt mill-qrib ma' skejjel li jinkludu s-superviżjoni ta' attivitajiet prattiċi tal-istudenti u r-riċerka ta' azzjoni. Fil-Belġju (il-kommunità Fjammina) l-edukaturi tal-għalliema partikolarment riċerka ta' azzjoni ta' valur u kollaborazzjoni ma' programmi ta' baċellerat-wara-baċellerat (it-tieni programm f'livell ta' baċellerat bi

speċjalizzazzjoni professjonali) għal ħtiġijiet edukattivi speċjali li jinżammu fl-istess istituzzjoni.

Leaders tal-iskejjel u mentors li jkunu bbażati f'xi skola jilagħbu wkoll rwol importanti fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u għandhom bl-istess mod jiġu pprovduti b'opportunitajiet ta' żvilupp professjonali approprijat.

Għalkemm, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, edukaturi tal-għalliema huma individwalment involuti f'netwerks nazzjonali u internazzjonali, proġetti jew komunitajiet ta' riċerka, jidher li hemm ftit konsistenza fl-appuntament ta' edukaturi ta' għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu ħafna drabi huwa fuq bażi 'ad hoc'. Riċerka riċenti (Boyd et al., 2006; Murray, 2005) tindika li t-taħriġ introduttiv ta' edukaturi ta' għalliema li għandhom kif ġew appuntati għall-professjoni hija ta' livell li jvarja u xi mindaqqiet inadekwata; ħafna drabi ssir fid-dipartimenti nfushom jew permezz ta' tgħallim mhux-formali. It-tħejjija sistematika ta' edukaturi ta' għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, partikularment f'relazzjoni mal-ħtiġijiet varji fil-klassijiet, għaldaqstant tinħtieġ li tiġi żviluppata biex ittejjeb l-edukazzjoni għal għalliema għall-aġenda tal-inklużjoni.

## 5.2 Sommarju

Il-kwalifiki u l-esperjenza – u fil-verità r-rwoli – tal-edukaturi tal-għalliema fl-Ewropa tvarja ħafna kif ivajraw l-opportunitajiet għall-kollaborazzjoni bejn il-fakultajiet u l-kollegi. Din jista' jkollha impatt fuq l-iżvilupp tal-korsijiet li jippromwovu prattika inklużiva. Bl-istess mod, mhemmx opportunitajiet konsistenti għall-iżvilupp ta' tħejjija u professjoni kemm għall-edukaturi tal-għalliema bbażati fl-HEIs jew għal dawk li jaħdmu fl-iskejjel. Dan huwa qasam li jinħtieġ attenzjoni urġenti biex niżviluppaw akar 'il-professjoni moħbija' tal-edukatur tal-għalliem (Il-Kummissjoni Ewropea, 2010, p. 1).

# 6. IL-KOMPETENZI TAL-GĦALLIEM

Aktar minn 75% tal-pajjiżi li ħadu sehem fil-proġett iddeskrivew xi forma ta' kompetenzi ta' għalliema jew standards. Xi wħud huma maqbula fil-livell nazzjonali u f'xi pajjiżi huma sostnuti b'leġiżlazzjoni, filwaqt li pajjiżi oħra jipprovdu gwida mhux-statutorja. F'numru żgħir ta' pajjiżi, outcomes ta' dan it-tip mhemmx qbil fuqhom ċentralment imma iggwidar huwa pprovdut minn HEIs individwali jew fuq bażi nazzjonali jew reġjonali. Indipendentemtnt mill-eżistenza ta' stadards jew kompetenzi mixtieqa, f'ħafna pajjiżi, id-disinn prattiku u t-twettiq ta' korsijiet huma fid-diskrezzjoni ta' HEIs individwali. Sommarju tal-informazzjoni tal-pajjiż dwar l-ITE u l-użu tal-kompetenzi għal edukazzjoni inklużiva hija pprovduta f': http://www.european-agency.org/agency-projects/teacher-education-for-inclusion/annexes

Snoek u l-kollegi (2009) isostnu li 'prijorità ewlenija hija li l-pajjiżi jkollhom f'postha dikjarazzjoni konċiża jew profil ta' x'inhuma mistennija li l-għalliema jkunu jafu u jagħmlu' (p. 2). Fid-diskussjonijiet tal-proġett, xi esperti esprimew l-idea li biż-żieda fis-sistemi edukattivi mmexxija mill-forzi tas-suq fejn l-iskejjel jistgħu jixtru taħriġ minn medda ta' fornituri, it-twettiq ta' kompetenzi maqbula jista' jsir dejjem aktar importanti biex tiġi assigurata xi tip ta' konsistenza fil-policy ta' żvilupp u l-prattika tal-edukazzjoni tal-għalliema u l-evalwazzjoni tal-effettività tagħha.

It-termini 'kompetenzi' u 'standards' ma jitbiddlux il-waħda mal-oħra u dawn id-definizzjonijiet li ġejjin kien hemm qbil fuqhom mal-esperti għal skop ta' użu fil-Proġett TE4I.

- Bil-kelma standards ġeneralment nifhmu sett ta' miżuri li fuqhom korsijiet ta' edukazzjoni li fuqhom korsijiet ta' student għalliem/għalliema/għalliem jistgħu jiġu evalwati – l-eżiti (outcomes) summattivi fi tmiem il-programm tal-istudju;
- Il-kompetenzi jidhru bħala li qegħdin jiżviluppaw maż-żmien bi studenti tal-ITE u għalliema juru ħakma progressiva f'medda ta' ambjenti u sitwazzjonijiet. Bħala tali, dawn jiffurmaw kemm-il pedament għall-ITE u l-bażi għal żvilupp professjonali kontinwu.

Il-kwistjoni diskussa f'sezzjoni 3.3 dwar mudelli diskreti u integrati jew armonizzati fl-edukazzjoni tal-għalliema jimpattaw ukoll fuq l-iżvilupp tal-istandards u l-kompetenzi. Filwaqt li xi pajjiżi fil-biċċa l-kbira tagħhom jagħfsu fuq prattika inklużiva fl-istandards professjonali ta'

għalliema jew stqarrijiet ta' kompetenzi li nsibu fl-ITE, pajjiżi oħra jitkellmu dwar ħtiġijiet aktar speċifiċi li l-għan tagħhom hu li jippromwovu fehim akbar ta' inklużjoni. Dan għal darb'oħra jerġa' jqajjem id-dilemma diskussa aktar kmieni jekk armonizzazzjoni ta' aspetti ta' dan it-tip f'kompetenzi ġenerali jirriżultawx f'nuqqas ta' foku – għalkemm, fl-aħħar mill-aħħar, approċju ta' dan it-tip jippreżenta b'mod ċar l-ideal.

Fil-Portugal, il-prinċipju tal-inklużjoni jidher bħala li huwa parti integrali mill-kultura tal-pajjiż, għalhekk l-kompetenzi tal-għalliema għall-inklużjoni mhumiex murija b'mod espliċitu imma huma mistennija mill-għalliema tal-primarja kollha. Dawn il-kompetenzi jinkludu:

• Żvilupp ta' kurrikulu f'ambjent inklużiv, li jintegra l-għerf xjentifiku u l-ħiliet neċessarji għall-promozzjoni tat-tgħallim tal-istudenti;

• L-organizzazzjoni, l-iżvilupp u l-evaljuwar tal-proċess tat-tagħlim ibbażat fuq analiżi konkreta ta' kull sitwazzjoni, speċifikatament id-diversità tal-għerf, il-ħiliet u l-esperjenza li kull tgħalliemi (learner) għandu meta hu/i jagħti bidu jew ikompli t-tgħallim;

• L-iżvilupp ta' interess fi, u rispett għal popli oħra u kulturi u l-promozzjoni ta' tgħallim ta' lingwi oħra, il-mobilitazzjoni ta' riżorsi li jkunu jistgħu jinkisbu;

• Il-promozzjoni ta' parteċipazzjoni attiva ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem, il-kollabrazzjoni u s-solidarjetà u r-rispett għal edukazzjoni demokratika.

Fi Franza, insibu 10 ħiliet li huma meqjusa bħala li huma neċessarji għall-għalliema kollha. Dettalji dwar aspetti ta' dawn li huma relevanti għall-iżvilupp ta' prattika inklużiva huma pprovduti fir-rapport tal-pajjiż ta' Franza.

Kulleġġ tal-edukazzjoni tal-għalliema tal-primarja fil-Kommunità tal-Fjammini fil-Belġju għamel riċerka li tidentifika l-kompetenzi ewlenin meħtieġa għal skop ta' għalliema ta' inklużjoni fl-edukazzjoni primarja bħala l-bażi għal riforma kurrikulari. Filwaqt li fil-bidu, ir-riċerkaturi fittxew kompetenzi li kellhom x'jaqsmu ma' expertise ta' ħtiġijiet speċjali, fi tmiem l-istudju, dawn ma baqgħux jiġu kkunsidrati bħala ċentrali għall-prattika inklużiva. Il-kompetenzi li ġejjin kienu selezzjonati bħala li huma kruċjali għal skop ta' inklużjoni, b'mod

partikolari l-punt finali li jirreferi fil-qofol tiegħu għal attitudnijiet: li jingħata każ tat-tgħalliemi (learner) li jkun fl-aqwa tiegħu; id-differinzazzjoni tal-kurrikulu, is-sostenn u l-evalwazzjoni (preferibilment in-class); komunikazzjoni aktar profonda mal-ġenituri; kollaborazzjoni ma' kollegi esterni u interni fil-klassi; il-kurżità, il-ħsieb kritiku, il-flessibiltà u sens ta' responsabiltà.

Ir-rapport għan-Norveġja jistqarr li: 'għalliema għal futur ġdid mhux biss se jkunu kapaċi jagħrfu l-ħtiġijiet speċjali fl-istudenti tagħhom u jieħdu l-mezzi neċessarji … huma, bħala għalliema, huma mistennija li jaffaċċjaw/jipprevjenu diffikultajiet tat-tgħallim fl-istudenti individwali tagħhom u li jadattaw it-tagħlim tagħhom għall-abilitajiet u l-prerekwiżiti tal-istudenti indivdwali tagħhom, jippreservaw ambjent ta' klassi tajjeb (inkluživ)' (p. 5). Kandidati-għalliema Norveġiżi huma mistennija li jkunu jafu dwar l-objettivi tal-edukazzjoni, il-bażi tal-valur u l-bażi legali għal edukazzjoni kif ukoll id-drittijiet tat-tgħallimin (learners).

Fl-Awstrija, il-kompetenzi jidhru bħala pre-rekwiżiti personali neċessarji biex wieħed jittratta sitwazzjonijiet b'suċċess; fihom aspetti konoxxittivi kif ukoll metakonoxxittivi u motivazzjonali. Il-kompetenzi meħtieġa għal skop ta' edukazzjoni inkluživa kienu ppubblikati f'paper mill-Ministeru tal-Edukazzjoni (Feyerer et al, 2006) u jinkludu:

- Differinzazzjoni u individwalizzazzjoni, edukazzjoni ċċentrata fuq min ikun qiegħed jitgħallem;
- Użu u produzzjoni ta' materjal tat-tagħlim, disinn ta' ambjenti tat-tgħallim;
- Assessjar, feedback u evalwazzjoni tal-kisbiet ta' min ikun qiegħed jitgħallem;
- Kollaborazzjoni mal-għalliema, il-ġenituri u l-istaff minn dixxiplini oħra;
- Riflessjoni fuq u adattazjoni tal-valuri personali, attitudnijiet u azzjonijiet;
- Tgħallim interkulturali, edukazzjoni għal skop ta' gender u l-edukazzjoni għat-tgħallimin (learners) dotati;
- Aktar tħarriġ awtonomu permezz ta' riċerka, esperjenza;
- Assigurazzjoni ta' kwalità u żvilupp ta' skejjel (eż. l-użu tal-Indiċi għal Inklużjoni);

• Relazzjonijiet tajbin mas-sieħba kollha tal-iskejjel biex jiġu influenzati pożittivament l-opinjonijiet pubbliċi.

Seba' universtajiet fir-Renu Unit (L-Iskozja) ikkollaboraw biex jipproduċi Qafas għall-Inklużjoni biex isostnu l-istandards għal edukazzjoni inizjali tal-għalliema. Dan jenfasizza, b'mod partikolari, il-kontinwu tal-iżvilupp matul il-karriera tal-għalliem. Fir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq u Wales) l-istandards jinkludu wkoll ħafna mill-kompetenzi deskritti aktar 'il fuq bħala parti integrali mill-istandards mistennija mill-għalliema kollha.

Il-Profil tal-Kompetenzi tal-Professjoni tal-Għalliema (2007) għal-Litwanja fih 4 oqsma ta' kompetenzi: kompetenzi li għandhom kultura komuni, kompetenzi professjonali, kompetenzi ġenerali u kompetenzi speċjali. Filwaqt li ħafna mill-kompetenzi mniżżla jikkoinċidu ma' dawk li nsibu fuq, il-LIntwanja tispeċifika wkoll il-ħtieġa li:

• Nagħrfu l-importanza ta' ambjent tad-dar għall-edukazzjoni tat-tfal u d-diversità ta' valuri tal-familja;

• Ngħallmu lit-tgħallimin (learners) skont il-valuri umanistiċi;

• Nikkreaw ambjent ibbażat fuq it-tolleranza u l-kollaborazzjoni.

Fir-Repubblika Ċeka, pereżempju f'Charles University fi Praga, il-korsijiet huma inklużi biex itejbu x-xogħol mal-ġenituri. Pajjiżi oħra bħas-Slovenja jippromwovu l-idea tax-xogħol interdixxiplinarju u xi wħud jistiednu lil kelliema minn aġenziji oħra biex jikkontribwixxu għall-korsijiet. Fl-Estonja, fl-Università ta' Tartu, kors obbligatorju bl-isem ta' 'Komunikazzjoni pedagoġika' jagħti lill-istudenti tal-ITE l-opportunità li jibdew u jostnu kuntatt ma' tfal u ġenituri minn ambjenti differenti b'medda ta' attivitajiet li jkunu jinħtieġu seħib mutwu u komunikazzjoni biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom biex jindirizzaw id-diversità bi qlub u moħħ miftuħa u li jifhmu u attitudnijiet riformati.

L-istudji tal-proġett tal-letteratura, ir-rapporti tal-pajjiżi u ż-żjajjar ta' studju lkoll juru li l-prattika riflettiva hija l-qasam ewlieni tal-kompetenza għall-għalliema kollha, li tinvolvi, b'mod partikolari:

– Imħuħ miftuħa (ix-'xewqa li wieħed ikun jaf' u jfittex għal xi ħaġa aħjar), ir-responsabiltà (li wieħed jaħseb dwar l-effetti tal-azzjonijiet fuq iċ-ċansijiet tal-ħajja ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem) u qalb miftuħa beraħ;

- Ġudizzju infurmat b'investigazzjoni u riċerka – riflessjoni-fl-azzjoni u riflessjoni-fuq-l-azzjoni (Schön, 1983);
- Medjazzjoni kreattiva fuq oqfsa għat-tagħlim u t-tgħallim żviluppati esternament u l-ikkwestjonar ta' 'veritajiet riċevuti' (Pollard and colleagues, 2005).

Fiż-żjajjar tal-istudji tal-proġett tal-2011, kien hemm enfasi fuq li l-għalliema għandhom jiżviluppaw ir-razzjonal tagħhom għall-azzjoni, sostnut mil-leaders u l-ispetturi tal-iskejjel li għandhom jinkoraġġixxu 'ħelsien professjonali' u approċji innovattivi li jagħtu każ tad-diversità fost l-għalliema.

Lauriala (2011) huwa tal-fehma li l-kumplessità tas-sitwazzjoni tal-klassi tinħtieġ azzjoni 'unika u awtentika' mill-għalliem. L-għalliema, għalhekk, għandhom jibnu l-identità professjonali tagħhom u l-għerf flimkien ma' teoriji pedagoġiċi personali.

Sciberras (2011) bl-istess mod qalet li r-rispettar tad-diversità tal-għalliema u l-ħolqien ta' ambjenti li jħalluhom ikunu kreattivi fil-mod uniku tagħhom huwa kruċjali fit-twassil ta' filosofija inklużiva. Hija tal-fehma li għalliem li jħossu rrispettat u sostnut b'referenza għad-diversità professjonali tagħhom għandu ħafna iktar ċans li jikkrea u jiffaċilita ambjenti inklużivi fil-klassijiet tagħhom.

### 6.1 Assessjar tal-kompetenzi

Biex wieħed jistabbilixxi l-impatt fuq l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema ta' profili ta' dan it-tip jew dikjarazzjonijiet ta' kompetenza, jinħtieġ li jkun hemm mod konsistenti tal-assessjar tal-ksib. Din il-bidla għandha ċ-ċans li tkun tinħtieġ ħiliet ġodda u approċji minn edukaturi tal-għalliema li jkollhom bżonn jaċċertaw il-livell ta' kompetenza ta' għalliema fil-livell ta' qabel is-servizz u dak li jkun meħtieġ biex jgħinuhom jimxu 'l quddiem fit-tgħallim tagħhom.

Warfor (2011) japplika x-xogħol ta' Vygotsky (1986) fuq iz-Zona tal-Iżvilupp Prossimali għall-edukazzjoni tal-għalliema, li jissuġġerixxi li l-iżvilupp jista' jkun sostnut bl-identifikar tad-distanza bejn dak li l-kandidati-għalliema jistgħu jagħmlu waħedhom u l-livell li jistgħu jiksbu permezz ta' assistenza strateġikament medjata minn oħrajn li jkunu aktar ta' ħila.

Il-kurrikulu fil-Kulleġġ tat-Taħriġ tal-Għalliema tan-naħa ta' fuq tal-Awstrija jiddifferenzja bejn dawn l-oqsma ta' kompetenzi: Li ssir professjonali fl-istruzzjoni (kompetenza struzzjonali); li tmur tajjeb ma' nies żgħażagħ (kompetenza edukazzjonali); li jkollok suċċess fil-ħajja tax-xogħol (kompetenza-nifsija); li attivament torganizza l-iskola (kompetenza fl-iżvilupp tal-iskola). Il-kompetenza li għandha x'taqsam mal-eteroġeneità nsibuha f'dawn l-oqsma kollha.

Dawn huma l-istadji ta' kompetenza li ġew identifikat minn edukaturi ta' għalliema:

- Azzjoni naïve u kkupjar;
- Azzjoni skont speċifikazzjonijiet;
- Ittrasferar u ġġeneralizzar;
- Kontroll awtonomu.

Il-kulleġġ jagħraf li mhux l-istudenti-għalliema kollha jibdew l-iżvilupp tal-kompetenza tagħhom fl-ewwel stadju, u li kompetenzi differenti jinkisbu fi żminijiet differenti. L-istadji t'hawn fuq juru t-tkabbir tal-awtonmija fl-azzjonijiet ta' għalliem u r-riflessjoni tiegħu jew tagħhom ggwidata mit-teorija u li wieħed jevita kwalunkwe użu 'mekkansitiku' tal-kompetenzi. L-għan huwa li tiġi promossa interazzjoni sostnuta tat-teorija u l-prattika, billi l-kontenut tat-taħriġ jitpoġġa fil-prattika kemm jista' jkun malajr u billi tiġi mħeġġa r-riflessjoni biex b'hekk jiġi evitat għerf teoretiku li jibqa' inattiv. Minħabba li l-kompetenzi ma jistgħux jiġu osservati direttament, il-ġudizzji għandhom isiru fuq il-prestazzjoni li tinbena fuq il-bażi tal-kompetenza rispettiva.

Jansma (2011) iqabbel il-kompetenza professjonali ma' iceberg, fejn huwa l-biċċa ta' fuq (li tirrappreżenta l-azzjoni tal-għalliema) li hija viżibbli. Taħt il-wiċċ hemm il-bażi ta' kwalitajiet personali, l-attiudnijiet u l-fehmiet professjonali u r-repertorju professjonali msejjes fuq l-għerf u r-responsabiltà.

## 6.2 Sommarju

Fil-qosor, il-kompetenzi ewlenin enfasizzati mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi bħala li huma l-aktar relevanti għall-iżvilupp ta' prattika inklużiva tipikament jinkludu:

– Riflessjoni fuq it-tgħallim tagħhom u t-tfittix kontinwu ta' informazzjoni biex jingħelbu l-isfidi u s-sostenn ta' prattika innovattiva;

- L-għoti ta' importanza għall-qagħda tajba ta' min ikun qiegħed jitgħallem, it-teħid ta' responsabiltà biex jintlaħqu l-ħtiġijiet kollha tat-tgħallim u s-sostenn u l-assigurar ta' ethos pożittiv u relazzjonijiet tajbin;
- Il-kollaborazzjoni ma' oħrajn (professjonisti, ġenituri) biex jassessjaw u jippjanaw kurrikulu li jingaġġa biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet diversi ta' kull min jitgħallem, b'aċċenn fuq aspetti ta' kwalità u drittijiet umani;
- L-użu ta' metodi ta' tagħlim ta' 'inklużjoni' varjati u xogħol fi gruppi u indipendenti għall-għanijiet tat-tgħallim, l-età ta' min jitgħallem, u l-abiltajiet/stadju ta' żvilupp u l-evaljuwar tat-tgħallim u l-effettività tal-metodi użati;
- L-indirizzar tat-tgħallim tal-lingwi f'kuntesti multilingwi u l-valorizzazzjoni tad-diversità kulturali bħala riżorsa.

L-iżvilupp ta' deskrizzjoni ta' kompetenzi ta' dan it-tip għandu jintqies bħala kritiku fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema; u li jsostni t-tagħlim fit-tul għal skop ta' karriera. Dan kollu huwa sostnut minn fehmiet sodi u impenn għal prinċipji inklużivi. Moran (2009) tissuġġerixxi li huwa biss billi wieħed jieħu sehem u jesplora t-tifsira usa' tal-kompetenzi li edukaturi tal-għalliem u studenti għalliema 'isiru konxji tal-identitajiet tagħhom u jivvalorizzaw pożizzjonijiet, u kif ukoll tar-rwol kruċjali fit-tħejjija u l-formazzjoni taċ-ċittadini futuri għal soċjetà demokratika' (p. 8).

## 7. IL-KWALITÀ TAL-ASSIGURAZZJONI U S-SEGWITU

F'ħafna pajjiżi, programmi għall-edukazzjoni inizjali tal-għalliema jkollhom jiġu akkreditati esternament minn struttura ċentrali u/jew mill-Ministeri tal-Edukazzjoni. Assigurazzjoni ta' kwalità kontinwa tista' tiġi pprovduta minn spezzjonijiet esterni (eż. Ofsted fl-Ingilterra) u minn involviment estern fl-assessjar u l-eżamijiet. Metodi oħra ta' assigurazzjoni ta' kwalità jinkludu validazzjoni ta' programmi esterni bi studju (ħafna drabi kull sena) tal-kwalità tal-eżiti (outcomes) tal-istudent-għalliem minn eżaminaturi esterni, proċessi interni ta' approvazzjoni tal-kors u validazzjoni u evalwazzjoni interna mill-individwu nnifsu kif ukoll proċess ta' titjib ta' kwalità.

Fl-Irlanda, il-Kunsill tat-Tagħlim dan l-aħħar fassal il-kriterji u l-linji ta' gwida li l-proviżuri ta' programmi tal-ITE huma meħtieġa li josservaw. Dan ir-rwol, fl-analiżi u l-akkreditazzjoni tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, huwa distint mill-akkreditazzjoni akkademika li l-programmi jkollhom ukoll. L-akkreditazzjoni akkademika hija mibnija fuq kemm huwa f'postu l-programm għall-għoti tal-lawrija/diploma filwaqt li akkreditazzjoni professjonali għal kull professjoni hija ġudizzju fuq jekk programm jippreparax wieħed għal dħul f'dik il-professjoni.

L-assigurazzjoni ta' kwalità tista' wkoll tkun ibbażata, kif inhu fl-Estjoni, fuq evalwazzjoni nifsija. L-entitajiet konsultatorji għal programm tal-ITE (Kunsilli ta' Programmi) jinkludu rappreżentanti tal-istakeholders kollha, inklużi studenti u min iħaddem. Huma responsabbli għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-programmi u l-iżviluppi ta' pjanijiet stratetiġi. Madankollu, ir-rapport mill-Estonja jesigi li min iħaddem għandu jkun involut aktar fl-evalwazzjoni u d-disinn tal-korsijiet tal-ITE. Pajjiżi oħra jsemmu wkoll l-importanza tal-involviment tan-nies b'diżabilitajiet fit-tħejjija tal-ippjanar.

Filwaqt li huwa dejjem aktar komuni li wieħed jiġbor l-ideat ta' gradwati passati jew għalliema kwalifikati ġodda (NQTs), pereżempju permezz ta' kwestjonarju jew stħarriġ, ftit huma l-pajjiżi li għandhom segwitu sistematiku tal-għalliema l-ġodda u l-evalwazzjoni ta' ITE li tagħti attenzjoni speċifika għall-inklużjoni jew tiffoka fuq l-attenzjoni għad-diversità bħala kriterju.

Il-Proġett ta' Prattika ta' Inklużjoni (l-Iskozja) segwa għalliema ġodda bħala parti mir-riċerka tal-proġett, biex jevaljuwaw l-impatt tar-riformi tagħhom u l-Belġju (il-kommunità li titkellem bil-Fjammin) bħalissa

qegħdin jiżviluppaw strument biex isegwu lill-istudenti. Biex ikunu jistgħu jinfurmaw tibdil fil-ġejjieni jeħtieġu li jkollhom approċju rigoruż għall-evalwazzjoni tal-kors u segwitu tal-għalliema l-ġodda, possibilment billi jinvolvu l-użu ta' kompetenzi li jkun hemm qbil fuqhom bħala bażi għal ġudizzju ta' prattika inklużiva ta' 'kwalità'.

Fl-Irlanda, xi istituzzjonijiet jirċievu feedback informali permezz a' gradwati li jerġgħu lura jistaqsu għal xi parir jew permezz ta' seminars li jsiru għal gradwati biex jagħtu feedback fuq l-edukazzjoni ta' qabel is-servizz u biex jaqsmu sfidi u esperjenzi tal-ewwel sena tagħhom fit-tagħlim. Istituzzjoni minnhom qalet li f'ċirkustanza riċenti gradwati reġgħu lura lejn il-kulleġġ għal serje ta' laqgħat ta' sostenn ta' SEN/inklużjoni fl-ewwel sena tagħhom tat-tagħlim. Ir-riżultat kien kors tas-sajf iddisinjat mill-għalliema kwalifikati ġodda biex jindirizzaw aspetti li dawn l-għalliema riedu jħabbtu wiċċhom magħhom fl-ewwel sena tat-tagħlim tagħhom.

Fl-Università ta' Tampere fil-Fillandja, lecturers stiednu studenti biex jiddiskutu l-inklużjoni. Diskussjonijiet bħal dawn inżammu wkoll ma' għalliema ġodda, għalliema b'esperjenza u riċerkaturi biex jiżviluppaw kors ġdid imsejjaħ 'Diversità fl-edukazzjoni'.

Proviżuri fl-ITE fir-Renju Unit (Wales) huma responsabbli biex jipprovdu lil kull student-għalliem bi Profil ta' Dħul fil-Karrieri (CEP) biex isostni t-tranżizzjoni minn ITE għal induzjoni hekk kif jibdew jaħdmu fl-iskejjel. L-NQTs huma responsabbli biex jaqsmu l-profil mat-tutur tagħhom tal-induzzjoni li huwa għalliem innominat biex jgħinhom meta jibdew l-ewwel xogħol tagħhom bħala għalliema. Is-CEP jgħin lill-NQs biex jiffukaw fuq il-ksib u l-għanijiet tagħhom fl-istadji bikrin tal-karriera tat-tagħlim tagħhom; biex jieħdu sehem f'diskussjonijiet kollaborattivi meta jippjanaw meta jkollhom ħtieġa ta' żvilupp professjonali, u biex jipprovdu konnessjoni bejn l-ITE u l-iskejjel fejn iservu l-perjodu tal-induzjoni tagħhom.

Numru ta' pajjiżi qegħdin jiżviluppaw ir-rwol ta' tuturi li huma bbażati fl-iskejjel, jew mentors, u qegħdin jipprovdi taħriġ għal dawn in-nies ewlenin (eż. l-Awstrija, id-Dannimarka, l-Isvezja, ir-Renju Unit (l-Ingilterra)). Edukazzjoni bażika fin-Norveġja hija r-responsabiltà tal-komunitajiet lokali li jorganizzaw il-programm ta' immentorjar fl-iskejjel. Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ta' għalliema ntalbu biex jiżviluppaw 30-ECTs, programm ta' studju part-time għal għalliema li jixtiequ li jkunu mentors. Il-programmi se jipprovdu kwalifiki għal

mentors u huwa ttamat, li jiżviluppaw wkoll interess fost l-għalliema għal żvilupp ta' kwalità fit-tagħlim.

Il-White Paper tal-2009 fin-Norveġja tagħraf bħala li huma sfidi serji r-rati ta' studenti-għalliema li jkomplux il-kors, kif ukoll in-numru għoli ta' għalliema li ma jkomplux fil-professjoni. r-rapport tagħhom:

'L-esperjenza u r-riċerka juru li konfrontazzjoni f'salt wieħed mar-realtajiet tal-klassi u r-responsabiltà sħiħa tal-għalliem tista' tkun trawmatika għall-għalliema ġodda. L-esperjenza tal-klassi waqt l-edukazzjoni tal-għalliema hija minn ambjent ikkontrollat, b'instructors kompetenti ħafna fil-qrib … Għalliem ikkwalifikat, min-naħa l-oħra, jaħdem mingħajr xejn x'jilqagħlu … Mhux ta' b'xejn għalhekk, li ħafna jsibuha iebsa ħafna' (p. 7).

Għan wieħed għar-riforma fl-edukazzjoni tagħhom hija li jipprovdu bidu inqas iebes għal karriera ta' għalliema u żvilupp matul il-ħajja ta' kompetenza professjonali. L-għalliema l-ġodda kollha se jkunu offruti segwitu minn mentor ikkwalifikat u b'esperjenza, biex jagħti sostenn professjonali u prattiku u biex jgħinhom jibnu l-kunfidenza, permezz ta' aċċess għall-kompetenza kollettiva u esperejnza tal-kommunità fl-iskola. Prattika ta' dan it-tip tista' wkoll tipprovdi opportunitajiet għal tgħallim permezz ta' diskussjoni dwar prattika osservata fi skola li tista' tiġi f'konflitt ma' messaġġi ewlenin pprovduti matul l-edukazzjoni inizjali. Barra li telimina l-ħela tar-riżorsi tal-għalliema permezz ta' attrizzjoni (għalliema li jitilqu mix-xogħol), sostenn ta' miżuri ta' dan it-tip għandu jgħin il-kwalità tat-tagħlim.

Dan iqajjem il-mistoqsija fuq kif inhi definita l-kwalità tal-għalliema. L-għalliema għandhom jiġu ġġudikati biss fuq il-prestazzjoni akkademika tal-istudenti? Jekk eżiti (outcomes) usa' huma kkunsidrati u vvalorizzati, kif jistgħu dawn jiġu definiti u mkejla b'mod ċar? Aktar riċerka hija meħtieġa biex tistudja dawn l-aspetti u tiġi kkjarifikata xi kwalità ta' tagħlim f'ambjenti inklużivi kif tidher fil-prattika.

## 7.1 Sommarju

Dawn l-aspetti li jikkonċernaw l-assigurazzjoni ta' kwalità tal-edukazzjoni tal-għalliema u s-segwitu ta' għalliema ġodda ġew diskussi. Huwa ċar li hemm il-ħtieġa li jkun hemm evalwazzjoni aktar rigoruża u sistematika tal-kors kif ukoll segwitu tal-għalliema, li għandha tkun parti mill-'attitudni' riflettiva u tgħallim tul il-ħajja ta' kull min hu involut fl-edukazzjoni tal-għalliema.

# 8. QAFAS TA’ POLICY USA’ GĦAS-SOSTENN TAL-EDUKAZZJONI TAL-GĦALLIEMA GĦAL SKOP TA’ INKLUŻJONI

Ħafna mill-aspetti li għandhom x’jaqsmu ma’ kuntesti Ewropej u internazzjonali diskussi f’kapitlu 2 ta’ dan ir-rapport kienu tqajmu wkoll fir-rapporti tal-pajjiżi u issa se jkunu kkunsidrati f’aktar dettall.

Għadd ta’ pajjiżi għandhom leġiżlazzjoni f’postha biex isostnu l-inkużjoni filwaqt li oħrajn żviluppaw strateġiji jew pjanijiet ta’ azzjoni ta’ natura konsultattiva. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, *il-Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabiltajiet* tan-Nazzjonijiet Uniti wkoll qiegħed ikollha impatt.

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, riċentement jew bħalissa qiegħed ikollhom bidla sinifikanti fil-policy tal-edukazzjoni jew l-oqfsa tal-kurrikulu, xprunati minn wieħed jew aktar minn dawn il-fatturi:

- Tħassib dwar tfal li ma jaslux sa fejn għandhom jaslu (under-achievement), kif evidenzjat fi tqabbil ta’ assessjar nazzjonali u internazzjonali bħal dak ta’ PISA;
- Skuntentizza dejjem tiżdied fost tgħallimin (learners) ta’ età sekondarja u tfal li ma jkomplux l-iskola;
- Demografiji li jinbidlu u għadd dejjem jikber ta’ tgħallimin (learners) minn ambjenti kulturali u lingwistiċi diversi;
- Ħtieġa ta’ reviżjoni tal-kurrikulu biex jiġu indirizzati prijoritajiet ewlenin, pereżempju, promozzjoni ta’ koeżjoni soċjali u l-indirizz tal-effetti tal-klima ekonomika kurrenti.

Is-sezzjoni li jmiss se teżamina xi wħud mill-aspetti ewlenin li bħalissa qegħdin jiġu dibattuti hekk kif pajjiżi jaħdmu biex jindirizzaw dawn il-fatturi.

## 8.1 Terminoloġija

Fid-deskrizzjoni tal-ambjent u iktar importanti, il-kuntest tal-policy għall-iżviluppi dwar l-edukazzjoni tal-għalliema għall-inklużjoni, dwar terz mill-proġetti tar-rapporti tal-pajjiż jipprovdu definizzjoni ta’ inklużjoni. Xi pajjiżi ma jużawx it-terminu ‘inklużjoni’ imma jużaw alternattivi bħal ‘skola għal kulħadd’ (l-Isvezja) ‘attenzjoni għad-diversità’ (Spanja) u ‘differinzazzjoni’ (id-Dannimarka). Xi pajjiżi qegħdin ukoll f’punti differenti biex jimxu ’l quddiem mill-użu tat-

terminu ‘integrazzjoni’. Dan it-terminu, kif diskuss fit-2 kapitlu ta’ dan ir-rapport, bħala regola kien assoċjat ma’ aspetti dwar is-sistemazzjoni ta’ tgħallimin (learners) b’diżabiltà f’ambjenti mainstream, ħafna drabi b’foku fuq deficits individwali tat-tifel/tifla aktar milli l-limitazzjonijiet tal-ambjent tal-iskola.

Filwaqt li ħafna pajjiżi mxew ’il quddiem lejn l-użu tat-terminu ‘inklużjoni’ u fehim aktar wiesa’ ta’ dan il-kunċett (bħal dak ipprovdut mill-UNESCO, 2009), għad hemm varjazzjonijiet kbar fl-interpretazzjoni u, bħala riżultat, fil-prattika. Huwa evidenti wkoll mir-rapporti tal-pajjiżi li xi pajjiżi għadhom qegħdin iżidu fl-użu tat-terminoloġija madwar ‘l-eteroġeneità’ u qegħdin f’punti differenti fil-mixja lejn il-paradimma tad-diversità.

Tikketti li jwasslu għall-kategorizzazzjoni tat-tgħallimin (learners) jinħtieġ li ssirilhom reviżjoni fil-mixja lejn foku biex jintrebħu xkilijiet għat-tgħallim. Ir-Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà (2011) jgħid: ‘… l-assenjament ta’ tikketti lil tfal f’sistemi edukattivi jista’ jkollha effetti negattivi inklużi dawk ta’ stigmatizzazzjoni, tbarrija minn tfal oħra bħalhom, stima-personali baxxa, aspettazzjonijiet baxxi u opportunitajiet limitati’ (p. 215).

Kollox ma’ kollox, in-nuqqas ta’ definizzjonijiet bi qbil fuqhom għal termini ewlenin tibqa’ sfida; din hija problema speċifikatament identifikata fir-rapport tal-pajjiżi mis-Slovenja. Ir-rapport Franċiż jagħmel ukoll referenza għal din il-kwistjoni tal-użu tal-lingwa, filwaqt li jinnota li, minkejja t-tibdil fit-terminoloġija, il-kunċetti ma nbidlux fil-verità. Ir-rapport minn Spanja jgħid ‘meta nitkellmu dwar l-inklużjoni, ħafna għalliema fil-livelli edukattivi ħafna drabi jaħsbu biss dwar ċerti “miżuri u tgħallimin (learners) speċjali”, filwaqt li l-attenzjoni għad-diversità għandha tkun attività ordinarja ġenerali.’

Inċertezzi ta’ dan it-tip jirriflettu differenzi dwar l-għanijiet u l-funzjonijiet ta’ skola fis-soċjetà u l-ideoloġija li tmexxi dan kollu u li tista’ timpatta fuq l-iżvilupp ta’ policies ċari u koerenti għal edukazzjoni inklużiva.

## 8.2 Policies ħolistiċi li jsotnu lit-tgħallimin (learners)

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, jidher li hemm realizzazzjoni tal-ħtieġa ta’ policies ħolistiċi u li jorbtu ma’ xulxin – li mixja lejn l-edukazzjoni inklużiva ma tistax issir għal rasha u tinħtieġ riforma sistematika – b’mod partikolari, kollaborazzjoni akbar bejn entitajiet ta’ teħid ta’ deċiżjoni u l-approċju ta’ ‘gvern-sħiħ’ advokata mill-OECD (2010).

Fil-Liġi tal-Portugal 49/2005 insibu d-dritt għal edukazzjoni u t-tgħallim kontinwu għall-promozzjoni tal-iżvilupp globali ta' individwi f'attentat għal soċjetà aktar demokratika. Il-liġi Organika tal-2006 fi Spanja, imsaħħa minn valuri b'saħħithom, bl-istess mod issostni approċju ħolistiku ta' inklużjoni, ekwità u non-diskriminazzjoni. Fi Franza wkoll, il-Liġi 2005/02 issostni d-drittijiet ugwali u l-opportunitajiet, il-parteċipazzjoni u ċ-ċittadinerija tal-poplu b'diżabilitajiet.

Sa minn kmieni fl-1976, in-Norveġja waħħdet il-leġiżlazzjoni għal skejjel speċjali u mainstream u r-rapport riċenti 'Dritt għat-Tgħallim' jenfasizza l-importanza tar-relazzjonijiet, il-parteċipazzjoni u t-tgħallim personalizzat għal kulħadd.

Xi prinċipji importanti dwar l-edukazjoni inklużiva u l-edukazzjoni tal-għalliema nsibuhom fir-rakkomandazzjoni nazzjonali tal-Konferenza tal-Isvizzera tar-Retturi tal-Universitajiet tal-Edukazzjoni tal-Għalliema (COHEP, 2008). Dawn jinkludu għarfien tal-fatt li l-iskejjel mainstream huma l-postijiet għal tgħallim inklużiv għat-tfal kollha u li l-għalliema fl-iskejjel mainstream għandhom ikunu kapaċi li jġibu ruħhom professjonalment u b'mod kompetenti f'ambjenti edukattivi inklużivi.

Fil-Ġermanja, il-Konferenza tal-Ministri tal-Edukazzjoni u l-Affarijiet Kulturali tal-Bundeslander (KMK) f'paper ta' strateġija (April 2010) jistqarru li: 'l-għalliema kollha għandhom ikunu preparati u mħarrġa għal edukazzjon inklużiva għall-istudenti kollha … Biex b'hekk jakkwistaw il-kompetenzi neċessarji fil-mod kif jittrattaw forom varji ta' etereoġeneità' (p. 4).

Biex titwettaq policy ta' dan it-tip u prattika u sostenn għal skop ta' inklużjoni, xi pajjiżi jagħrfu l-importanza tal-valuri bażiċi flimkien ma' skejjel pożittivi u kulturi tal-kommunità. Ir-rapport mill-Iżlanda jgħid li wieħed mill-għanijiet għat-tgħallimin (learners) huwa li jkun hemm fehim u tolleranza għal skop ta' diversità u l-ħafna kulturi li nsibu fl-Iżlanda u madwar id-dinja. L-awturi jħossu li huwa diffiċli li tara kif fehim ta' dan it-tip jista' jiżviluppa jekk ambjenti ta' skola u prattiċi huma segregati u kull min jitgħallem mhuwiex espost għad-diversita li wieħed isib fil-pajjiz. Barra minn hekk, jekk prattiċi ta' dan it-tip ma jistgħux jidhru fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, ikun ugwalment diffiċli li tipprepara studenti-għalliema għal skop ta' diversità.

L-eżistenza preżenti f'ħafna pajjiżi ta' proviżjoni separata għal gruppi ta' tgħallimin (learners) inevitabilment tinfluenza l-edukazzjoni tal-għalliema. It-tfassil tal-kurrikulu u l-assessjar, flimkien mal-pedagoġija, għandhom jiġu ddisinjati biex jiffaċilitaw il-ksib tat-tgħallimin (learners) bi ħtiġijiet diversi; jaħdmu f'livelli differenti fl-istess klassi; u jassiguraw li ħtiġijiet ta' sostenn usa' – li jinkludu, pereżempju saħħa u ħtiġijiet soċjali – huma ukoll indirizzati permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib ma' aġenziji oħra.

Ħafna rapporti tal-pajjiżi jqajmu l-ħtieġa għal kollaborazzjoni akbar u edukazzjoni konġunta għal gruppi usa' ta' professjonisti jaħdmu ma' tgħallimin (learners) biex isostnu mixja 'l quddiem lejn sistema aktar inklużiva. Riformi riċenti fil-Ġermanja għafsu wkoll fuq l-importanza ta' approċji konġunti u kooperazzjoni lokali għat-tgħallimin (learners) kollha, filwaqt li jieħdu akkont tat-tgħallim lil hinn mill-iskola.

Ir-rapport tal-Agency fuq *Intervent fit-Tfulija Bikrija – Progrss u Żviluppi 2005-2010* jirrakkomanda koordinazzjoni mtejba tas-servizzi, flimkien ma' fehim imxierek tal-professjonijiet differenti, u standards komuni għall-evalwazzjoni, flimkien ma' sostenn ħolistiku għall-familji permezz ta' policies marbuta flimkien għal skop ta' Intervent fit-Tfulija Bikrija, il-ħsieb u l-kura tal-tfal, l-impjegar, l-alloġġ eċċ.

Minkejja li l-proġett kurrenti ffoka fuq edukazzjoni inizjali għall-għalliema, ħafna esperti tal-pajjiżi għafsu fuq il-ħtieġa ta' kontinwu ta' edukazzjoni u opportunitajiet ta' żvilupp għall-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel mingħajr 'nuqqasijiet' jew inkonsistenzi fis-setturi differenti tal-edukazzjoni. Il-Kunsill tat-Tagħlim tal-Irlanda, żviluppa kontinwu ta' dan it-tip biex jiddeskrivi attivitajiet formali u informali kif ukoll attivitajiet ta' żvilupp li fihom l-għalliema jieħdu sehem, bħala tgħallimin (learners) għal tul il-ħajja, matul il-karriera tat-tagħlim tagħhom. Il-kontinwu jiġbor fih l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, l-induzzjoni, l-iżvilupp bikri u professjoni kontinwu kif ukoll sostenn aktar tard fil-karriera, b'kull stadju jidħol fl-ieħor u jingħaqad b'mod dinamiku l-wieħed mal-ieħor.

## 8.3 Akkontabiltà

Biex wieħed isostni l-mixja lejn inklużjoni akbar, is-sistemi kurrenti ta' akkontabiltà u l-impatt ta' sistemi ta' dan it-tip fuq standards u ekwità jinħtieġu attenzjoni. Xi rapporti tal-pajjiżi jgħidu li l-enfasi fuq standards għoljin ta' lħuq fis-sens ta' ksib akkademiku jista' jservi ta' ħsara, aktar milli jimxi fl-istess direzzjoni tal-policies tal-inklużjoni.

Xogħol minn Meijer (2003) juri li t-tensjoni bejn, fuq naħa waħda, il-pressjoni għal riżultati aħjar mill-iskejjel u, fuq in-naħa l-oħra, il-pożizzjoni ta' studenti vulnerabbli, qiegħda tiżdied. Forlin (2010) juri wkoll li l-għalliema jistgħu jesperjenzjaw tensjonijiet fejn il-policy tal-gvern tkun titlob inklużjoni akbar imma fl-istess ħin issostni l-aspetazzjoni tal-iskejjel (li qiegħda titjieb b'mod kontinwu) biex jiksbu r-riżultati miksuba f'eżamijiet tradizzjonali.

Moran (2009) tissuġġerixxi li l-edukaturi tal-għalliema jistgħu wkoll 'ikunu maħnuqa kompletament mill-konformità u s-segwitu difensiv għal din l-istess konformità, hekk kif jaħdmu bis-sħiħ biex jiħqu l-istandards' (p. 3). Huma jinħtieġu jifhmu x-xogħol tagħhom f'kuntesti usa', u jżommu f'moħħhom li t-tagħlim għandu jkun lokalizzat fi djalogu demokratiku li jkun xprunat mill-valuri, etikament orjentat u soċjalment konxju (Sachs, 2003).

Ir-riżultati miksuba ta' rapport tal-UNESCO *It-Tgħallim Joħloq Divarju* (Willms, 2006) jipprovdi evidenza li performance qawwija ta' skola u ekwità jistgħu jimxu id f'id. *Il-Linji ta' Gwida fuq l-Inklużjoni fl-Edukazzjoni* tal-UNESCO (2009) jagħraf żewġ komponenti ta' kwalità – l-iżvilupp konoxxittiv tat-tgħalliemi (learner) u r-rwol tal-edukazzjoni fil-promozzjoni ta' valuri u attitudnijiet ta' ċittadinerija responsabbli u/jew kreattiva, u żvilupp emozzjonali. Hija din il-perspettiva usa' li tinħtieġ li tinżamm fil-moħħ meta jiġi kkunsidrat kif 'kwalita' fl-edukazzjoni – u l-edukazzjoni tal-għalliema – jistgħu jitkejlu.

## 8.4 Sommarju

Din is-sezzjoni tagħti fil-qosor l-qafas usa' tal-policy neċessarju biex isostni aktar żvilupp tal-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni u jenfasizza l-konsistenza ta' aspetti ewlenin fil-pajjiżi membri tal-Agency li huma involuti fil-proġett. B'mod partikolari, din is-sezzjoni tenfasizza l-ħtieġa ta':

- Terminoloġija konsistenti dwar l-inklużjoni u d-diversità u fehim ċar dwar l-ideoloġija;
- Policies ħolistiċi u marbuta ma' xulxin, u kollaborazzjoni mtejba bejn il-professjonisti;
- Ċarezza akbar dwar il-kontabiltà u l-konflitt perċeput bejn standards akkademiċi għoljin u edukazzjoni inklużiva.

# 9. ASPETTI EWLENIN U SFIDI

Din it-taqsima tagħti fil-qosor l-aspetti u l-isfidi ewlenin li nsibu fir-rapporti tal-pajjiżi u li huma sostnuti mil-letteratura kurrenti u l-kuntesti Ewropej u internazzjonali kif tkellimna dwarhom f'kapitlu 2. Hawnhekk insibu xi ftit analiżi bħala l-bażi għar-rakkomandazzjonijiet li nsibu f'kapitlu 10.

## 9.1 Aspetti edukattivi tal-għallliema

Għal skop ta' approċji aktar innovattivi fl-edukazzjoni tal-għalliema hemm medda ta' ħtiġijiet li, skont Bates (2005), iqumu mill-aspettazzjonijiet politiċi, l-istandards burokratiċi u talbiet għal interessi partikolari tal-kommunità. Din is-sezzjoni se titkellem dwar xi aspetti ewlenin li jinħtieġu li jiġu kkunsidrati jekk wieħed irid iġib tibdil robust u sostenibbli fl-edukazzjoni tal-għalliema.

### *9.1.1 L-ingaġġ u l-konservazzjoni*

Fl-Ewropa, aspetti ta' ingaġġ u konservazzjoni ta' għalliema jvarjaw ħafna. Fi grupp ta' pajjiżi inklużi Franza u l-Ġermanja, in-numru ta' dawk li jixtiequ li jikkwalifikaw jeċċedi n-numru ta' pożizzjonijiet li hemm bżonn. Fil-Fillandja u l-Irlanda n-numru ta' għalliema tant huwa b'saħħtu l-istess bħal fl-Awstrija, li għalliema li kkwalifikaw riċentement qabżu n-numru ta' postijiet. Fit-tieni grupp ta' pajjiżi, madankollu l-awtorijiet jissieltu biex jimlew il-postijiet fuq l-programmi ITE u biex jimlew postijiet ta' għalliema vakanti bi staff li jkun ikkwalifikat kif suppost; l-ingaġġ tal-għalliema, b'mod partikolari fil-livell tas-sekondarja fil-matematika u x-xjenza huwa problematiku.

Il-profil tal-età tal-professjoni tal-għalliema hija problema wkoll, b'ħafna għalliema li se jiritiraw fl-10 snin li ġejjin u ħafna sistemi edukattivi qegħdin jissuplimentaw għalliema b'numru dejjem jiżdied ta' paraprofessjonali jilagħbu varjetà ta' rwoli (Moon, 2007).

Madankolu, mhuwiex suffiċjenti biżżejjed li wieħed jimla l-postijiet vakanti tal-għalliema; huwa essenzjali li jinġibdu nies li jkollhom il-valuri, l-attitudnijiet, il-kompetenzi u l-għerf li jgħodd. Riċerka minn Auguste u l-kollegi (2010) tissuġġerixxi li s-sistemi edukattivi li jaħdmu l-aħjar jingaġġaw lill-għalliema kollha tagħhom mill-aħjar livelli tal-gradwati u joħolqu bilanċ mutwament rinforzanti bejn is-selettività għolja u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jiġbdu; ftit huma l-pajjiżi Ewropej li jiksbu dan.

F'pajjiżi bħall-Ġermanja u Franza l-istatus ta' għalliema bħala civil servants joffri sigurtà u stabbilità. F'xi partijiet tar-Renju Unit, madankollu, pagament addizzjonali kien neċessarju biex jiġbed għalliema f'suġġetti fejn kien hemm nuqqasijiet fil-livell sekondarju. Jidher li hemm inqas problemi fil-livell primarju, partikularment minn mindu l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi saret responsabiltà tal-HEI u l-istatus tal-għalliema tal-primarja tjieb. Madankollu, analiżi aktar mill-qrib tal-fatturi li impattaw fuq in-numru tal-għalliema fil-livell primarju u sekondarju tkun importanti biex tgħin fit-tfassil ta' policy f'dan il-qasam.

Moran (2009) hija tal-fehma li l-għalliema jinħtieġ li jerġgħu jtellgħu mill-ġdid l-istatus u d-dinjità tagħhom bħala xi wħud mill-intellettwali ewlenin tas-soċjetà, u mhux bħala 'dawk li jmexxu l-aġendi ta' nies oħra'. Hija tikkonkludi: 'Dawk li jiffukaw biss fuq it-teknikalitajiet tat-tagħlim u l-istandards tal-kurrikulu, u li ma jiħdux sehem ukoll fi kwistjonijiet soċjali u morali akbar ta' żminijiethom, jippromwovu dehra fqira tat-tagħlim u l-professjonaliżmu tal-għalliema' (p. 15).

Aktar xogħol huwa meħtieġ ukoll fuq il-proċessi użati fl-għażla ta' dawk li jidħlu fil-korsijiet inizjali tal-edukazzjoni tal-għalliema. Kif jista' jkun li jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-valuri u l-attitudnijiet ta' għalliema potenzjali? Hija ħaġa ċara li l-kwalifika u t-test għad-dħul ma jipprovdux informazzjoni ta' dan it-tip (ara Sezzjoni 2.1) u l-interviews jistgħu wkoll ikunu limitati fl-iskop tagħhom. Filwaqt li Artiklu 24 tal-Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti jitlob li 'State parties' jieħdu miżuri biex jassiguraw l-impjegar ta' għalliema b'diżabilitajiet, kif jista' l-proċess tal-ingaġġar jagħmel dan possibbli?

Moon (2007) filwaqt li għafas fuq il-ħtieġa ta' policy ta' żvilupp f'dan il-qasam, jagħmel dawn l-għaxar mistoqsijiet ewlenin. L-aktar tlieta relevanti f'dan il-proġett huma dawn:

– Liema għandhom ikunu l-karatteristiċi li jiddefinixxu struttura ta' policy nazzjonali u lokali qawwija dwar is-supply, iż-żamma u t-tħarriġ?

– Kif jista' qafas ta' policy tas-Seklu 21 jibni fl-involviment demokratiku ta' għalliema fit-teħid tad-deċiżjonijiet?

– Jista' jkun li sett ta' drittijiet (entitlements) jiġu identifikati li jagħtu dinjità sostantiva lir-rwol professjonali tal-għalliema fil-livelli kollha fis-Seklu 21?

Rapport fl-2010 mill-UNESCO u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol jagħraf l-importanza tal-għalliema, u jgħid li '… nuqqas ta' investiment fl-għalliema ma jsostnix u fl-agħar mill-agħar jaħdem kontra qagħda eknomika u soċjali tajba' (p. 4). Bl-istess mod, li wieħed ma jingaġġax aktar għalliema diversi fil-professjoni jista' jkun ukoll li jaħdem kontra l-bidla soċjetali aktar wiesgħa.

### *9.1.2 Edukaturi tal-għalliema*

L-edukakturi tal-għalliema huma plejers ewlenin fl-assigurazzjoni ta' forza ta' għalliema ta' kwalità għolja; imma ħafna pajjiżi Ewropej m'għandhomx policy espliċita fuq il-kompetenzi li suppost ikollhom jew fuq kif għandhom jiġu magħżula u mħarrġa.

Swennen u van der Klink (2009) jissuġġerixxu li ħafna edukaturi tal-għalliema għandhom diffikultajiet biex jaġġustaw fl-aspettazzjonijiet akkademiċi fuq xogħol ta' edukazzjoni ta' għalliema li huwa msejjes fuq edukazzjoni ogħla u jsibuha diffiċli biex jaġġustaw għall-ħiliet pedagoġiċi ta' xogħol ma' tgħallimin (learners) adulti. Jgħidu wkoll li l-induzzjoni fir-riċerka formali u l-pubblikazzjoni ta' attivitajiet hija wkoll meħtieġa. Cochran-Smith (2005) jinnota l-importanza ta' din ir-relazzjoni 'simbjotika' bejn li tkun simultanjament riċerkatur u prattikant fl-istagħnar ta' edukazzjoni ta' għalliema.

Boyd u l-kollegi (2007) jissuġġerixxu li l-induzzjoni ta' edukaturi ta' għalliema għandha ssir fuq perjodu ta' 3 snin, u li tipprovdi żmien ta' xogħol ma' managers u mentors biex jikkunsidraw ir-rwol ġdid u l-pedagoġija tal-ITE, biex jaħdmu ma' skejjel u jieħdu sehem f'attivitajiet ta' riċerka. F'xogħol aktar bikri, Cochran-Smith (2004) jissuġġerixxu li ħafna edukaturi tal-għalliema ma kellhomx l-esperjenzi tat-tgħallim trasformattiv neċessarju biex iwaqqfu l-assunzjonijiet konservattivi li nsibu fil-ħafna programmi tal-edukazzjoni tal-għalliema u li, bħala riżultat, jinħtieġu s-sostenn biex jitgħallmu dwar aspetti ta' razza, razżiżmu, diversità u ġustizzja soċjali fl-edukazzjoni.

It-tħejjija ta' għalliema ġodda għal skop ta' 'inklużjoni' jinħtieġ wisq aktar minn żieda ta' kors jew modulu ta' edukazzjoni speċjali u l-edukaturi tal-għalliema għandhom jiżviluppaw expertise biex jaħdmu ma' aspetti kontroversji u jindirizzaw l-attitudnijiet u l-valuri aktar profondi u personali tagħhom. Il-prattika tagħhom trid ukoll 'timmudella' l-ideat li huma jippreżentaw, pereżempju billi jassiguraw xi personalizzazzjoni u differenzjazzjoni tal-korsijiet għal studenti ta'

etajiet differenti/esperjenzi ta' ħajja, ambjenti soċjali, kulturali u lingwistiċi kif ukoll dawk b'diżabiltà. L-istudenti-għalliema jridu wkoll iġibu magħhom attitudnijiet differenti u valuri kif ukoll li jvarjaw ideat dwar u esperjenzi ta' tagħlim 'effettiv' u dawn iridu jagħtu każhom u jużawhom bħala riżorsa għal aktar żvilupp. Bidliet neċessarji fil-metodi ta' assessjar fl-edukazzjoni tal-għalliema jkollhom ukoll implikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' edukaturi ta' għalliema, li jkunu jinħtieġu ġudizzji dwar il-livell ta' kompetenza għal għalliema ta' qabel is-servizz u l-iktar importani dak li huwa meħtieġ għalihom biex jimxu 'l quddiem fil-prattika tagħhom.

Meta wieħed jikkonsidra l-bidla fl-edukazzjoni tal-għalliema fuq il-meta-livell, Hau (2003) jinnota li jidher li dan hu kkaratterizzat minn kultura kollettiva stabbli li tirrispondi bil-mod il-mod għall-bidla. Huwa jargumenta li l-ħiliet, l-għerf u l-fehim meħtieġa mill-għalliema ma jistgħux jiġu żviluppati b'miżuri sempliċi u edukazzjoni ta' għalliema, għal skop ta' tħejjija ta' karriera fit-tul, irid ikun hemm viżjoni aktar wiesgħa u approċju ġenerali usa' minn dak li jsir fl-iskejjel obbligatorji kurrenti. Huwa jgħid: 'is-sinifikanza ta' (skejjel inklużivi) għall-edukazzjoni tal-għalliema ma jistax ma jingħatax każ tagħha jew ikun hemm pożizzjoni ta' argumentazzjoni kuntrarja bl-iskuża ta' strumentaliżmu jew għax huwa maħsub li hija ta' importanza ristretta f'termini ta' żmien' (p. 98).

### *9.1.3 Seħib mal-iskejjel*

Il-prattika fit-tagħlim hija komponent-qofol għall-korsijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema u ħafna jiddependi fuq il-mod kif l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għall-għalliema jaħdmu mal-iskejjel. Mudelli possibbli jinkludu d-'demonstration school' (eż. lil-Fillandja) fejn edukaturi ta' għalliema jaħdmu fl-iskejjel u l-prattika hija sostnuta bir-riċerka. Netwerks u kommunitajiet ta' prattika li jinkludu gruppi ta' skejjel flimkien ma' edukaturi tal-għalliema jistgħu jsostnu feedback appropriju fuq il-performance ta' għalliema ġodda. Għalliema ġodda jistgħu wkoll jagħtu feedback permezz ta' netwerks ta' dan it-tip dwar kontenut ta' korsijiet futuri u sfidi kurrenti fil-prattika fl-iskejjel. In-netwerks jistgħu jmorru 'l hemm milli jaqsmu bejniethom prattika biex isostnu innovazzjoni u titjib fit-twettiq tar-riforma. Bħali tali, huma għandhom ikunu organiċi u laterali (mhux ġerarkiċi), filwaqt li jiżviluppaw kontinwament biex jassiguraw kuntatti ġodda biex iżidu u 'jiċċalinġjaw' il-ħsieb.

Kollaborazzjoni u kolleġġjalità ta' dan it-tip għandha għalhekk issostni lill-edukaturi tal-għalliema fl-iżvilupp tal-pedagoġija tagħhom u metodi ta' assessjar flessibbli (eż. portfolios). Riċerka kollaborattiva ta' azzjoni fuq prattika inklużiva, li tinvolvi l-edukazzjoni tal-għalliema għandha tifforma 'strand' wieħed ta' żvilupp professjonali għall-edukaturi tal-għalliema.

### *9.1.4 Bidla informata bl-evidenza*

In-nuqqas ta' riċerka fuq bażi wiesgħa, kumulattiva kif ukoll evidenza empirika fuq l-edukazzjoni tal-għalliema kienet innutata mill-OECD (2010) u kif ukoll minn review riċenti ta' edukazzjoni għall-għalliema fir-Renju Unit (l-Iskozja) (Menter u l-kollegi, 2010). Riċerka ta' dan it-tip għandha tagħti każ li tassigura tagħrif relevanti ta' evidenza biex tgħin fil-bidla. L-eżempji li nsibu f'dan ir-rapport li jenfasizzaw xi wħud mill-aspetti ewlenin tar-riċerka jinkludu:

- L-effettività ta' rotot differenti għal skop ta' tagħlim;
- Approċji ta' edukazzjoni ta' għalliema u l-kurrikulu tal-ITE u;
- Ir-rwol ta' korsijiet diskreti, integrati u mxierka ma' xulxin u l-aħjar mod biex nimxu matul kontinwu lejn kors ta' edukazzjoni wieħed għall-għalliema fil-fażi inzjali biex jipprepara lill-għalliema kollha għal skop ta' diversità.

Aspetti oħra jinkludu għażla, induzzjoni u sostenn ta' għalliema; is-segwitu ta' għalliema ġodda u l-l-iżvilupp tal-professjonaliżmu u l-professjonalità tal-għalliema u, b'mod partikolari, l-edukaturi għalliema.

L-użu ta' oqsma ta' kompetenza għandu jiġi esplorat biex jiġi assigurat qbil fuq kif tidher il-'kwalità' ta' prattika inklużiva u kif inhu l-aħjar mod li jitħejjew għalliema għal skop ta' użu effettiv ta' approċji. Il-kompetenzi bħala kumbinazzjoni dinamika ta' għerf, fehim, ħiliet u abilitajiet, żviluppati matul il-proċess tat-tgħallim ma jistgħux, fihom infushom, jiġu mkejla faċilment dejjem. Approċju ta' kompetenza għaldaqstant jinħtieġ ukoll bidliet fil-prattika tal-assessjar tal-edukaturi tal-għalliema kif urejna hawn fuq.

### *9.1.5 Kompetenzi tal-għalliema*

Matul il-proġett tal-Agency kien hemm qbil wiesa' fuq il-kompetenzi meħtieġa mill-għalliema l-ġodda biex jgħinuhom biex b'kunfidenza jieħdu r-responsabiltà ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem fil-klassijiet tagħhom, billi jimmaniġġjaw it-tgħallim u l-imġiba. Bara minn hekk l-

għalliema tas-suġġett għandhom bżonn ikollhom għarfien fuq l-iżvilupp tat-tifel/adolexxent u l-ħiliet pedagoġiċi – li jinkudu l-approċji kostruttivisti, it-tgħallim imsejjes-fuq-il-problema u t-tgħallim f'sens kooperattiv – approċji li jwassluhom biex joħolqu għażla u opportunità għal kull min ikun qiegħed jitgħallem biex 'jaċċessja' u jagħmel sens minn informazzjoni u jwieġeb b'modi differenti.

L-għalliema jinħtieġu wkoll li jaraw lilhom infushom bħala 'tgħalliema'/'learners' tul il-ħajja. Għandhom bżonn jiżviluppaw ħiliet fir-riċerka u l-użu ta' dak li jinstab fir-riċerka. Il-ħiliet interpersonali u fehim tan-natura tal-kollaborazzjoni huma essenzjali biex issir ħidma flimkien li tinkludi l-professjonisti u l-ġenituri li jikkontribwixxu għal fehim sħiħ tal-ħtiġijiet ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-għalliema jinħtieġu li jimxu milli jkunu prattikanti 'privati' għal prattikanti 'kollettivi' u jaraw lilhom infushom bħala li qegħdin jikkontribwixxu għall-ħiliet kumplimentarji tal-kommunità kollha tal-iskola. L-edukazzjoni inizjali tal-għalliema trid ukoll timpatta fuq l-attitudnijiet tal-għalliema u l-valuri-qofol, żviluppata, għallinqas f'parti minnha, permezz ta' interazzjoni ma' nies li jkollhom ħtiġijiet diversi. Esperjenzi ta' dan it-tip irid ikollhom kwalità għolja bi żmien għal diskussjoni fil-fond, sostnuta minn riċerka relevanti u l-istudju u l-iggwidar minn tuturi b'kunfidenza appropja, impenn u expertise.

Hekk kif aktar tgħallimin (learners) jiġu edukati għal ambjenti inklużivi, in-numru ta' studenti li jidħlu fil-professjoni ta' għalliema b'esperjenza diretta u pożittiva għall-inklużjoni għandha tiżdied. Dan, fl-istess ħin iżid il-kwalità ta' tagħlim ta' inklużjoni, minħabba li għalliema ta' dan it-tip jimxu 'l quddiem fil-karriera tagħhom u jservu bħala mudelli, tuturi u mentors għal studenti u għalliema ġodda. Expertise approprju għandu jiġi sostnut ukoll biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet iktar kumplessi ta' xi tgħallimin (learners).

L-iżvilupp ta' tagħrif dejjem jikber ta' esperjenzi u expertise bħala parti minn bidla sistematika ikbar għaldaqstant tgħin biex tiġi assigurata l-kwalità fl-edukazzjoni tal-għalliema u fis-sistemazzjoni għal skop ta' prattika u t-tnaqqis 'tad-divarju bejn it-teorija u l-prattika'.

## 9.2 Aspetti ta' policy usa'

### *9.2.1 Terminoloġija*

Aspett ewlieni għall-pajjżi kollha fil-proġett hi dik tat-terminoloġija li bħalissa qiegħda tintuża dwar l-inklużjoni u l-edukazzjoni għad-

diversità. Hekk kif il-pajjiżi jimxu 'l quddiem għal definizzjoni usa' għal skop ta' inklużjoni, huwa ċar li, f'xi każi l-lingwa biss inbidlet bi ftit impatt fuq il-prattika. Dan huwa partikolarment veru fil-qasam tad-diżabiltà, fejn il-lingwa hija partikolarment emottiva u ġġorr magħha tifsiriet u assoċjazzjonijiet 'moħbija' li ilhom hemm iż-żmien (pereżempju l-mudell tal-karità jew il-mudell mediku u l-kunċett ta' 'integrazzjoni'). Xogħol kurrenti fuq *il-Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà* tan-Nazzjonijiet Uniti, dan l-aħħar irratifikat mill-Unjoni Ewropea kif ukoll minn pajjiżi membri individwali, għandu jsostni l-bidla kontinwa f'dan il-qasam.

Il-lingwa użata dwar l-inklużjoni ma tistax tinfired mit-twemmin fundamentali dwar in-natura u l-iskop tal-edukazzjoni u l-ekwità fis-soċjetà. Din il-kwistjoni għalhekk jinħtieġ li tiġi diskussa biex jiġi assigurat li ma taffettwax negattivament il-formazzjoni tal-policy f'dan il-qasam – li jinħtieġ li jsir parti integrali mill-policy making kollu. Jekk il-lingwa użata tkompli tippromwovi 'separarjetà' jew 'differenza' ta' gruppi diversi fi ħdan is-soċjetà, il-policy hemm ċans li tiżviluppa f'forma ta' miżuri 'bolt-on' neċessarja biex jikkoreġu policies oriġinali li ma kinux inklużivi.

### *9.2.2 Identifikazzjoni tat-tgħalliema (learners)*

L-aspetti tal-lingwa diskussi hawn fuq jaffettwaw ukoll l-identifikazzjoni ta' tgħallimin (learners) bi ħtiġijiet ta' sostenn addizzjonali u jirriżultaw f'differenzi konsiderevoli fil-proċessi u l-proċeduri, li ħafna drabi huma marbuta ma' arranġament ta' fondi kumplessi. 'Overload ta' inizjattivi', sistemi burokratiċi u ħtiġijiet ta' policies inflessibbli jsitgħu lkoll jaħdmu kontra l-iżvilupp ta' prattiċi inklużivi. Meijer (2003) jindika li l-fatt li xi pajjiżi jidentifikaw aktar tgħallimin (learners) bħala li għandhom ħtiġijiet/diżabiltà edukattivi aktar minn oħrajn hija marbuta ma' regulazzjoni proċedurali, amministrattiva u finanzjarja, aktar milli tassew jirriflettu l-inċidenza u t-tipi ta' SEN. Huma proċessi u proċeduri ta' dan it-tip li jistgħu jtellfu l-ħin, l-isforz u r-riżorsi milli jittieħdu passi għal skop ta' inklużjoni.

Ħafna provedimenti tal-pajjiżi huma msejsa fuq l-identifikazzjoni u l-kategorizzjoni tat-tgħallimin (learners), aktar milli fuq il-kontinwu ta' servizzi gal skop tad-diversità tal-ħtiġijiet individwali. L-enfasi jinħtieġ li titpoġġa fuq il-proviżjoni ta' sostenn fil-klassijiet, aktar milli l-ħtieġa tas-'separazzjoni' tat-tgħallimin (learners) mill-koetanji (peers) tagħhom.

McGardy u l-kollegi (2001) analizzaw l-‘istejjer tal-ħajja’ tat-tgħallimin (learners) identifikati bħala ‘diżabbli fit-tgħallim’ u kkonkludew li tikketta edukazzjonali jkollha valur biss jekk tgħin lin-nies biex jiksbu fehim akkurat ta’ diffikultajiet fit-tgħallim u jiżviluppaw strateġiji effettivi biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali, edukatttivi u psikoloġiċi.

Tibdil fit-tul fl-identifikazzjoni jinħtieġ li jitmexxa minn ideoloġija ċara u impenn għal valuri fundamentali, kunċetti ewlenin u terminoloġija li timpatta fuq prattika bħalma hi dik tal-‘etika għal kulħadd’ (Hart u l-kollegi, 2006). Hawnhekk, mhuma qegħdin isiru l-ebda assunzjonijiet dwar l-‘abiltà’ u sakemm u safejn it-tgħallimin (learners) jistgħu jipprogredixxu; imma l-foku huwa fuq li jkun hemm titjib fil-kapaċità tat-tgħallimin (learners) kollha.

### *9.2.3 Sostenn għat-tgħalliema (learners) kollha*

Ir-*Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà* (2011) jissuġġerixxi li ‘sistemi edukattivi jinħtieġ li jimxu lil hinn minn pedagoġiji tradizzjonali u jadottaw approċji li huma aktar iċċentrati fuq it-tgħalliemi (learner), li jagħrfu li kull individwu għandu l-ħila li jitgħallem u mod speċifiku ta’ tgħallim’ (p. 220).

Prattika tajba fit-tagħlim hija essenzjalment l-istess għal kull min ikun qiegħed jitgħallem imma tinħtieġ modi ta’ ħsieb innovattivi u aspettazzjonijiet għolja biex tinżdied ‘il-kapaċità fit-tgħallim’. Approċji flessibbli u interattivi huma meħtieġa biex isostnu l-parteċipazzjoni u t-tgħallim ta’ kull min jidħol mill-bieb, billi jħallu lil kull tgħalliemi (learner) jipperċepixxi, jifhem, jadatta u jipproċessa informazzjoni u jesprimi lilu nnifsu b’modi differenti.

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema għandhom, fil-linja ma’ dawn il-prinċipji, isostnu li l-istudenti għandhom il-kapaċità li jsiru professjonisti prattikanti ta’ suċċess. Dak li huwa ta’ importanza ewlenija għal kull tgħalliemi (learner), inklużi t-tfal u n-nies żgħazagħ fl-iskejjel u l-istudenti u l-għalliema nfushom. Dan huwa l-iżvilupp tat-‘formazzjoni fis-sens ta’ żvilupp’ tat-tiswira-moħħ (mindset) (Dweck, 2006); u l-importanza ta’ ħass sigur fl-esplorazzjoni ta’ ideat ġodda u l-konjizzjoni ta’ żbalji bħala opportuntajiet ta’ tgħallim.

Għalliema ġodda għandhom jifhmu l-kumplessitajiet tat-tagħlim u t-tgħallim u l-ħafna fatturi li jaffettwawhom. Huma għandhom jagħrfu li kull min ikun qiegħed jitgħallem għandu jkun attivament involut f’li jagħmel sens mit-tgħallim, aktar milli li jkunu konsumaturi passivi ta’ kontenut ta’ kurrikulu preskritt b’mod ristrett.

Alexander (2008) jissuġġerixxi li t-terminu pedagoġija għandu jintuża biex 'jikkonnota l-kumbinazzjoni tal-att tat-tagħlim, u l-valuri, l-evidenza, it-teoriji u l-istejjer (fis-sens ta' histories) kollettivi li jinfurmaw, jagħtu forma u jispjegaw dan kollu'. Dan hu, fl-opinjoni tiegħu 'kelma li tmexxina lil hinn minn prammattiżmu mgħammad ta' 'dak li jaħdem fil-verità' lejn id-dinja tal-ideat u l-argumenti' (p. 173).

Biex wieħed jifhem id-diversità u jimxi lejn prattika inklużiva, l-għalliema jinħtieġu li jifhmu lilhom infushom u l-valuri tagħhom infushom fir-relazzjoni ma' oħrajn. Rodriguez (2010) iħoss li l-għalliema għandhom jagħrfu li fil-biċċa l-kbira tal-każi, huma bħal kull ħaddieħor imma li huma wkoll għandhom xi karatteristiċi komuni ma' xi wħud oħra u li xi karatteristiċi li jagħmluhom għal kollox uniċi. Dan it-tip ta' ħsieb għandu jiġi estiż għal kull min ikun qiegħed jitgħallem bħala l-bażi għall-fehim u biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ġenerali, speċifiċi u individwali.

### *9.2.4 Aġendi konfliġġenti*

Ftit huma n-nies li jiddubitaw mill-ħtieġa ta' standards għolja għal kull min ikun qiegħed jitgħallem. Madankollu, hemm il-ħtieġa li wieħed jistaqsi dwar il-valuri u l-assunzjonijiet li l-'istandards' f'pajjiżi differenti jirriflettu. Jekk inhu l-fatt li hija biss medda dejqa ta' 'abilitajiet' li hija vvalorizzata, allura forom varji ta' kategorizzazzjoni u ittikkettjar hemm iċ-ċans li jibqgħu sejrin, u b'hekk jagħmluha diffiċli li jinħolqu klassijiet fejn kulħadd jista' jkun suċċess. L-għalliema jinħtieġ li jiċċalinġjaw fehmiet ħafna drabi komuni dwar il-kawżi ta' nuqqas ta' ksib u li jirriflettu fuq kif is-sistema tal-iskola hija affettwata minn – u tista' tipperpetwa – inugwaljanzi soċjali akbar. M'għandhomx jittolleraw kurrikulu għal kwalunkwe 'tifel' li jkunu limitat jew li jillimita (Abu El-Haj u Rubin, 2009).

Carini (2001) jitkellem dwar 'l-umanizzazzjoni u l-valorizzazzjoni ta' din l-istess umanizzazzjoni' bħala l-punt tat-tluq tal-edukazzjoni, u jagħfas li kull min ikun qiegħed jitgħallem għandu jkun 'wieħed li jsawwar u jattwa, aġent attiv fid-dinja u l-ħajja tagħhom' (p. 20). Din l-opinjoni tinħtieġ bidla fil-metodoloġija tal-assessjar – u fil-modi kif kull tgħalliemi (learner) – u l-għalliema wkoll – huma 'imkejla' u vvalorizzati.

Xi pajjiżi qegħdin inaqqsu l-monitoraġġ estern tal-ksib tat-tgħalliemi (learner) minħabba aspetti ta' immaniġġjar, kif ukoll bħala kunflitt potenzjali bejn iffukar fuq standards akkademiċi u ksib usa', li jkun

allineat aktar mill-qrib mal-prinċipji tal-inklużjoni. L-iskejjel għandhom jiżviluppaw sistemi effettivi għall-assigurazzjoni tal-kwalità imma jibbilanċjaw l-ħtiġijiet ta' awtoritajiet esterni mal-ħtiġijiet ta' identifikazzjoni u massimazzjoni tal-progress ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem.

L-edukazzjoni tal-għalliema għalhekk jinħtieġ li tħejji lill-istudenti-għalliema biex josservaw lil kull min ikun qiegħed jitgħallem b'modi mhux-kategoriċi – jiddeskrivu l-proċess tat-tgħallim u r-riżultati fil-mira (outcomes) li ma jkunux adekwatament riflessi minn testijiet jew checklists imma li b'mod aktar akkurat jirriflettu l-kapaċitajiet ta' kull għalliemi (learner) u jgħinu għal aktar tgħallim. Aktar diskussjonijiet fuq dawn l-aspetti ssibhom fl-*Assessjar f'Ambjenti Inklużivi* prodotti mill-Agency fl-2007. Il-'lingwa tal-assessjar' tinħtieġ li tiġi eżaminata mill-ġdid u tiġi żviluppata pedagoġija li tiffoka fuq l-medda wiesgħa ta' kull tgħalliemi (learner), u mhux sempliċiment min ikun 'medju'.

Studenti-għalliema għalhekk għandhom bżonn ukoll li jkunu mħejjija biex jiżviluppaw kurrikulu ta' tagħlim li jistaqsi dwar l-inugwaljanzi strutturali u l-'edukazzjonijiet li qegħdin jikkompetu'. Ivatts (2011) jagħfas fuq il-ħtieġa li 'inwessgħu l-bażi tar-responsabiltà għas-soċjetà fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar għerf, valuri, ħiliet u fehmiet li huma relevanti u importanti li jingħaddu lit-tfal u lil nies żgħazagħ.' Huwa tal-fehma li dan jgħin lil parteċipazzjoni aktar demokratika u jgħin ukoll biex ikun hemm reżistenza għan-natura tal-kompetizzjoni ta' disinn kompetittiv u r-riskju konsekwenti li 'messaġġi importanti … ikollhom iċ-ċans li jaqgħu għan-nasba tal-mudell tal-inklużjoni u l-konformità tal-"kaxxa-ittikkjata"' (p. 35).

L-OECD (2011) issostni li titjib fost it-tfal li fil-prestazzjoni tagħhom qegħdin fl-inqas livell m'għandhiex tkun ta' dannu għal min hu performer f'livell ogħla. Ir-riżultati ta' PISA ssuġġerew li l-pajjiżi li marru 'l quddiem l-aktar, jew li huma fuq nett bħala performers, huma dawk li stabbilew miri ta' policy ċari u ambizzjużi, li jimmonitoraw l-prestazzjoni tal-istudenti, li jagħtu awtonomija akbar lill-iskejjel individwali, li joffru l-istess kurrikulu lil kull min għandu 15-il sena, li jinvestu fit-tħejjija u l-iżvilupp tal-għalliema, u li jsostnu l-iskejjel u l-istudenti li qegħdin isfel f'dik li hija prestazzjoni.

Filwaqt li għad hemm kunflitt potenzjali bejn li wieħed jilħaq il-ħtiġijiet diversi ta' kull tgħalliemi (learner) u li wieħed jasal jilħaq l-istandards komuni, l-għalliema jinħtieġ li jiffukaw fuq li jipprovdu opportunitajiet ta' tgħallim reali għan-nies żgħażagħ kollha u mhux biss

opportunitajiet għal skop ta' parteċipazzjoni u l-aġġudikar minn assessjar ta' riskji għolja li ftit għandhom tifsira għalihom.

Ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fil-kapitlu li ġej jippruvaw jindirizzaw aspetti mqajma f'din is-sezzjoni msejsa primarjament fuq l-analiżi tal-prattika kurrenti fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema madwar l-Ewropa, kif deskritti minn esperti mill-pajjiżi membri tal-Agency u kif ukoll fil-laqgħat u d-diskussjoni li nżammew waqt dan il-proġett.

# 10. RAKKOMANAZZJONIJIET FUQ IL-POLICY U L-PRATTIKA

L-edukazzjoni għall-għalliema f'ħafna istituzzjonijiet madwar l-Ewropa jinħtieġ li tiġi żviluppata aktar jekk trid li effettivament tipprepara għalliema għal diversità fi klassijiet inklużivi. L-eżempji ta' prattika innovattiva f'dan ir-rapport turi kif istituzzjonijiet jistgħu jibdew biex jimxu lejn prattika aktar inklużiva huma nfushom biex itejbu l-preparazzjoni tal-istudenti-għalliema tagħhom biex jaħdmu f'ambjenti inklużivi. Dan it-tibdil għandu jkun immonitorjat mill-qrib biex b'hekk ikompli jinforma l-azzjonijiet imħejjija fir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati f'dan ir-rapport.

Ir-rakkomandazzjonijiet f'dan il-kaptilu huma ppreżentati f'żewġ partijiet. L-ewwel sett ta' rakkomandazzjonijiet direttament relatati mal-edukazzjoni tal-għalliema u huma, għalhekk, diretti fil-qofol tagħhom lejn professjonisti li qegħdin jaħdmu f'dan il-qasam. Madankollu, huwa importanti li wieħed jagħraf li kull riforma fl-edukazzjoni tal-għalliema mhux daqshekk possibbli li tkun suċċess mingħajr policies ta' sostenn usa' fis-settur tal-edukazzjoni – u lil hinn minnu.

It-tieni sett ta' rakkomandazzjonijiet huma diretti lejn policy makers li se jkollhom jipprovdu qafas ta' policy koerenti għall-immaniġġjar ta' bidla sistematika usa', neċessarja biex timpatta fuq l-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni.

## 10.1 Rakkomandazzjonijiet għal edukazzjoni ta' għalliema

Approċji effettivi biex jintjieb ir-reklutaġġ ta' kandidati ta' għalliema u ż-żieda fir-rata tar-retenzjoni għandha tiġi esplorata flimkien ma' modi ta' żieda fin-numru ta' għalliema minn oqsma diversi, inklużi dawk b'diżabiltà.

Riċerka riċenti tissuġġerrixi li testijiet tal-ħiliet mhumiex mod ta' min joqgħod fuqu fl-għażla ta' kandidati-għalliema, madankolu, ħafna mill-attributi li wieħed ifittex fl-għalliema mhux dejjem ikun faċli li wieħed jidentifika permezz ta' kwalifiki jew permezz ta' interviews.

Biex jagħżel kandidati-għalliema approprijati u jnaqqas in-numru ta' dawk li ma jkomplux fl-edukazzjoni inizjali tagħhom ta' għalliema jew meta aktar tard jiġu impjegati, jinħtieġ li jsir aktar xogħol.

- L-eżaminazzjoni tal-proċess tal-għażla, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-għan għandu jkun li tiżdied id-diversità fil-workforce tal-

għalliema kemm biex iservu bħala mudelli ta' rwol kif ukoll biex jiżdied l-għerf kulturali u l-fehim ta' aspetti ta' diżabiltà fi ħdan il-professjoni tal-għalliema minn perspettivi differenti ;

- L-Istudju tal-istatus tal-għalliema u modi kif jissaħħaħ dan permezz ta' kontinwu ta' żvilupp professjonali u standards akkademiċi paralleli ma' dak ta' gruppi ta' professjonisti oħra. Il-kunċett ta' għalliema bħala professjonisti-prattikanti riflettivi li regularment javvanzaw il-kompetenzi tagħhom u japplikaw sejbiet tar-riċerka riċenti fix-xogħol tagħhom għandhom jiġu divulgati; filwaqt li tiġi reżistita kull tip ta' mossa li tirriduċi lill-għalliema għal 'technicians' jew lill-proċess tat-tagħlim bħala eżerċizzju ta' kaxxi li wieħed jittikkja fihom.

Trid issir riċerka fuq l-effettività ta' rotot differenti fit-tagħlim u l-kors tal-organizzazzjoni, il-kontenut u l-pedagoġija għall-aħjar żvilupp tal-kompetenzi tal-għalliema biex ilaħħqu mal-ħtiġijet diversi ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem.

Il-bażi tal-evidenza li tinforma lill-policy u l-prattika għall-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni preżentement hija limitata. Pass lejn approċju ta' kompetenza jkun jinħtieġ bidla fil-kontenut, il-pedagoġija u l-assessjar fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema. Hemm bżonn ta' riċerka li tinvestiga b'mod rigoruż u fit-tul:

- L-effettività ta' rotot differenti fit-tagħlim e.ż. programmi ta' 4/5 snin fil-baċellerat/masters, programmi postgradwatorji, rotot fast track u msejsa fuq l-iskola għall-għalliema tat-tgħalliema (learners) ta' kull età u l-oqsma kollha tas-suġġetti;

- L-organizzazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni għall-għalliema f'termini ta' korsijiet diskreti, integrati u armonizzati u modi ta' mixja matul kontinwu minn korsijiet separati permezz ta' kollaborazzjoni akbar u integrazzjoni ta' kontenuti lejn provediment imxierek;

- L-oqsma tal-kompetenza meħtieġa għal skop ta' kwalità, prattika inklużiva biex tinforma ġudizzji konsistenti dwar l-effettività tal-edukazzjoni tal-għalliema u l-prattika ta' għalliema ġodda;

- Il-modi l-aktar effettivi biex jimpattaw fuq il-kompetenzi tal-għalliema ta' qabel is-servizz (valuri, attitudnijiet, ħiliet, għerf u fehim) jiġifieri kontenut, pedagoġija u assessjar biex iħejjuhom għal prattika inklużiva.

Il-‘professjoni’ ta’ edukaturi ta’ għalliema tinħtieġ li tiġi żviluppata aktar b’titjib fir-reklutaġġ, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu.

Il-profil ta’ edukaturi għalliema f’HEIs u l-istaff tal-iskola b’din ir-responsabiltà għandu jogħla bl-appuntar ta’ kandidati b’expertise approprijat u kwalifiki. Il-kollaborazzjoni bejn fakultajiet f’istituzzjonijiet u bejn edukaturi tal-għalliema u l-kollegi għandha tkun żviluppata aktar biex tassigura attitudnijiet pożittivi kif ukoll għerf/fehim dwar it-tagħlim tat-tgħalliema (learners) bi ħtiġijiet diversi jikkontribwixxu għal approċju ta’ inklużjoni sħiħ u konsistenti b’rabtiet kunċettwali qawwija bejn il-korsijiet kollha.

Aktar xogħol jintħieġ li jsir biex:

- Jiġi żviluppat proċess ta’ induzzjoni formali bħala parti mill-kontinwu ta’ żvilupp professjonali għaddej il-ħin kollu;

- L-esplorazzjoni ta’ modi biex tiġi sostnuta esperjenza tal-klassi relevanti riċenti għal HEIs li jkunu bbażati fl-istaff eż. permezz ta’ kooperazjoni ma’ skejjel inklużivi, opportuntajiet għat-teħid ta’ riċerka ta’ azzjoni u t-tpoġġija fil-prattika ta’ riċerka. Staff ibbażat fl-iskola bl-istess mod għandu jkun involut fir-riċerka akkademika;

- L-eżaminazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-introduzzjoni ta’ approċji ta’ kompetenzi għall-iżvilupp ta’ ħiliet ta’ edukaturi ta’ għalliema, għerf u fehim għal skop ta’ aċċertazzjoni sa liema livell ta’ kompetenza ntlaħqu u għal skop ta’ ppjanar u medjazzjoni ta’ tagħlim ma’ studenti biex jintjiebu l-oqsma ewlenin.

Istituzzjonijiet tal-iskejjel u tal-għalliema għandhom jaħdmu flimkien biex jassiguraw mudelli ta’ prattika fl-iskejjel u sistemazzjoni approprja għal prattika fit-tagħlim.

Bħala aspett ewlieni fil-korsijiet tal-ITE, il-prattika fit-tagħlim tinħtieġ li tiġi sostnuta minn fehim ċar dwar aspetti teoretiċi bil-għan li jitnaqqas id-divarju bejn it-teorija u l-prattika u jiġi assigurat li l-prattika ma tiġix eżerċizzju ta’ ittikkjar ta’ kaxex li tiffoka fuq ħiliet li jistgħu jiġu osservati u mkejla bl-aktar mod faċli. L-introduzzjoni ta’ kompetenzi jistgħu jsostnu b’mod effettiv f’sitwazzjonijiet prattiċi. Il-mudell tad-demonstration schools huwa ta’ min jinvestigah aktar mill-qrib għaliex isostni prattika fl-iskejjel li hija sostnuta minn riċerka riċenti li tgħin fil-ħiliet tal-edukaturi għalliema. Aktar xogħol jinħtieġ li jsir biex:

- Jiġu investigati mudelli effettivi ta' prattika tat-tagħlim (eż. kunċetti-qofol li jkunu konkurrenti aktar milli konsekuttivi u spirali) għall-provediment ta' kuntest għat-teorija;

- L-esplorazzjoni ta' superviżjoni effettiva, medjata bl-esperjenza biex issostni aktar tgħallim. Din tkun tinkludi wkoll studju tal-attitudnijiet, valuri, ħiliet u kompetenzi ta' sovrintendenti/mentors neċessarji fl-istituzzjonijiet u l-iskejjel tal-edukazzjoni tal-għalliema;

- Jiġu kkjarifikati n-netwerks potenzjali li jipprovdu opportunitajiet għal kollaborazzjoni ma' kollegi li jkunu fl-iskejjel li jkunu wkoll involuti fl-edukazzjoni tal-għalliema u ma' medda usa' ta' organizzazzjonijiet li jistgħu jipprovdu esperjenzi prattiċi u kuntatti personali li jestendu għerf u fehim tad-diversità.

## 10.2 Rakkomandazzjonjiet għal policy usa'

Ir-rakkomandazzjonijiet li jsegwu huma għall-policy makers u m'humiex immirati għal dawk li għandhom x'jaqsmu speċifikatament ma' edukazzjoni speċjali jew aspetti ta' diżabiltà. L-iżvilupp ta' policy aktar inklużiva u prattika hija responsabiltà mxierka u għandha tkun integrali għall-ħsieb tal-policy makers tal-edukazzjoni b'mod ġenerali u l-edukazzjoni tal-għalliema b'mod speċifiku.

| |
|---|
| Riforma sistematika usa' hija meħtieġa biex tassigura l-iżvilupp ta' skejjel inklużivi, biex isostnu l-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' għalliema għal skop ta' inklużjoni. |

L-importanza tal-għalliema kulma jmur qiegħda dejjem tingħata l-għarfien meħtieġ; u l-edukazzjoni tal-għalliema, għaldaqstant għandha tkun prijorità wkoll. Madankollu, l-edukazzjoni tal-għalliema ma tistax taħdem f'iżolament. Ir-riforma tas-sistema kollha meħtieġa biex issostni l-bidla fl-edukazzjoni tal-għalliema tkun tinħtieġ impenn u tmexxija qawwija mill-policy makers fis-setturi kollha u l-medda sħiħa tal-istakeholders fl-edukazzjoni. Xogħol krossettarju ta' dan it-tip għandu l-potenzjal li jgħin li jaqsam iċ-ċiklu ta' esperjenza ta' għalliema future u jibda jiżviluppa l-attitudnijiet u ol-valuri meħtieġa biex isaħħu prattika inklużiva.

Aktar xogħol jinħtieġ li jiffoka fuq:

- L-iżvilupp ta' policy bejn is-setturi biex isostni edukazzjoni inklużiva bħala parti ewlenija ta' soċjetà aktar inklużiva;

- It-twettiq ta' prattika multi-aġenzjali fil-livelli kollha biex issostni approċju ħolistiku li jlaħħaq mal-ħtiġijiet ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem u l-familji tagħhom.

| |
|---|
| Ir-riforma jinħtieġ li tinkludi kjarifikazzjoni tal-lingwa li tintuża meta nirreferu għal inklużjoni u diversità. |

Il-kategorizzazzjoni u t-'tikkettjar' jirrinforza l-ipparagurnar, jibni fuq il-ġerarkiji u jista' jillimita l-aspettazzjonijiet u, bħala riżultat, it-tgħallim. Ix-xogħol għandu jifforku fuq il-bini ta' konsensus madwar lingwa appriprija u l-iżvilupp ta' razzjonal ċar għall-użu tagħha. Irid ikun hemm:

- Mixja lil hinn mill-kategorizzazzjoni u t-'tikkettjar'' ta' tfal u n-nies żgħażagħ li jistgħu jinkoraġġixxu edukazzjoni u servizz li huwa 'separat' mill-mainstream għal tgħalliema (learners) minn gruppi li huma l-aktar vulnerabbli;

- Riforma ta' policy li ssostni lill-għalliema kollha u l-professjonijiet li jiżviluppaw fehim ċar dwar il-premessi fundamentali assoċjati magħhom; u l-implikazzjonijiet ta' użu ta' terminoloġija differenti;

- Il-viżjoni tat-tgħalliema (learners) bħala li għandhom identitajiet individwali, multipli u li jinsabu fi stadju ta' bidla. L-għalliema għandhom ikunu mgħammra biex jgħinu fil-ħtiġijiet diversi preżenti fil-kassijiet tal-Ewropa b'mod kunfidenti.

| |
|---|
| Il-policies jinħtieġ li jiġu introdotti biex jiżviluppaw 'kontinwu ta' sostenn' biex jgħinu lill-għalliema jlaħħqu mad-diversità sħiħa tal-ħtiġijiet tat-tgħalliema (learners). |

Assessjar li jwieġeb għal dawn id-diffikultajiet li għandu jidentifika sostenn li jsostni l-ħtiġijiet tat-tgħalliema (learners) kollha fi stadju bikri u li jiffaċilita l-organizzazjoni ta' kull sostenn neċessarju b'modi li jassiguraw parteċipazzjoni sħiħa fil-klassi, skola u l-kommunità kollha. Dan jinħtieġ:

- Żieda fil-kapċità tal-iskejjel biex ilaħħqu ma' diversità ta' ħtiġijiet akbar u sostenn għat-tgħalliema (learners) fil-kommunitajiet lokali tagħhom;

- Expertise u sostenn effettiv għat-tgħalliema (learners) li jkollhom ħtiġijiet aktar kumplessi trid titkompla – għalliema speċjalisti/ konsulenti u professjonisti oħra (li jistgħu kurrentement jinkludu għalliema minn ċentri ta' skejjel/riżorsi li jkunu speċjalisti) għandhom

jipprovdu sostenn in-class biex jaqsmu expertise u jiżviluppaw aktar ħiliet għall-għalliema.

Miżuri ta' kontabiltà li jimpattaw fuq ix-xogħol tal-għalliema għandu jirrifletti l-importanza ta' ksib usa' li huwa aktar allineat mill-qrib ma' prinċipji inklużivi.

L-iżvilupp ta' policy u prattika aktar inklużiva potenzjalment tiġi f'kunflitt ma' foku dejjaq ta' standards akkademiċi – hemm il-ħtieġa ta' wieħed ikun espliċitu dwar il-valuri li nsibu sottonteżi fis-sistemi edukattivi u nassiguraw li l-'miżuri' jiffukaw fuq dak li huwa vvalorizzat verament. Fl-ikkunsidrar ta' riżultati-fil-mira/eżiti (outcomes) usa', mistoqsija ewlenija li għandha tintqies hija 'x'tip ta' edukazzjoni għal liema tip ta' soċjetà?'. Il-policy makers għandhom:

- Jieħdu nota tal-Konklużjonijet tal-Kunsill tad-Dimensjoni Soċjali u t-Taħriġ (Kunsill tal-Ministri, 2010), u l-esplorazzjoni ta' modi kif jitkejlu u jiġu vvalorizzai medda wiesgħa ta' riżultati-fil-mira/eżiti (outcomes) tal-edukzzjoni, filwaqt li jagħrfu li t-titjib fil-ksib edukattiv huwa wkoll kruċjali fit-tnaqqis tal-faqar u fit-tkabbair ta' inklużjoni soċjali;

- Jinnutaw l-importanza tal-għalliema kollha u l-edukaturi tal-għalliema li jmexxu 'l quddiem l-aġenda tal-inklużjoni u jagħrfu u jsostnu azzjoni ta' dan it-tip b'policies koerenti u fit-tul fuq livell internazzjonali, Ewropew u nazzjonali għall-oqsma interrelatati ta' edukazzjoni għall-għalliema, il-kurrikulu tal-iskola, il-pedagoġija, l-assessjar u l-kontabiltà.

Huwa ttamat li r-rakkomandazzjonijiet f'dan il-kapitlu jipprovdu stimulu għal diskussjoni u ideat għall-mixja 'l quddiem biex tiġi żviluppata edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoi bħala fattur ewlieni fil-mixja 'l quddiem għal sistemi ta' edukazzjoni aktar inklużivi fl-Ewropa.

## RIMARKI TAL-GĦELUQ

Kull riforma fl-edukazzjoni tal-għalliema għandha tkun parti minn sistema ta' riforma li ssostni l-inklużjoni. L-importanza tal-edukazzjoni tal-għalliema kulma jmur qiegħda tingħata rikonoxximent flimkien mal-fatt li l-policy u l-prattika f'dan il-qasam jinħtieġu kollaborazzjoni bejn il-policy makers biex jassiguraw approċju ħolistiku.

Huwa importanti li nagħrfu l-kumplessità ta' dawn l-aspetti li jdawru l-edukazzjoni tal-għalliema. Dyson (2005) jissuġġerixxi li wasal iż-żmien li nimxu lil hinn minn dibattitu dwar teorija/prattika; professjoni/craft; ħiliet/għerf; tħarriġ/edukazzjni; ibbażata fl-iskejjel/ibbażata fuq l-HEI, għal era ġdida bbażata fuq il-kollaborazzjoni, l-aċċettazzjoni tad-diversità, id-djalogu effettiv u t-tixrik tar-riżorsi għal mudell ġdid ta' edukazzjoni ta' għalliema. Żviluppi ta' dan it-tip ma tantx jidher li hemm ċans li jseħħu jekk il-prinċipju tal-inklużjoni ma jsirx parti integrali mill-mod kif jaħsbu l-policy makers u stakeholders oħra – b'mod partikolari il-leaders fl-iskejjel – u ssir parti integrali fil-kultura tas-soċjetà u l-iskejjel tagħha.

Tibdil fuq medda wiesgħa inevitabilment jieħu ż-żmien u jenfasizza l-importanza ta' policies konsistenti u fit-tul, aktar milli riformi kontinwi fuq skala żgħira. Fid-daħla għall-pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' Bidla (2011)*, Ólafsdóttir jgħid: 'Is-sistemi tal-edukazzjoni tagħna jkomplu jirriproduċu skemi ċari li jiffukaw l-aktar fuq it-trasmissjoni ta' għerf u tħejjija għall-impjieg; u jinsew li l-għanijiet tal-edukazzjoni huma wkoll it-tħejjija għal ħajja bħala ċittadini attivi, żvilupp personali u t-tkomplija, f'perspettiva għal tul il-ħajja, ta' bażi ta' għerf wiesa' u avvanzat' (p. 8).

Il-benefiċċji ta' inklużjoni dejjem miexja 'l quddiem, marbuta ma' prijoritajiet oħra bħalma huma l-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni tal-kommunità, iservu wkoll għal tul ta' żmien; fl-istess ħin investiment f'edukazzjoni tat-tfulija bikrija u sistema ta' edukazzjoni inklużiva krexxenti wkoll, għandha ċ-ċans li twassal għal użu aktar effettiv ta' riżorsi aktar milli jagħmlu dan, iniżjattivi ta' terminu qasir, desinjati biex 'iservu għal ftit żimien' jew isostnu ċerti gruppi marġinalizzati.

Fil-konferenza-proġett ta' Zürich f'Settembru 2010, il-kelliemi ewlieni Tony Booth qal li l-inklużjoni hija 'approċju prinċipjat għal skop ta' żvilupp ta' edukazzjoni u tas-soċjetà'. Huwa enfasizza li aktar ċarezza hija meħtieġa dwar il-perspettivi li jiddifferixxu dwar inklużjoni

li twassal lil dawk kollha involuti biex jagħmlu għażliet infurmati. Din hija verità ċara għall-aħħar għall-għalliema kollha – u għall-edukaturi tal-għalliema li għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-ħsieb u t-tiswir tal-prattika tal-għalliema tal-futur.

Huber (2011) jikteb: ‘Jekk aħna rridu li nirbħu l-isfidi li d-dinja globali tiffaċċja llum, l-edukazzjoni offruta tinħtieġ li tiżviluppa l-potenzjal sħiħ ta’ kull ċittadin fid-demokraziji diversi biex b’hekk huma jkunu jistgħu jikkontribwixxu bl-esperjenza u l-expertise għat-triq ’il quddiem. Din issa m’għadhiex sempliċiment xewqa umanistika, imma saret neċessità għas-sopravivenza tad-demokraziji tagħna’ (p. 146).

Fl-2005, l-OECD argumentat li l-policy li hemm iċ-ċans li twassal għal avvanz fil-performance fl-iskejjel kienet dik li tingħolla l-kwalità tal-għalliema. Il-policy makers u l-professjonisti involuti f’dan il-proġett jissuġġerixxu li dan l-argument jista’ jiġi żviluppat aktar – it-tħejjija tal-għalliema biex iwieġbu għad-diversità tista’ tkun il-policy li l-iktar li jkollha impatt fuq l-iżvilupp ta’ komunitajiet inklużivi.

Din il-viżjoni ta’ sistema edukattiva ekwa tinħtieġ għalliema mgħammra bil-kompetenzi biex ilħaqqu mal-ħtiġijiet diversi. Barra minn hekk huwa ttamat li dan ir-rapport-sinteżi jista’ jipprovdi xi ideat u ispirazzjoni li jitkompla l-vjaġġ li jipprovdi edukazzjoni ta’ kwalità għat-tgħalliema (learners) kollha.

## REFERENZI


Abu El Haj, T. R. u Rubin, B.C. (2009) L-irrealizzar ta' aspirazzjonijiet li jsostnu l-ekwità ta' de-tracking u inklużjoni: Lejn qafas ta' orjentazzjoni ta' kapaċità għall-edukazzjoni ta' għalliema. *Investigazzjoni Kurrikulari 39 (3), 435-463,* Toronto: L-Istitut għall-Istudji tal-Edukazzjoni Ontario

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali (2010) *Intervent Bikri fit-Tfulija – Progress u Żvilupp 2005-2010,* Odense, id-Dannimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali [European Agency for Development in Special Needs Education (2010) *Early Childhood Intervention – Progress and Developments 2005–2010*, Odense, Denmark: European Agency for Development in Special Needs Education]

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali / UNESCO (2010) *Edukazzjoni Inklużiva f'Azzjoni – Qafas ta' Proġett u Razzjonal.* Odense: Id-Dannimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Ħtiġijiet Speċjali fl-Edukazzjoni [European Agency for Development in Special Needs Education/ UNESCO (2010) *Inclusive Education in Action – Project Framework and Rationale.* Odense: Denmark: European Agency for Development in Special Needs Education]

Ainscow, M., Booth, T., Dyson, A. ma' Farrell, P., Frankham, J., Gallannaugh, F., Howes, A. and Smith, R. (2006) *Intejbu l-Iskejjel: Niżviluppaw l-Inklużjoni.* Londra: Routledge

Alexander, R. (2008) *Esejs fuq il-pedagoġija.* Londra: Routledge

Arnesen, A., Allen, J. u Simonsen, E. (eds.) (2009) *Policies u prattika għat-tagħlim tad-diversità soċjokulturali. Kunċetti, prinċipji u sfidi fl-edukazzjoni tal-għalliema.* Strasburgu: Il-Kunsill tal-Ewropa

Auguste, B., Kihn, P. u Miller, M. (2010) *Inċekknu d-divarju fejn jidħol it-talent: Niġbu u nsostu gradwati ta' livell għoli f'karrieri fit-tagħlim.* Mc. Kinsey & Company

Ayers, W. (1993) *Li ngħallmu: Il-vjaġġ ta' għalliem.* New York: Teachers College Press

Barton, L. (1997) Edukazzjoni Inklużiva: Romantika, Sovversiva jew Realistika. *Edukazzjoni Inklussiva, 3 (1), 231-242*

Bates, R. (2005) Anarkija ta’ kulturi: Il-politika tal-edukazzjoni tal-għalliema fi żminijiet ġodda. *Asia-Pacific Journal of Teacher Education, 33 (3), 231-241*

Boyd, P., Baker, l., Harris, K., Kynch, C. u McVittie, E. (2006) Naħdmu ma’ identitajiet multipli: insostnu edukazzjoni ta’ tuturi ta’ edukazzjoni ta’ għalliema fl-Edukazzjoni Ogħla, fi Bloxham, S., Twiselton, S. u Jackson, A. (edi.) *Sfidi u Opportunitajiet: niżviluppaw tgħallim u tagħlim fl-ITE fir-Renju Unit.* Il-proċedimenti tal-Konferenza ESCalate 2005 tal-Akkademja ta’ Edukazzjoni Ogħla. Sors elettroniku jinkiseb online f’: www.escalate.ac.uk/2419 (L-aħħar li ġie aċċessjat kien f’April 2011)

Boyd, P., Harris, K. u Murray, J. (2007) *Issir edukatur tal-għalliema: Linji ta’ gwida għall-induzzjoni ta’ lecturers appuntati ġodda fl-Edukazzjoni Inizjali tal-Għalliema.* L-Akkademja ta’ Edukazzjoni Ogħla, Ċentru tas-Suġġett għall-Edukazzjoni, ESCalate, l-Università ta’ Bristol

Burns, T. u Shadoian-Gersing, V. (2010) *L-Importanza ta’ edukazzjoni effettiva ta’ għalliema għal skop ta’ diversità fl-Edukazzjoni ta’ Għalliema għal Diversità – Inlaħħqu mal-Isfida.* Pariġi: OECD

Butcher, J., Howard, P., Labone, E., Bailey, M., Groundwater-Smith, S., McFadden, M., McMeniman, M., Malone, K. u Martinez, K. (2003) Edukazzjoni tal-Għalliema, servizz ta’ tgħallim fil-kommunità u l-effikaċja tal-istudenti fit-tisħib fil-kommunità. *Asia-Pacific Journal of Teacher Education, 31 (2), 109-122*

Carini, P. (2001) *Nibdew Tajjeb: Ħarsa differenti lejn it-tfal, l-iskejjel u l-istandards* New York: Teachers College Press

CAST (2008) *Disinn Universali għal-linji ta’ gwida tat-tgħallim.* 1.0. Wakefield, MA: CAST. Sors elettroniku li jista’ jinkiseb online f’: http://www.cast.org/publications/UDLguidelines/version1.html (L-aħħar aċċessjat14/01/11)

Cochran-Smith, M. (2004) *Nixmu t-triq: razza, diversità u ġustizzja soċjali fl-edukazzjoni tal-għalliema.* Serje ta’ edukazzjoni multikulturali, New York u Londra: Il-Kulleġġ tal-Għalliema, tal-Columbia University

Cochran-Smith, M. (2005) Edukaturi tal-Għalliema bħala Riċerkaturi: perspettivi multipli. It-tagħlim u l-Edukazzjoni tal-Għalliema*, 21 (2), 219-225*

COHEP (2008) Analyse und Empfehlungen: Heilpädagogik in der allgemeinen Lehrerinnen- und Lehrerbildung. [Analiżi u rakkomandazzjonijiet: edukazzjoni speċjali b'mod ġenerali u l-edukazzjoni tal-għalliema]. Arbeitsgruppe Heilpädagogik der COHEP, Dezember 2008

Darling-Hammond L. u Bransford, J. (edi.) (2005) *Inħejju l-għalliema għal dinja li qiegħda tinbidel: Dak li l-għalliema għandhom jitgħallmu u għandhom ikunu kapaċi jagħmlu.* San Francisco: Jossey-Bass

Dyson, M. (2005) L-Edukazzjoni tal-Għalliema Awstraljani: Għalkemm dħalna sew fiha hemm evidenza li kien hemm bidla sew u issa fejn se mmorru? *Il-Journal Awstraljan ta' Edukazzjoni għall-Għalliema, 30 (1), 4*, Sors elettroniku jista' jinkiseb online f': http://ro.ecu.edu.au/ajte/vol30/iss1/4 (L-aħħar aċċessjat kien f'Lulju 2011)

Dweck, C. (2006) *Massma ta' moħħ: Il-psikoloġija l-ġdida tas-suċċess:* New York: Ballantine Books

Il-Kummissjoni Ewropea DG-EAC (2010) *Il-Professjoni ta' Edukaturi tal-Għalliema fl-Ewropa. L-Edukazzjoni u l-programm ta' Taħriġ 2020, Tiġmigħ: Għalliema u Ħarrieġa.* Rapport fuq Attivitajiet ta' Tgħallim f'livell ta' koetanji, Reykjavik, Iżlanda 21-24 ta' Ġunju 2010

Il-Kunsill tal-Ministri (2010) *Il-konklużjonijiet tal-kunsill fuq id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ.* It-3013 Laqgħa tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Kultura, 11 ta' Mejju, 2010

Feyerer, E., Niedermair, C. u Tuschel, S. (2006) *Berufsfeld Sonder- und Integrationspädagogik*. Positionspapier zur Aus- und Weiterbildung an den zukünftigen Pädagogischen Hochschulen. [*Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali u għal skop ta' Edukazzjoni Inklużiva – Taħriġ u Kwalifiki Professjonali.* Position paper fuq taħriġ ta' aġġornament inizjali u kontinwu fl-Universitajiet tal-Edukazzjoni]. Wien: Bm: bwk, Abteilung I/8, 10.6.2006. Sors elettroniku jista' jinkiseb online f': http://www.cisonline.at/index.php?id=358&L=1]

Florian, L., u Rouse, M., (2009) Il-proġett tal-prattika inklużiva fl-Iskozja: L-Edukazzjoni tal-għalliema għal edukazzjoni inklużiva. *It-tagħlim u l-Edukazzjoni tal-Għalliema 25 (4), 594-601*

Forlin, C. (2010) Niżviluppaw u nimplimentaw il-kwalità ta' edukazzjoni inklużiva f'Hong Kong: implikazzjoni għall-edukazzjoni tal-għalliema. *Journal ta' Riċerka għal skop ta' Ħtiġijiet Speċjali,10 (1), 177-184*

Garcia Huidobro, J. E. (2005) *La igualdad en educacion como bien democratico y de desarollo.* Ponencia presentada en la Reunion del Comite Intergubermental del PRELAC, organizada por la UNESCO-OREALC, Santiago de Chile, 6 y 7 de Diciembre de 2005. [*Ugwaljanza fl-Edukazzjoni bħala aspett demokratiku siewi għall-iżvilupp.* Paper sottomessa lil-laqgħa tal-Kumitati Intergovermentali ta' PRELAC, organizzata mill-UNESCO-OREALC, Santiago de Chile, 6–7 Diċembru 2005]

Gultig, J. (1999) *Tista' l-edukazzjoni tal-għalliema tittrasforma t-tagħlim fl-iskejjel* Li wieħed imur l-iskola u t-tagħlim fl-Afrika t'Isfel wara l-apartheid. QASAM Laqgħa Annwali, April, 1999

Hagger, H. u McIntyre, D. (2006) *Nitgħallmu ngħallmu mill-għalliema.* Maidenhead: Open University Press

Harris, R. and Lázár, I. (2011) Modi kif inġibu l-bidlu f'Uber, J. u Mompoint-Gaillard, P. (edi.) (2011) *Edukazzjoni ta' Għalliema għal skop ta' Bidla. It-Teorija wara l-Programm Pestalozzi tal-Kunsill tal-Ewropa.* Strasburgu: Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa

Hart, S., Dixon, A., Drummond, M. J. u Mc Intyre, D. (2006) *Nitgħallmu bla Limiti*. Open University Press

Hattie, J.A.C. (2009) *Tgħallim Viżibbli: Sinteżi ta' aktar minn 800 meta-analiżijiet relatati mal-ksib (fit-tagħlim).* Oxford: Routledge

Haug, P. (2003) L-ikkwalifikar ta' għalliema għall-iskejjel għal kulħadd f'Booth, T., Nes, K. u Stromstad, M. (edi.) *L-iżviluppar ta' Għalliema għal Skop ta' Inklużjoni.* Londra: Routledge Falmer

Huber, J. (2011) Nagħmlu d-differenza f'Huber, J. u Mompoint-Gaillard, P. (eds.) (2011) *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għall-Bidla. It-Teorija wara l-Programm Pestalozzi tal-Kunsill tal-Ewropa.* Strasburgu: Il-Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa.

Huber, J. u Mompoint-Gaillard, P. (edi.) (2011) *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għall-Bidla. It-Teorija wara l-Programm Pestalozzi tal-Kunsill tal-Ewropa.* Strasburgu: Il-Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa /UNESCO (2009) *Il-Kumitat tal-Esperti fuq l-Applikazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet dwar il-Personnel tat-Tagħlim.* Rapport tal-10 Sessjoni. Parìġi, 28 ta' Settembru – 2 ta' Ottubru 2009

Ivatts, A.R. (2011) Education vs edukazzjonijiet f' Huber, J. u Mompoint-Gaillard, P. (edi.) (2011) *Edukazzjoni ta' Għalliema għall-Bidla. It-Teorija wara l-Programm Pestalozzi tal-Kunsill tal-Ewropa.* Strasburgu: Il-Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa

Jansma, F. (2011) Il-Kwalità: Kompetenza professjonali u l-kwalità tal-edukazzjoni. Paper li nqrat waqt il-proġett ta' Inklużjoni għall-Edukazzjoni ta' Għalliema f'Country Study Visit, l-Università ta' Ċipru, Marzu 2011.

Kyriazopoulou, M. u Weber, H. (edi.) (2009) *Żvilupp ta' sett ta' indikaturi – għal edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa,* Odense, id-Dannimarka: L-Aġenzija għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali [Kyriazopoulou, M. and Weber, H. (eds.) (2009) *Development of a set of indicators – for inclusive education in Europe,* Odense, Denmark: European Agency for Development in Special Needs Education]

Lauriala, A. (2011) *L-awtonomija pedagoġika tal-Għalliema bħala antiċedent għall-edukazzjoni inklużiva.* Paper li nqrat fil-proġett għall-Edukazzjoni tal-Għalliema f'Country Study Visit, l-Università ta' Lapland, April 2011

McGrady, H., Lerner, J. u Boscardin, M. L. (2001) Il-ħajjiet edukattivi ta' studenti b'diżabilitajiet fit-tgħallim f'Rodis, P. Garrod, A. u Boscardin, M. L. (eds.), *Diżabilitajiet fit-Tgħallim u stejjer tal-ħajja* (177-193). Boston: Allyn u Bacon

Meijer, C.J.W. (ed.) (2003) *Edukazzjoni Inklużiva u Prattika Effettiva fil-Klassi.* Middelfart: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijet Speċjali

Meijer, C.J.W. (ed.) (2003) *Edukazzjoni Speċjali madwar l-Ewropa fl-2003. Xejriet fil-provizjoni fi 18-il pajjiż Ewropew.* Middelfart: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżviluppp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

Menter, I., Hulme, M., Elliott, D. u Lewin, J. (2010) *Ħarsa mill-Ġdid lejn il-Letteratura fuq l-Edukazzjoni tal-Għalliema fis-seklu 21.* Ir-Riċerka Soċjali tal-Gvern Skoċċiż

Minnow, M. (1990) *Inġibu d-Differenza Kollha: L-Inklużjoni, l-Esklużjoni u l-Liġi Amerikana.* Ithaca: Cornell University Press

Moon, B. (2007) *Analiżi ta' Riċerka; Niġbdu, niżviluppaw u nżommu għalliema effettivi: Ħarsa globali lejn il-policies kurrenti u l-prattika.* Working Paper tal-UNESCO

Moran, A. (2009) Jista' mudell ta' kompetenza jew stards jiffaċilita approċju inklużiv għal edukazzjoni tal-għalliema? *Il-Journal Internazzjonali tal-Edukazzjoni Inklużiva, 13 (1), 45-61*

Murray, J. (2005) *Ninvestigaw Prattika Tajba fl-Induzzjoni ta' Edukaturi ta' Għalliema fl-Edukazzjoni Ogħla.* ESCalate, University ta' Bristol

Naukkarinen, A. (2010) Minn diskreti għal trasformati? Niżviluppaw edukazzjoni ta' għalliema f'livell primarju ta' inklużjoni fid-dipartiment tal-edukazzjoni tal-għalliema Finlandiżi. *Journal ta' Riċerka ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 10 (1), 185-196*

In-Nazzjonijiet Uniti (2006). *Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà* New York: In-Nazzjonijiet Uniti. Sorsi elettroniċi jistgħu jinkisbu online minn: http://www.un.org/disabilities/convention/conventionfull.shtml

Norwich, B. (2010) Tweġiba għal 'Ħtiġijiet Edukazzjonali Speċjali: Ħarsa Ġdida' f'Terzi, L. (ed.) (2010) *Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali: Ħarsa Ġdida.* Londra: Kontinwu

Ofsted (2008) Kemm qegħdin fil-verità għallilema ġodda jiġu mħejjija biex jgħallmu studenti b'diffikultajiet fit-tgħallim u/jew diżabilitajiet. Londra: Ofsted www.ofsted.gov.uk

Ólafsdóttir, Ó. (2011) 'Il Quddiem f' Huber, J. u Mompoint-Gaillard, P. (edi.) (2011) *L-Edukazzjoni tal-Għalliema għall-Bidla. It-Teorija wara l-Programm Pestalozzi tal-KUnsill tal-Ewropa.* Strasburgu: Il-Pubblikazzjonijiet tal-Kunsilll tal-Ewropa

L-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali (2005) *Linji ta' Gwida għall-Inklużjoni: Nassiguraw Aċċess għal Edukazzjoni għal Kulħadd.* Pariġi: UNESCO

L-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali (2009) *Linji ta' Gwida ta' Policy għal Inklużjoni fl-Edukazzjoni.* Pariġi: UNESCO

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2011) *Rapport Dinji fuq id-Diżabiltà.* Geneva: L-Isvizzera, WHO

L-Organizzazzjoni għal Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (2005) *L-Għalliema huma ta' Ħtieġa: Niġbdu, Niżviluppaw u Nżommu Għalliema Effettivi.* Pariġi: OECD

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (2007) *M'Hemmx Aktar Fallimenti: Għaxar passi lejn l-ekwità fl-Edukazzjoni.* Pariġi: OECD

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (2010) *Intejbu s-saħħa u l-koeżjoni soċjali permezz tal-edukazzjoni.* Pariġi: OECD

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (2010) *Nedukaw l-Għalliema għad-Diversità. Inlaħħqu mal-Isfidi.* Pariġi: OECD

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (2011) *PISA f'Foku 2. Intejbu l-ħidma: immexxu minn isfel.* Marzu 2011

Pijl, S.J. (2010) Inħejju lill-għalliema għall-edukazzjoni inklużiva: xi riflessjoni mill-Olanda. *Journal ta' riċerka għal Ħtiġijiet ta' Edukazzjoni Speċjali, 10 (1), 197-201*

Pollard, A., Anderson, J., Maddock, M., Swaffield, S., Warin, J. u Warwick, P. (2005) *Tagħlim riflessiv. Prattika mibnija fuq l-evidenza – it-3et Edizzjoni.* Londra: Continuum

Pugach, M.C. u Blanton, L.P. (2009) Qafas biex issir riċerka fuq l-edukazzjoni ta' ta' kollaborazzjoni bejn l-għalliema. *It-Tgħallim u l-Edukazzjoni tal-Għalliema, 25 (4), 575-582*

Richardson, V. (1996) Ir-Rwol tal-attitudnijiet u t-twemmin fit-tgħallim biex wieħed jgħallem f'Sikula, J. (ed.) *Manwal ta' Riċerka għall-Edukazzjoni tal-Għalliema, it-2ieni edizzjoni.* New York: Macmillan

Rodriguez, H. (2010) *Seba' Komponenti Essenzjali għall-Edukazzjoni tal-Għalliema għall-Inklużjoni.* Paper imħejjija għall-Edukazzjoni Inklużiva fil-Proġett ta' Azzjoni. Sors elettroniku jista' jinkiseb online f': http://www.inclusive-education-in-action.org/iea/index.php?menuid=25&reporeid=247

Ryan, T.G. (2009) Analiżi ta' perċezzjonijiet ta' inklużjoni fl-għalliema pri-servizz: *Journal ta' Riċerka għal Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali, 9 (3), 180-187*

Sachs, J. (2003) *Il-professjoni attivista tat-tagħlim.* Buckingham: Open University Press

Schön, D. (1983) *Il-Prattikant Riflessiv* New York: Basic Books

Sciberras, M. (2011) *Il-Profil ta' Għalliema Inklużivi – Reazzjonijiet u Riflessjonijiet.* Paper li nqrat fil-proġett tal-Edukazzjoni ta' Għalliema għal Inklużjoni tal-Country Study Visit, l-Università ta' Malta, Marzu 2011

Shulman, L. (2007) *Lecture ewlieni għall-Konferernza tal-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Kulleġġi għal Edukazzjoni tal-Għalliema* New Orleans, Frar 2007

Sliwka, A. (2010) Minn omoġeneità għal diversità fl-edukazzjoni fil-Ġermanja. F' *Nedukaw l-Għalliema għad-Diversità – Inlaħħqu mal-Isfida.* Pariġi: OECD

Snoek, M., Swennen, A. u van der Klink, M. (2009) *L-edukatur għalliem: fattur li ma ngħatax każ fid-dibattitu ta' żmienna fuq l-edukazzjoni tal-għalliema.* TEPE, 2009

Swennen., A. u van der Klink, M. (2009) *Issir edukatur tal-għalliema. Teorija u prattika għall-edukaturi tal-għalliema.* Dordrecht: Springer

UNESCO-IBE (2008) Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet fuq it-48 sessjoni tal-*Konferenza Internazzjonali fuq l-Edukazzjoni* (ED/BIE/CONFINTED 48/5) Geneva: UNESCO IBE. Sors elettroniku jista' jinkiseb online f' http://www.ibe.unesco.org/en/ice/48th-ice-2008/conclusions-and-recommendations.html

Vygotsky, L. S. (1986) *Ħsieb u lingwa (Edizzjoni Riveduta)* Cambridge: MIT Press

Warford, M. (2011) Iz-zona tal-iżvilupp prossimali tal-għalliem. *It-Tagħlim u l-Edukazzjoni tal-Għalliema, 27, 252-258*

Watkins, A. (ed.) (2007) *Assessjar f'ambjenti Inklużivi – Oqsma Ewlenin għall-Policy u l-Prattika.* Odense, id-Dannimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali [Watkins, A. (ed.) (2007) *Assessment in Inclusive Settings – Key Issues for Policy and Practice.* Odense, Denmark: European Agency for Development in Special Needs Education]

Willms, D.J. (2006) *Divarji fit-Tgħallim: Għaxar mmistoqsijiet ta' policy dwar is-is-sehim u l-ekwità fl-iskejjel u fis-sistemi ta' skejjel.* Montreal: L-Istitut tal-Istatistika tal-UNESCO

# IL-KONTRIBUTURI

| **Il-Pajjiż** | **L-Isem** |
|---|---|
| L-Awstrija | Mr Ivo Brunner |
| | Mr Ewald Feyerer |
| Il-Belġju (Il-Kommunità li titkellem bil-Fjammin) | Ms Annet de Vroey |
| Il-Belġju (Il-Kommunità li titkellem bil-Franċiż) | Mr Jean-Claude De Vreese |
| Ċipru | Ms Elli Hadjigeorgiou |
| | Ms Simoni Symeonidou |
| Ir-Repubblika Ċeka | Ms Kateřina Vitásková |
| | Ms Miroslava Salavcová |
| Id-Dannimarka | Ms Bodil Gaarsmand |
| | Mr Nils-Georg Lundberg |
| L-Estonja | Ms Vilja Saluveer |
| | Ms Karmen Trasberg |
| Il-Fillandja | Ms Suvi Lakkala |
| | Ms Helena Thuneberg |
| Franza | Ms Nathalie Lewi-Dumont |
| | Ms Catherine Dorison |
| Il-Ġermanja | Mr Thomas Franzkowiak |
| | Ms Kerstin Merz-Atalik |
| L-Ungerija | Ms Csilla Stéger |
| | Mr Iván Falus |
| L-Iżlanda | Ms Hafdís Guðjónsdóttir |
| | Ms Jóhanna Karlsdóttir |
| L-Irlanda | Mr Alan Sayles |
| | Ms Áine Lawlor |
| Il-Latvja | Ms Guntra Kaufmane |
| | Ms Sarmīte Tūbele |
| Il-Litwanja | Mr Giedrius Vaidelis |
| | Ms Lina Milteniene |

| | |
|---|---|
| Il-Lussemburgu | Mr Alain Adams |
| Malta | Ms Felicienne Mallia Borg<br>Mr Paul Bartolo |
| L-Olanda | Mr Frank Jansma<br>Mr Dominique Hoozemans |
| In-Norveġja | Ms Toril Fiva<br>Ms Unni Vere Midthassel |
| Il-Polonja | Ms Agnieszka Wołowicz<br>Ms Beata Rola |
| Il-Portugal | Ms Maria Manuela Micaelo<br>Ms Maria Manuela Sanches Ferreira |
| Is-Slovenja | Ms Damjana Kogovšek |
| Spanja | Ms Pilar Pérez Esteve<br>Mr Gerardo Echeita Sarrionandia |
| L-Isvezja | Mr Bengt Persson |
| L-Isvizzera | Mr Pierre-André Doudin<br>Mr Reto Luder |
| Ir-Renju Unit (L-Ingilterra) | Mr Brahm Norwich<br>Mr John Cornwall |
| Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq) | Mr John Anderson<br>Mr Martin Hagan |
| Ir-Renju Unit (L-Iskozja) | Ms Lani Florian |
| Ir-Renju Unit (Wales) | Mr Huw Roberts<br>Ms Sue Davies |

Nixtiequ wkoll nagħrfu l-kontribuzzjonijiet magħmula minn:

| | |
|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | Ms Iva Strnadová<br>Ms Radka Topinková |
| Il-Fillandja | Ms Marita Makinen |
| Franza | Mr Pierre Francois Gachet |
| Il-Lussemburgu | Mr Marco Suman |

| | |
|---|---|
| | Ms Joëlle Renoir |
| L-Olanda | Mr Rutger Stafleu |
| | Mr Jos Louwe |
| In-Norveġja | Ms Marit Stromstad |
| L-Isvezja | Ms Kerstin Hultgren |
| Ir-Renju Unit (Wales) | Mr Cliff Warwick |

Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw b'mod partikulari lil: Kari Nes, Kunsulent tal-Proġett u l-membri tal-PAG għas-sostenn tagħhom: Bernadette Céleste, France; Don Mahon, L-Irlanda; Mudite Reigase, il-Latvja; Irene Moser, L-Awstrija (membru tal-grupp sa Settembru 2010).

MT

*L-Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' Inklużjoni madwar l-Ewropa – Sfidi u opportunitajiet* jippreżenta sinteżi tal-policy u l-prattika mill-25 pajjiż membru tal-Agency. Il-proġett tal-Edukazzjoni tal-Għalliema għal skop ta' Inklużjoni investiga kif l-għalliema kollha huma mħejjija permezz ta' taħriġ inizjali biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tat-tgħallimin (learners), dejjem aktar diversi fil-klassi.

Ir-rapport  jibbaża ruħu fuq akkonti dettaljati ta' policy u prattika f'dan il-qasam ta' xogħol, imħejji mill-pajjiżi parteċipanti; kif ukoll fuq il-policy u t-tagħrif miksub mil-letteratura u l-informazzjoni miġbura waqt żjajjar għal skop ta' studju fil-pajjiżi.

Ir-rapport jippreżenta l-metodoloġija tal-proġett u l-kuntest tal-isfond għat-tagħlim tal-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni fl-Ewropa; jinkludi wkoll tagħrif dwar l-istrutturi u l-kontenut ta' programmi ta' edukazzjoni għall-għalliema, li fih issib il-prattika tat-tagħlim, ir-rwol u l-iżvilupp ta' edukaturi tal-għalliema, u l-kompetenzi meqjusa bħala neċessarji biex wieħed ikun għalliem inkluživ effettiv.

F'dan id-dokument wieħed isib eżempji ta' prattika innovattiva. Fl-istess ħin dan id-dokument jikkonkludi bi studju ta' qafas ta' policy usa' biex isostni l-edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni, sommarju ta' oqsma ewlenin, u sfidi. Ir-rapport jagħmel rakkomandazzjonijiet għal policy usa' u, iktar speċifikatament biex isostni aktar żvilupp ta' edukazzjoni tal-għalliema għal skop ta' inklużjoni.